

Il-Ġurnal Uffiċjali

ta' l-Unjoni Ewropea

L 75

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 51

18 ta' Marzu 2008

Werrej

I Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 236/2008 ta' l-10 ta' Marzu 2008 li jwaqqaf ir-reviżjoni interim parzjali skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 tad-dazju ta' anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' nitrat ta' l-ammonju li joriġina fir-Russja** 1
- ★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 237/2008 ta' l-10 ta' Marzu 2008 li jtemm ir-reviżjoni interim parzjali skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 tad-dazju ta' anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' nitrat ta' l-ammonju li joriġina, *inter alia*, fl-Ukraina** 8
- ★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 238/2008 ta' l-10 ta' Marzu 2008 li jtemm ir-reviżjoni parzjali interim skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 tad-dazju ta' l-anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' soluzzjonijiet ta' l-urea u ton-nitrat ta' l-ammonju li joriġinaw fir-Russja** 14
- ★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 239/2008 tas-17 ta' Marzu 2008 li jimponi dazju definittiv ta' anti-dumping u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' kokk tal-faħam f'biċċiet ta' dijametru ta' aktar minn 80 mm (Kokk 80+) li joriġina mir-Repubblika Popolari ta' Ċina** 22
- ★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 240/2008 tas-17 ta' Marzu 2008 li jirrevoka d-dazju ta' anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' urea li joriġinaw fil-Belarus, fil-Kroazja, fil-Libja u fl-Ukraina, wara revizzjoni ta' skadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 384/96** 33
- ★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 241/2008 tas-17 ta' Marzu 2008 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim tas-Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea-Bissaw** 49

Prezz: 18 EUR

(Ikompli fil-paġna ta' wara)



L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

- ★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 242/2008 tas-17 ta' Marzu 2008 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Kosta ta' l-Avorju, min-naħa l-oħra** 51
 - ★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 243/2008 tas-17 ta' Marzu 2008 li jimponi ċerti miżuri restrittivi fir-rigward ta' l-awtoritajiet illegali tal-Gżira ta' Anjouan fl-Unjoni tal-Komoros** 53
 - Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 244/2008 tas-17 ta' Marzu 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix 60
 - ★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 245/2008 tas-17 ta' Marzu 2008 li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 1249/96 dwar regoli ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 f'dak li jirrigwarda d-dazji ta' l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali** 62
 - ★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 246/2008 tas-17 ta' Marzu 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1043/2005 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 f'dak li jirrigwarda s-sistema ta' rifużjonijiet għall-esportazzjoni fuq xi prodotti agrikoli esportati fil-forma ta' prodotti li ma jaqgħux taħt l-Anness I tat-Trattat, u l-kriterji biex jiġi ffixsat l-ammont ta' dawn ir-rifużjonijiet** 64
-

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

Kummissjoni

2008/227/KE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Marzu 2008 li jtemm il-proċediment *anti-dumping* li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' alkoħol polyvinyl li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u t-Tajwan u li jirrilaxxa l-ammonti assigurati permezz tad-dazji provviżorji imposti** 66
-

III *Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE*

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

- ★ **Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/228/PESK tas-17 ta' Marzu 2008 li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2006/304/PESK dwar it-twaqqif ta' Grupp ta' Ppjanar ta' l-UE (EUPT Kosovo) fir-rigward ta' operazzjoni, eventwalment possibbli, ta' l-UE ta' l-immaniġġar ta' kriżi fil-qasam ta' l-istat ta' dritt u possibbilment f'oqsma oħra fil-Kosovo** 78
- ★ **Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/229/PESK tas-17 ta' Marzu 2008 li tememda l-Azzjoni Konġunta 2007/369/PESK dwar l-istabbiliment tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea fl-Afganistan (EUPOL AFGHANISTAN)** 80



- ★ **Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/230/PESK tas-17 ta' Marzu 2008 dwar appoġġ għall-attivitajiet ta' l-UE sabiex issir promozzjoni tal-kontroll ta' armi għall-esportazzjoni u l-prinċipji u l-kriterji tal-Kodiċi ta' Kondotta ta' l-UE dwar l-Esportazzjoni ta' l-Armi bejn pajjiżi terzi 81**



I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 236/2008

ta' l-10 ta' Marzu 2008

li jwaqqaf ir-reviżjoni *interim* parzjali skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 tad-dazju ta' anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' nitrat ta' l-ammonju li joriġina fir-Russja

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROĊEDURA

1. Miżuri fis-seħħ

(1) Il-miżuri fis-seħħ bħalissa huma dazju definittiv ta' anti-dumping impost mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 658/2002 ⁽²⁾, fuq importazzjonijiet tan-nitrat ta' l-ammonju li joriġina fir-Russja.

2. Talba għal reviżjoni

(2) Il-Kummissjoni rċeviet talba għal reviżjoni *interim* parzjali skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku.

(3) It-talba tressqet minn żewġ produttori esportaturi relatati fir-Russja, li huma tal-kumpanija *holding* "Acron", bl-isem

ta' OJSC Acron u OJSC Dorogobuzh. Dawn iż-żewġ kumpaniji, minħabba r-relazzjoni tagħhom, huma ttrattati bħala entità waħda għall-għan ta' l-investigazzjoni attwali ("l-applikant"). It-talba hija limitata fl-ambitu għall-eżaminar ta' dumping sa fejn huwa kkonċernat l-applikant.

(4) L-applikant allega u pprovda biżżejjed evidenza *prima facie* li ċ-ċirkustanzi, li fuq il-bażi tagħhom ġew stabbiliti l-miżuri, inbidlu u li dawn it-tibdiliet huma ta' natura dejjiema. L-applikant ipprovda evidenza *prima facie* li turi li t-tqabbil bejn l-ispejjeż tiegħu tan-nitrat ta' l-ammonju u l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni tiegħu fil-Komunità jwassal għal tnaqqis ta' dumping b'mod sinifikanti taħt il-livell tal-miżuri attwali. Għalhekk, ma għadhiex meħtieġa t-tkomplija ta' l-impożizzjoni ta' miżuri fil-livelli eżistenti, li kienu msejsa fuq il-livell ta' dumping stabbilit qabel, bħala kumpens għal dumping.

3. Inizjazzjoni

(5) Wara li ġie stabbilit, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li teżisti biżżejjed evidenza biex jingħata bidu għal reviżjoni *interim* parzjali, il-Kummissjoni, fid-19 ta' Diċembru 2006, permezz ta' avviż ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* ⁽³⁾, tat bidu għal reviżjoni *interim* parzjali tal-miżuri ta' anti-dumping applikabli għal importazzjonijiet ta' nitrat ta' l-ammonju li joriġina fir-Russja skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku.

(6) Din ir-reviżjoni kienet limitata fl-ambitu għal dumping, bil-għan li tevalwa l-ħtieġa għat-tkomplija, it-tneħħija jew l-emenda tal-miżuri attwali fir-rigward ta' l-applikant.

⁽¹⁾ ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

⁽²⁾ ĠU L 102, 18.4.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 945/2005 (ĠU L 160, 23.6.2005, p. 1).

⁽³⁾ ĠU C 311, 19.12.2006, p. 55.

4. Investigazzjoni

- (7) L-investigazzjoni tad-dumping kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2005 sat-30 ta' Settembru 2006 ("il-perjodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni" jew "PIR").
- (8) Il-Kummissjoni għarrfet b'mod uffiċjali lill-applikant, kif ukoll lir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur u l-industrija Komunitarja bil-bidu tar-reviżjoni. Il-partijiet interessati ngħataw l-oppurtunità li jressqu l-opinjoni tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta ta' smiġh.
- (9) Il-partijiet kollha interessati, li għamlu talba u wrew li kien hemm raġunijiet partikolari li għalihom kellhom jinstemgħu, ingħataw il-possibbiltà ta' seduta ta' smiġh.
- (10) L-applikant u l-kumpaniji tal-bejgħ relatati tiegħu fis-suq lokali Russu ntbagħtilhom kwestjonarju. L-applikant kif ukoll tnejn mill-kumpaniji tal-bejgħ relatati bagħtu t-tweġibiet kollha għall-kwestjonarju.
- (11) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat it-tagħrif kollu li qieset meħtieġ għad-determinazzjoni tad-dumping. Twettqu żjarat ta' verifika fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:
- (a) Il-produtturi esportaturi:
- OJSC Acron
 - OJSC Dorogobuzh
- (b) Il-kumpaniji tal-bejgħ relatati
- JSC Rostragronova
 - JSC Kubanagronova

B. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

1. Il-prodott ikkonċernat

- (12) Il-prodott li qed jiġi rivedut huwa l-istess bħal fl-investigazzjonijiet imsemmija fil-premessa 1, jiġifieri fertilizzanti solidi b'kontenut tan-nitrat ta' l-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż li joriġina fir-Russja ("il-prodott ikkonċernat"), attwalment ikklassifikat fi ħdan il-kodiċi NM 3102 30 90, 3102 40 90, ex 3102 29 00, ex 3102 60 00, ex 3102 90 00, ex 3105 10 00, ex 3105 20 10, ex 3105 51 00, ex 3105 59 00 u ex 3105 90 91.

2. Il-prodott simili

- (13) Kif stabbilit fl-investigazzjonijiet preċedenti u kkonfermat f'din l-investigazzjoni, il-prodott ikkonċernat u l-prodotti

mmanifatturati u mibjugħa mill-applikant fis-suq lokali Russu nstabu li kellhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi u essenzjalment l-istess użu u għalhekk huma meqjusa bħala prodotti simili fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku. Minħabba li r-reviżjoni attwali hija limitata għad-determinazzjoni tad-dumping sa fejn huwa kkonċernat l-applikant, ma ntlaħqu l-ebda konklużjonijiet fir-rigward tal-prodott magħmul u mibjugħ mill-industrija Komunitarja fis-suq Komunitarju.

C. RIŻULTATI TA' L-INVESTIGAZZJONI

- (14) Skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk iċ-ċirkustanzi li fuq il-bażi tagħhom ġie msejjes il-marġni ta' dumping attwali nbidlux u jekk dan it-tibdil huwiex ta' natura dejjiema.

1. Valur normali

- (15) Sabiex ikun stabbilit il-valur normali, l-ewwel ġie vverifikat li l-bejgħ lokali totali ta' l-applikant kien rappreżentattiv skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ lokali ta' l-applikant instab li kien rappreżentattiv meta mqabbel mal-bejgħ għall-esportazzjoni minħabba li r-rappreżenta aktar minn 5 % tal-volum tal-bejgħ għall-esportazzjoni totali lill-Komunità.
- (16) Sussegwentement il-Kummissjoni eżaminat jekk il-bejgħ lokali jistax jitqies bħala li sar fl-andament normali tal-kummerċ skond l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. Għaldaqstant, ġiet eżaminata l-ispiża tal-produzzjoni tal-prodott magħmul u mibjugħ mill-applikant fis-suq lokali.
- (17) Il-gass huwa komponent ewlieni ta' materja prima fil-proċess ta' manifattura tal-prodott ikkonċernat u jirrapreżenta parti sinifikanti mill-ispiża totali tal-produzzjoni. Skond l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk l-ispejjeż marbuta mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott meqjus kinux riflessi b'mod raġonevoli fir-reġistri tal-partijiet ikkonċernati.
- (18) Ġie stabbilit fuq il-bażi tad-data ppubblikata minn għejun speċjalizzati fis-swieq ta' l-enerġija u magħrufa internazzjonalment, li l-prezzijiet imħallsa mill-applikant kienu baxxi b'mod anormali. Bħala indikazzjoni, dawn kienu jammontaw għal wieħed minn kull ħamsa tal-prezz ta' l-esportazzjoni tal-gass naturali mir-Russja u kienu wkoll orħos b'mod sinifikanti mill-prezz tal-gass imħallas mill-produtturi Komunitarji. F'dan ir-rigward, id-data kollha disponibbli tindika li l-prezzijiet tal-gass lokali fir-Russja kienu prezzijiet regolati, li huma ferm taħt il-prezzijiet tas-suq imħallsa fi swieq mhux regolati għall-gass naturali.

- (19) Minħabba li l-ispejjeż tal-gass ma kinux riflessi b'mod raġonevoli fir-reġistri ta' l-applikant, dawn kellhom jiġu aġġustati skond dan. Fin-nuqqas ta' prezzijiet tal-gass mhux distorti relatati mas-suq lokali Russu, u skond l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, il-prezzijiet tal-gass kellhom jiġu stabbiliti fuq "kwalunkwe bażi raġonevoli oħra, inkluż tagħrif minn swieq rappreżentattivi oħrajn". Il-prezz aġġustat issejjes fuq il-prezz medju tal-gass Russu meta mibjugħ għall-esportazzjoni fil-fruntiera Ġermaniża/Ċeka (Waidhaus), nett ta' l-ispejjeż tat-trasport u aġġustat biex jirrifletti l-ispejjeż għad-distribuzzjoni lokali. Waidhaus, peress li huwa ċentru ewlieni għall-bejgħ tal-gass Russu lill-UE, li hija kemm l-akbar suq għall-gass Russu kif ukoll għandha prezzijiet li jirriflettu b'mod raġonevoli l-ispejjeż, jista' jitqies bħala suq rappreżentattiv.
- (20) Wara l-iżvelar, l-applikant saħaq li kull aġġustament tal-prezz tal-gass tiegħu mħallas fis-suq lokali ma jkun iġġustifikat minħabba li r-reġistri tal-kontabilità tal-kumpanija jirriflettu bis-sħiħ l-ispejjeż assoċjati ma' l-attività tal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott simili fil-pajjiż ta' l-oriġini.
- (21) Madankollu, meta ġiet eżaminata l-ispiża tal-produzzjoni tal-prodott simili taħt l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, kellu jiġi stabbilit jekk l-ispejjeż kif imniżżla fil-kontijiet tal-kumpanija humiex jirriflettu b'mod raġonevoli l-ispejjeż assoċjati mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott investigat. Għar-raġunijiet stipulati hawn fuq fil-premessa (18), instab li dan ma kienx il-każ. L-applikant ma ndirizzax id-differenza sinifikanti apparenti bejn il-prezz tal-gass imħallas fis-suq lokali Russu u l-prezz ta' esportazzjoni tal-gass naturali mir-Russja fuq naħa, u dak imħallas mill-produtturi Komunitarji fuq naħa oħra. Ma ndirizzax ukoll il-fatt li prezzijiet lokali għal gass naturali kienu rregolati fir-Russja u ma setgħux jitqiesu bħala li jirriflettu b'mod raġonevoli prezz normalment imħallas fi swieq mhux distorti. Fl-aħħarnett, l-applikant ma spjegax għaliex, minkejja r-raġunijiet stipulati fil-premessa (18), l-ispiża tal-gass użat għall-produzzjoni tal-prodott simili mibjugħ fis-suq lokali tkun riflessa b'mod raġonevoli fir-reġistri tiegħu. Għalhekk din il-pretensjoni kellha tiġi miċħuda.
- (22) L-applikant saħaq ukoll li billi jsir aġġustament għall-gass, *de facto* ntużat metodoloġija biex jiġi stabbilit valur normali li mhix prevista mir-Regolament bażiku. Għalhekk, jekk l-ispejjeż tal-gass lokali jinbidlu bl-ispejjeż ikkalkolati kif deskritt hawn fuq fil-premessa (19), u minħabba li dawn l-ispejjeż huma parti kbira mill-ispejjeż totali tal-prodott simili u għalhekk mill-valur normali mibni wkoll, il-valur normali jkun stabbilit *de facto* minn *data* minn suq terz "rappreżentattiv". F'dan ir-rigward, l-applikant argumenta li għal pajjiżi b'economija tas-suq, ir-Regolament bażiku iżda jipprevedi biss il-metodoloġija li ġejjin għad-determinazzjoni tal-valur normali:
- (i) fuq il-bażi tal-prezz lokali tal-prodott simili fl-andament normali tal-kummerċ, jew minflok, f'każ li l-bejgħ ma jsirx fl-andament normali tal-kummerċ,
- (ii) fuq il-bażi ta' l-ispiża tal-produzzjoni fil-pajjiż ta' l-oriġini (flimkien ma' ammont raġonevoli għall-ispejjeż tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi (SG&A) u għall-qligħ) jew
- (iii) prezzijiet ta' esportazzjoni rappreżentattivi tal-prodott simili minn pajjiż terz xieraq. L-applikant ikkonkluda li fuq din il-bażi, il-valur normal ma għandux jissejjes fuq *data* minn suq terz rappreżentattiv.
- (23) F'dan ir-rigward u kif spjegat hawn isfel fil-premessa (45) sa (48), ta' min jinnotta l-ewwel li l-valur normali ġie stabbilit skond il-metodoloġija mfissra fl-Artikolu 2(1) sa (6) tar-Regolament bażiku. Madankollu, sabiex ikun stabbilit jekk il-bejgħ lokali sarx fl-andament normali tal-kummerċ bir-raġuni ta' prezz, jiġifieri jekk kienx profittabbli, l-ewwel irid jiġi stabbilit jekk l-ispejjeż ta' l-applikant kinux bażi ta' min joqgħod fuqha fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku. Il-metodoloġija li għandha tintuża biex jiġi stabbilit l-valur normali tista' tiġi determinata biss wara li l-ispejjeż jiġu stabbiliti b'mod ta' min joqgħod fuqu. Għaldaqstant huwa ħażin li wieħed jshaq li billi ġew determinati l-ispejjeż ta' min joqgħod fuqhom skond l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, ġiet introdotta metodoloġija ġdida biex jiġi stabbilit valur normali.
- (24) L-applikant barra minn hekk argumenta li meta jseħħ l-aġġustament ta' l-ispiża skond l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, il-livell ta' l-ispejjeż aġġustati ma jstax jaqbeż il-livell ta' l-ispejjeż rispettivi fil-pajjiż esportatur. Inkella, il-metodoloġija użata għall-aġġustament ta' l-ispiża tkun qed tikser l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku li jstipula li l-valur normali tal-prodott simili għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi ta' l-ispejjeż tal-produzzjoni *fil-pajjiż ta' l-oriġini*.
- (25) L-aġġustament ta' l-ispiża sar skond l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku. L-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku ma jirreferix għall-"ispiża tal-produzzjoni fil-pajjiż ta' l-oriġini", iżda jintitola b'mod espliċitu l-Istituzzjonijiet għall-użu ta' l-ispiża tal-produzzjoni li tkun ġejja "minn suq rappreżentattiv ieħor" f'pajjiżi oħrajn għajr għall-pajjiż ta' l-oriġini. L-argument ta' l-applikant kellu għalhekk jiġi miċħud.
- (26) Fl-aħħarnett, is-sejbiet stipulati hawn fuq fil-premessa (18) sa (19) ukoll mhumieħ f'kuntrast għall-Artikolu 1 tar-Regolament bażiku, kif sqarr l-applikant. Anki jekk l-Artikolu 1 tar-Regolament bażiku jindika li l-valur normali għandu jiġi stabbilit minn referenza għal *data* mill-pajjiż ta' esportazzjoni, ir-Regolament bażiku jagħmilha ċara wkoll li din ir-regola hija soġġetta għall-eċċezzjonijiet.

- (27) Għalhekk l-argumenti ta' l-applikant f'dan ir-rigward kellhom jiġu miċħuda.
- (28) L-applikant saħaq ukoll li jekk ikollu jseħħ aġġustament għall-ispiża tiegħu tal-gass naturali fis-suq lokali, aġġustament tali għandu jissejjes jew fuq
- (i) il-prezzijiet ta' gass mhux regolati disponibbli fir-Russja, jew
- (ii) il-prezz ta' esportazzjoni medju tal-gass naturali Russu għall-pajjiżi Baltiċi, jew inkella
- (iii) fuq il-bażi ta' l-ispiża attwali ta' produzzjoni ta' gass naturali fir-Russja flimkien ma' marġni ta' qligħ raġonevoli.
- (29) L-ewwelnett, il-fatt li l-Kummissjoni setgħet għażlet bażi differenti ma jagħmilx l-għażla ta' Waidhaus waħda mhux raġonevoli. L-ewwel kriterju għall-għażla tal-bażi li fuqu jiġu stabbiliti l-prezzijiet tal-gass huwa li dan jirrifletti b'mod raġonevoli prezz normalment imħallas fi swieq mhux distorti. Ma hemm l-ebda dubju li din il-kundizzjoni tintlaħaq fir-rigward tal-prezzijiet f'Waidhaus. It-tieni, il-fatt li l-volum tal-gass mibjugħ bi prezzijiet mhux regolati fis-suq lokali kien baxx matul il-PIR u dawn il-prezzijiet kienu b'mod sinifikanti aktar qrib il-prezz domestiku regolat milli l-prezz ta' esportazzjoni stabbilit b'mod ħieles juri biċ-ċar li dawn il-prezzijiet mhux regolati kienu distorti mill-prezzijiet regolati l-aktar fl-użu. Għalhekk, il-prezzijiet lokali mhux regolati ma setgħux jintużaw. Tqies ukoll li l-prezzijiet Russi ta' l-esportazzjoni tal-gass lejn l-Istati Baltiċi ma kinux biżżejjed rappreżentattivi, minħabba volumi ta' esportazzjoni relattivament baxxi lejn dawn il-pajjiżi. B'żieda ma' dan, id-*data* meħtieġa rigward l-ispiża tat-trasportazzjoni u d-distribuzzjoni ma kinitx disponibbli u għalhekk, ma setgħux jiġu stabbiliti prezzijiet ta' min joqgħod fuqhom għall-Istati Baltiċi. Bla dubju l-akbar volum ta' gass huwa esportat permezz taċ-ċentru Waidhaus li b'hekk jirrappreżenta bażi xierqa għal aġġustament. L-applikant ma pprova l-ebda evidenza fir-rigward ta' l-eżistenza ta' swieq rappreżentattivi, għajr għaċ-ċentru Waidhaus, fejn il-prezzijiet jirriflettu b'mod raġonevoli prezz normalment imħallas fi swieq mhux distorti. Għalhekk, dawn l-argumenti ġew miċħuda.
- (30) F'dan il-kuntest, l-applikant saħaq ukoll li xtara madwar 50 % tal-gass naturali użat fil-produzzjoni tiegħu ta' fertilizzanti fis-suq mhux regolat Russu. L-applikant saħaq li għaldaqstant l-aġġustament ta' l-ispejjeż tal-gass tiegħu jkun diskriminatorju jekk ma jseħħx aġġustament bħal dan għal esportaturi oħrajn b'livelli ta' spiża għolja simili għal dawn ta' l-applikant. Ta' min jinnota li skond it-tweġiba vverifikata għall-kwestjonarju, ix-xiri ta' l-applikant ta' gass naturali mis-suq mhux regolat fir-Russja kien marġinali matul il-PIR. Għalhekk din il-pretensjoni kellha tiġi miċħuda.
- (31) Fir-rigward tat-tielet alternattiva msemmija taħt (iii) fil-premessa (28) hawn fuq, jiġifieri li l-aġġustament jissejjes fuq l-ispiża attwali tal-produzzjoni tal-gass naturali fir-Russja, l-ewwel ta' min jinnota li alternattiva tali mhux, kif jisħaq l-applikant, prevista espressivament fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, kif issemma fil-premessa (29), l-ewwel kriterju għall-għażla tal-bażi li fuqu jiġu stabbiliti l-prezzijiet tal-gass huwa li dan jirrifletti b'mod raġonevoli prezz normalment imħallas fi swieq mhux distorti. Għalhekk, f'dan il-kuntest huwa irrilevanti jekk il-prezz tal-gass tal-fornitur għall-konsumaturi jrendix qligħ jew le. Dan l-argument kellu għalhekk jiġi miċħud.
- (32) Barra dan, l-applikant argumenta wkoll li l-prezzijiet lokali tal-gass naturali fir-Russja regolati mill-Istat qed kull ma jmur jiżdedu u qed jilhqnu livelli li jkopru l-ispiża tal-produzzjoni tal-gass. Għalhekk, il-prezz fis-suq lokali ma jstax jitqies bħala li mhux kompetittiv jew li huwa baxx b'mod mhux raġonevoli.
- (33) Dan l-argument huwa bla bażi minħabba li l-istandard korrett għall-għażla ta' suq rappreżentattiv mhux jekk il-prezzijiet humiex profittabbli jew le iżda jekk il-prezzijiet jirriflettux b'mod raġonevoli prezz normalment imħallas fi swieq mhux distorti, kif spjegat fil-premessa (29) hawn fuq. Dan mhux il-każ għal prezzijiet regolati mill-Istat. B'żieda ma' dan, dan l-argument jikkontradixxi stqarrijiet pubbliċi mill-fornitur tal-gass Russu (kif ikkonfermat mill-kontijiet ta' verifika ppubblikati tiegħu) li l-prezzijiet tal-gass lokali Russi ma jkopru l-ispiża tal-produzzjoni, tat-trasport u tal-bejgħ. Għalhekk, dan l-argument ġie miċħud.
- (34) Fir-rigward tal-metodu ta' kalkolu tal-prezz tal-gass f'Waidhaus, l-applikant saħaq li d-dazju fuq l-esportazzjoni Russu mħallas fuq l-esportazzjonijiet kollha kellu jitnaqqas mill-prezz Waidhaus, minħabba li d-dazju ta' esportazzjoni ma jsirx lokalment.
- (35) Il-prezz tas-suq f'Waidhaus, li kien meqjus bħala suq rappreżentattiv fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, huwa l-prezz wara t-taxxi ta' esportazzjoni u mhux il-prezz qabel dawn it-taxxi. Mill-perspettiva tax-xerrej, għalih il-prezz li jrid iħallas f'Waidhaus huwa rilevanti, u f'dan ir-rigward huwa irrilevanti liema perċentwal tal-prezz jinkludi taxxa ta' esportazzjoni u liema perċentwal jitħallas lill-fornitur tal-gass. Dan ta' l-aħħar, min-naħa l-oħra, se jipprova jgħolli l-prezz tiegħu u għalhekk iżomm l-ogħla prezz li lesti jħallsu l-konsumaturi tiegħu. Meta wieħed iqis li dan il-prezz huwa ogħla mhux ħażin mill-ispejjeż tal-produzzjoni, li għalhekk jippermetti lill-fornitur tal-gass li jagħmel qligħ kbir, id-determinazzjoni tal-prezz tiegħu mhix influwenzata primarjament mill-ammont tat-taxxa ta' esportazzjoni iżda mill-prezz li l-konsumaturi tiegħu lesti li jħallsu. Għalhekk ġie konkluż li l-prezz li jinkludi t-taxxa ta' esportazzjoni, u mhux il-prezz qabel it-taxxa, huwa l-prezz stabbilit fuq is-suq mhux distort. B'konsegwenza ta' dan, l-argumenti ta' l-applikant f'dan ir-rigward ġew miċħuda.

- (36) L-applikant saħaq ukoll li l-prezz f'Waidhaus kellu jiġi aġġustat għall-kwalità, id-disponibbiltà, il-potenzjal fuq is-suq, it-trasport u kundizzjonijiet oħrajn tal-bejgħ li jkunu differenti fis-suq ta' esportazzjoni u dak lokali tal-gass naturali. Ta' min jinnota l-ewwel li l-prezz ta' Waidhaus kien aġġustat bi spiża differenti għat-trasport għas-suq ta' esportazzjoni u dak lokali u li l-pretensjoni ta' l-applikant f'dan ir-rigward ma kinitx iġġustifikata u kellha tiġi miċħuda. Fir-rigward ta' l-elementi l-oħrajn, l-applikant ma pprovdix aktar taġġir jew evidenza ta' appoġġ. B'mod partikolari, l-applikant ma wriex, u lanqas ma kien hemm taġġir ieħor disponibbli, li kien hemm differenzi fil-kwalità, fid-disponibbiltà, fil-potenzjal fuq is-suq u f'kundizzjonijiet oħrajn ta' bejgħ li kienu iġġustifikaw aktar aġġustamenti, u l-applikant lanqas ma pprova jikkwantifika dawn id-differenzi allegati.
- (37) F'dan il-kuntest, l-applikant argumenta wkoll li ma saru l-ebda aġġustamenti għal vantaġġi komparattivi naturali għall-prezz f'Waidhaus. F'dan ir-rigward intqal li minħabba li r-Russja għandha ħafna gass, kuntrarju għall-Komunità, il-prezzijiet fir-Russja jkunu naturalment aktar baxxi mill-prezz tal-gass esportat. Barra minn dan, ġie allegat li l-kapaċità ta' esportazzjoni tkun limitata mill-limiti tas-sistema ta' trasportazzjoni tal-gass eżistenti, li jżid il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni tar-Russja. L-applikant argumenta wkoll li l-"qligħ għoli anormali" tal-fornitur tal-gass Russu fis-suq ta' esportazzjoni għandu jtnaqqas mill-prezz użat f'Waidhaus.
- (38) Kif issemma fil-premessa (29) hawn fuq, l-ewwel kriterju għall-għażla tal-prezzijiet Waidhaus li fuqhom jiġu stabiliti l-prezzijiet tal-gass huwa li dawn jirriflettu b'mod raġonevoli prezz normalment imħallas fi swieq mhux distorti. Il-kundizzjonijiet tas-suq użati fis-suq lokali huma irrilevanti f'dan il-kuntest. Għaldaqstant, dawn l-argumenti kellhom jiġu miċħuda.
- (39) L-applikant oġġezzjona wkoll li ż-żieda fil-valur tad-distributuri lokali ġiet miżjuda mal-prezz tal-gass aġġustat, u saħaq li l-qligħ tad-distributuri jkun diġà inkluż fil-prezz f'Waidhaus. F'dan ir-rigward, l-applikant saħaq li d-distributuri lokali fir-Russja kienu sussidjarji tal-fornitur tal-gass u għalhekk iż-żieda tal-qligħ ta' dawn id-distributuri jista' jwassal għal għadd doppju.
- (40) Ta' min jinnota l-ewwel li ż-żieda fil-valur tad-distributuri lokali ma tinkludix biss il-marġni ta' qligħ ta' dawn il-kumpaniji iżda wkoll l-ispejjeż taġġir bejn ix-xiri u l-bejgħ mill-ġdid tal-gass naturali.
- (41) It-tieninett, dan l-argument ma setax jiġi vverifikat aktar b'mod suffiċjenti. Dan kawża tal-fatt li l-fornitur tal-gass fir-Russja u l-affiljazzjonijiet tiegħu ma kinux soġġetti għall-investigazzjoni attwali u li għalhekk ma kienx hemm biżżejjed taġġir disponibbli dwar l-organizzazzjoni u l-istruttura ta' l-ispiża taġġir. Kien innutat ukoll li l-qagħda fir-Russja f'dan ir-rigward minħabba, *inter alia*, ir-rabtiet mill-qrib bejn il-fornitur tal-gass u l-gvern Russu, ma kinitx biżżejjed trasparenti biex tippermetti biżżejjed aċċess għall-evidenza meħtieġa.
- (42) B'żieda ma' dan, l-applikant, li kien il-piż ta' evidenza, ma kienx kapaċi jressaq aktar taġġir jew evidenza li juru jekk u sa liema livell l-ispejjeż ta' distribuzzjoni kienu qegħdin jiġu inklużi fil-prezz Waidhaus. Madankollu, minħabba li konsumaturi domestiċi kienu qed jixtru l-gass minn fornituri lokali, kellu jiġi assumat li dawn kellhom iħallsu l-ispejjeż għad-distribuzzjoni lokali li mhumiex inklużi fil-prezz Waidhaus. Għalhekk, f'dan l-istadju tal-proċedura kellu jitqies li dan l-aġġustament kien iġġustifikat u għalhekk l-argument ġie miċħud.
- (43) Madankollu, l-Istituzzjonijiet Komunitarji qiesu wkoll li l-impatt fuq il-kalkolu tal-marġni tad-dumping ta' dan l-aġġustament speċifiku jista' jkun sinifikanti. Għalhekk, meta wieħed iqis il-qagħda partikolari deskritta hawn fuq fil-premessa (41), ġie meqjus li jekk l-applikant iressaq biżżejjed evidenza verifikabbli, il-Kummissjoni tista' tqis il-ftuħ mill-ġdid ta' l-investigazzjoni f'dan ir-rigward.
- (44) L-applikant għamel ukoll allegazzjonijiet dwar ipprezzar lokali mhux kompetittiv fuq il-gass fil-Ġermanja. Ta' min jinnota li l-investigazzjonijiet li għaddejjin mill-awtoritajiet ta' *antitrust* Ġermaniżi huma rigward prezzijiet tal-gass li huwa mibjugħ minn distributuri tal-gass ewlenin Ġermaniżi fis-suq lokali, u għalhekk ma huma bl-ebda mod marbuta mal-prezz li bih qed jinbiegħ il-gass esportat Russu f'Waidhaus.
- (45) Wara l-aġġustament ta' l-ispiża tal-manifattura kif deskritt hawn fuq, ma sar l-ebda bejgħ lokali fl-andament normali tal-kummerċ skond l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku.
- (46) Għalhekk ġie meqjus li prezzijiet lokali ma jipprovdwx bażi xierqa għad-determinazzjoni tal-valur normali u kellu jiġi applikat metodu ieħor. Skond l-Artikolu 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku, il-valur normali nbena billi nġhadu l-ispejjeż tal-manifattura tal-prodott ikkonċernat ta' l-esportatur, aġġustati fejn meħtieġ kif imsemmi fil-premessa (19) hawn fuq, ammont raġonevoli għal SG&A u ammont raġonevoli għall-qligħ.

(47) L-ispejjeż ta' SG&A u l-qligħ ma setgħux jiġu stabbiliti fuq il-bażi ta' l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku minħabba li l-applikant ma kellux bejgħ lokali rappreżentattiv tal-prodott ikkonċernat fl-andament normali tal-kummerċ. L-Artikolu 2(6)(a) tar-Regolament bażiku ma setax jiġi applikat, minħabba li hemm biss produttur wieħed soġġett għall-investigazzjoni. L-Artikolu 2(6)(b) ma kienx applikabbli lanqas, minħabba li l-ispiża tal-manifattura ta' l-applikant għal prodotti li jaqgħu taħt l-istess kategorija ġenerali ta' prodotti wkoll ikunu jeħtieġu l-aġġustament fir-rigward ta' l-ispejjeż tal-gass, għar-raġunijiet indikati fil-premessa (18) hawn fuq. Għalhekk, l-ispejjeż ta' SG&A u l-qligħ ġew stabbiliti skond l-Artikolu 2(6)(c) tar-Regolament bażiku.

(48) Skond l-Artikolu 2(6)(c) tar-Regolament bażiku, l-ispejjeż ta' SG&A ssejsu fuq metodu raġonevoli. Is-suq ta' l-Amerika ta' Fuq wera volum sinifikattiv ta' bejgħ lokali u livell konsiderevoli ta' kompetizzjoni kemm minn kumpaniji lokali kif ukoll minn dawk barranin. F'dan ir-rigward, tqies tagħrif disponibbli pubblikament dwar kumpaniji kbar li joperaw fis-settur tan-negożju tal-fertilizzanti. Instab li *d-data* korrispondenti minn produtturi mill-Amerika ta' Fuq (l-Istati Uniti u l-Kanada) tkun l-aktar xierqa għall-għan ta' l-investigazzjoni, dan minħabba d-disponibbiltà kbira ta' tagħrif finanzjarju pubbliku komplut u ta' min joqgħod fuq minn kumpaniji msemmija f'dan ir-reġjun tad-dinja. Għalhekk, l-ispejjeż ta' SG&A u l-qligħ ġew stabbiliti fuq il-bażi ta' l-ispejjeż ta' SG&A tal-medja bil-piż u l-qligħ minn tliet produtturi mill-Amerika ta' Fuq, li nstabu li huma fost l-akbar kumpaniji fis-settur tal-fertilizzanti tan-nitroġenu, fir-rigward tal-bejgħ lokali tagħhom ta' l-istess kategorija ġenerali ta' prodotti (fertilizzanti tan-nitroġenu). Dawn it-tliet produtturi kienu meqjusa bħala rappreżentattivi tan-negożju tal-fertilizzanti tan-nitroġenu u l-ispejjeż ta' l-SG&A u l-qligħ tagħhom kienu b'hekk rappreżentattivi ta' dawk li normalment jesperjenzaw kumpaniji li joperaw b'suċċess f'din it-taqsimha ta' negożju. Ta' min jinnota li ma kien hemm l-ebda indikazzjonijiet li l-ammont għall-qligħ stabbilit hekk jaqbeż il-qligħ ta' produtturi Russi oħrajn fuq bejgħ ta' prodotti ta' l-istess kategorija ġenerali fis-suq lokali tagħhom.

(49) L-industrija Komunitarja oġġezzjonat għall-approċċ ta' hawn fuq fir-rigward tad-determinazzjoni ta' l-SG&A u saħqet li kellu jintuża l-SG&A ta' l-applikant stess. Madankollu, l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku jistipula li l-ammonti ta' l-SG&A għandhom jissejsu biss fuq *data* li tappartjeni għall-produzzjoni u l-bejgħ tal-produttur esportatur ikkonċernat, fejn dan il-bejgħ isir fl-andament normali tal-kummerċ. Kif spjegat fil-premessi (45) sa (46), dan ma kienx il-każ u dan l-argument għalhekk kellu jiġi miċħud.

2. Prezz ta' l-esportazzjoni

(50) Skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku, il-prezz ta' l-esportazzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezz li tħallas

jew jista' jitħallas għall-prodott ikkonċernat meta mibjugħ għall-esportazzjoni lill-Komunità.

3. Tqabbil

(51) Il-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni tqabblu fuq bażi ta' *ex* fabrika. Għall-għan li jiġi żgurat tqabbil ġust bejn il-valuri normali u l-prezzijiet ta' esportazzjoni, ingħata kumpens xieraq fil-forma ta' aġġustament għad-differenzi li jaffettwaw il-prezz u t-tqabbil tal-prezz skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Ingħataw aġġustamenti xierqa fir-rigward ta' trasport, kreditu, ippakkjar u tariffi bankarji fejn xieraq, preċiż u fejn kien hemm evidenza vverifikata ta' appoġġ.

4. Marġni ta' dumping

(52) Il-marġni ta' dumping ġie stabbilit fuq il-bażi ta' tqabbil ta' valur normali medju bil-piż ma' prezz ta' l-esportazzjoni medju bil-piż, skond l-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(53) L-investigazzjoni wriet li d-dumping sar matul il-PIR. Il-marġni ta' dumping espress bħala perċentwali tal-prezz tal-fruntiera tal-Komunità CIF, dazju mhux imħallas, huwa 42,06 %.

5. Natura dejiema taċ-ċirkustanzi eżistenti matul il-PI

(54) Skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, saret analiżi dwar jekk il-bidla fiċ-ċirkustanzi fir-rigward tad-dumping jistax jingħad li hija ta' natura dejiema.

(55) F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnutat li l-valur normali l-investigazzjoni oriġinali ġie stabbilit fuq il-bażi ta' prezzijiet tal-bejgħ profittabbli fis-suq domestiku ta' l-Istati Uniti, minħabba li r-Russja ma kinitx pajjiż b'ekonomija tas-suq dak iż-żmien. Fil-kuntest ta' l-investigazzjoni ta' reviżjoni attwali, ir-Russja hija meqjusa bħala pajjiż b'ekonomija tas-suq, u l-valur normali għalhekk ġie stabbilit fuq il-bażi ta' l-ispiża tal-produzzjoni ta' l-applikant stess, u aġġustat fejn meħtieġ. Ma nstabu l-ebda indikazzjonijiet li l-valur normali stabbilit matul ir-reviżjoni attwali ma jistax jitqies bħala ta' natura dejiema.

(56) Lanqas ma nstabet evidenza li l-bejgħ għall-esportazzjoni mhux se jibqa' jseħħ fil-livell tal-prezz attwali.

(57) Fuq din il-bażi, huwa konkluż li ċ-ċirkustanzi mibdula fir-rigward ta' l-investigazzjoni oriġinali fir-rigward tad-dumping (issa msejsa fuq tqabbil tal-valur normali u l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni ta' l-applikant stess) jistgħu jitqiesu b'mod raġonevoli bħala li huma ta' natura dejiema.

D. TMIEM TAR-REVIŻJONI

- (58) Minħabba li fl-investigazzjoni oriġinali d-dazju kien impost fil-forma ta' ammont speċifiku għal kull tunnel-lata, dan għandu jkollu l-istess forma fl-investigazzjoni attwali. Id-dazju kkalkolat fuq il-bażi tal-marġni attwali ta' dumping ikun EUR 48,09/t.
- (59) Ta' min ifakkar li, kif spjegat fil-premessa (94) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 658/2002, meta ġew imposti miżuri definittivi fl-2002, il-marġni ta' ħsara ġie użat biex jiġi stabbilit l-ammont ta' dazju definittiv li għandu jiġi impost skond ir-regola ta' dazju anqas. Kif definit mill-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 658/2002, id-dazju attwalment fis-seħħ jiddependi fuq tip ta' prodott speċifiku u jvarja bejn EUR 41,42/t u EUR 47,07/t.
- (60) Minħabba li d-dazju stabbilit fuq il-bażi tal-marġni attwali ta' dumping huwa oġhla mid-dazju attwali, ir-reviżjoni għandha titwaqqaf mingħajr emenda għal-livell tad-dazju applikabbli għall-applikant, li għandu jinżamm fil-livell tar-rata ta' dazju ta' anti-dumping definittiv stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali.

E. IMPENN

- (61) L-applikant esprima interess li joffri impenn iżda naqas milli jibgħat offerti ta' impenn sostanzjati biżżejjed fiż-żmien tad-dati ta' l-għeluq stabbiliti fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament bażiku. B'konsegwenza għal dan ma setgħet tiġi aċċettata l-ebda offerta ta' impenn mill-Kummissjoni. Madankollu, huwa meqjus li l-kumplessità ta' bosta kwistjonijiet, fosthom
- (1) il-volatilità tal-prezz tal-prodott ikkonċernat li jeħtieġ xi forma ta' indiċjar tal-prezzijiet minimi, filwaqt li fl-istess waqt il-volatilità mhix spjegata biżżejjed mill-aktar fattur importanti ta' l-ispiża; u
 - (2) il-qagħda tas-suq partikolari għall-prodott ikkonċernat (*inter alia*, li hemm importazzjonijiet limitati mill-esportatur soġġett għal din ir-reviżjoni).

tippona lejn il-ħtieġa li jkun meqjus aktar jekk impenn li jġib flimkien prezz minimu magħmul b'indiċi u limitu kwantitattiv jistax jaħdem.

- (62) Kif issemma hawn fuq, minħabba din il-kumplessità l-applikant ma setax ifassal offerta ta' impenn aċċettabbli sad-data ta' l-għeluq statutorja. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill iqis li l-applikant għandu eċċezzjonalment jitħalla jlesti l-offerta ta' impenn tiegħu wara d-data ta' l-għeluq imsemmija hawn fuq iżda fi żmien għaxart ijiem kalendarji mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

F. ŻVELLAR

- (63) Il-partijiet interessati ġew mgħarrfa bil-fatti u l-konsiderazzjonijiet essenzjali li fuqhom ġie deċiż li tintemm ir-reviżjoni attwali u li jinżamm id-dazju eżistenti ta' anti-dumping fuq importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat prodott mill-applikant. Il-partijiet kollha nġataw l-opportunità li jikkumentaw. Il-kummenti tagħhom tqiesu fejn kienu ġustifikati u appoġġjati minn evidenza,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu Uniku

Ir-reviżjoni *interim* parzjali tal-miżuri ta' anti-dumping applikabbli għal importazzjonijiet ta' fertilizzanti solidi b'kontenut tan-nitrat ta' l-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż li jaqa' fi ħdan il-kodiċi NM 3102 30 90, 3102 40 90, ex 3102 29 00, ex 3102 60 00, ex 3102 90 00, ex 3105 10 00, ex 3105 20 10, ex 3105 51 00, ex 3105 59 00 u ex 3105 90 91 u li joriġina fir-Russja, mibdija skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 384/96, hija b'dan imwaqqfa mingħajr emendi għall-miżuri ta' anti-dumping fis-seħħ.

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Marzu 2008.

Għall-Kunsill
Il-President
D. RUPEL

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 237/2008

ta' l-10 ta' Marzu 2008

li jtemm ir-reviżjoni *interim* parzjali skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 tad-dazju *antidumping* fuq importazzjonijiet tan-nitrat ta' l-ammonju li joriġina, *inter alia*, fl-Ukraina

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROCĊEDURA

1. Miżuri fis-seħħ

- (1) Fit-22 ta' Jannar 2001, il-Kunsill impona, bir-Regolament (KE) Nru 132/2001 ⁽²⁾, dazju definittiv ta' l-antidumping (il-"miżuri eżistenti") ta' EUR 33,25 kull tonnellata fuq l-importazzjonijiet tan-nitrat ta' l-ammonju li jaqa' taħt il-kodiċi NM 3102 30 90 u 3102 40 90 u li joriġina, *inter alia*, fl-Ukraina. L-investigazzjoni li wasslet għal miżuri eżistenti se tiġi riferuta bħala "l-investigazzjoni oriġinali".
- (2) Fis-17 ta' Mejju 2004, wara reviżjoni *interim* parzjali, permezz tar-Regolament (KE) Nru 993/2004 ⁽³⁾ il-Kunsill eżenta mid-dazji antidumping imposti mir-Regolament (KE) Nru 132/2001 l-importazzjonijiet lejn il-Komunità tal-prodott ikkonċernat immanifatturat mill-kumpaniji li minn għandhom ġew aċċettati impenji mill-Kummissjoni. Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1001/2004 ⁽⁴⁾, ġew aċċettati impenji għal perjodu ta' sitt xhur u permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1996/2004 ⁽⁵⁾ għal perjodu ulterjuri sa l-20 ta' Mejju 2005. L-għan ta' dawn l-impenji kien li jitqiesu ċerti konsegwenzi tat-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea għal 25 Stat Membru fl-1 ta' Mejju 2004.

- (3) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 945/2005, wara reviżjoni *interim* limitata fl-ambitu għad-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat, il-Kunsill iddeċieda li d-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat għandha tiġi ċċarata u li l-miżuri fis-seħħ għandhom japplikaw għall-prodott ikkonċernat meta jiġi inkorporat ma' fertilizzanti oħra, bi proporzjon mal-kontenut ta' nitrat ta' l-ammonju tagħhom, flimkien ma' sustanzi u nutrijenti oħra marġinali.

- (4) Wara reviżjoni ta' skadenza mibdija f'Jannar 2006, il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 442/2007 ⁽⁶⁾, ġedded dawn il-miżuri fil-livell attwali tagħhom għal sentejn. Il-miżuri jikkonsistu f'dazji speċifiċi.

2. Talba għal reviżjoni

- (5) Tressqet talba għal reviżjoni *interim* parzjali skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku mill-Open Joint Stock Company (OJSC) Azot Cherkassy ("l-applikant"), produttur esportatur mill-Ukraina. Ir-reviżjoni kienet limitata fl-ambitu għad-dumping sa fejn għandu x'jaqsam l-applikant.

- (6) Fit-talba tiegħu skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, l-applikant iddikjara li ċ-ċirkustanzi fir-rigward ta' dumping, li fuqhom ġew stabbiliti l-miżuri fis-seħħ, kienu nbidlu u li dawn il-bidliet kienu ta' natura dejjiema. L-applikant allega wkoll li t-tqabbil tal-valur normali bbażat fuq l-ispejjeż jew il-prezzijiet domestiċi u l-prezzijiet ta' esportazzjoni tiegħu stess lejn il-Komunità jkun iwassal għal tnaqqis ta' dumping 'l isfel sew mil-livell tal-miżuri attwali. Għaldaqstant, huwa ddikjara li l-impożizzjoni kontinwa ta' miżuri fil-livelli eżistenti, li kienu bbażati fuq il-livell ta' dumping stabbilit qabel, ma kienitx aktar meħtieġa biex tikkumpensa għad-dumping.

3. Investigazzjoni

- (7) Wara li stabbiliet, b'konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li t-talba fiha biżżejjed evidenza prima facie, il-Kummissjoni ħabbret fid-19 ta' Diċembru 2006 il-bidu ta' reviżjoni *interim* parzjali skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku permezz ta' avviż ta' inizjazzjoni ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea ⁽⁷⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1 Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

⁽²⁾ ĠU L 23, 25.1.2001, p. 1. Ir-Regolament hekk kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 945/2005 (ĠU L 160, 23.6.2005, p. 1).

⁽³⁾ ĠU L 182, 19.5.2004, p. 28.

⁽⁴⁾ ĠU L 183, 20.5.2004, p. 13.

⁽⁵⁾ ĠU L 344, 20.11.2004, p. 24.

⁽⁶⁾ ĠU L 106, 24.4.2007, p. 1.

⁽⁷⁾ ĠU C 311, 19.12.2006, p. 57.

- (8) Ir-reviżjoni kienet limitata fl-ambitu għall-eżami tad-dumping fir-rigward ta' l-applikant. L-investigazzjoni tad-dumping kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2005 sat-30 ta' Settembru 2006 ('il-perjodu ta' investigazzjoni tar-reviżjoni' jew "PIR").
- (9) Il-Kummissjoni għarrfet uffiċjalment lill-applikant, lir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur u lill-assoċjazzjoni tal-produtturi tal-Komunità dwar il-bidu tar-reviżjoni. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-opinjoni tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta fil-limitu taż-żmien stipulat fl-avviż ta' inizjazzjoni.
- (10) Il-partijiet interessati kollha li talbu hekk u wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu ingħataw seduta ta' smigħ.
- (11) Biex tikseb it-tagħrif li qieset meħtieġ għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni baġhtet il-kwestjonarju lill-applikant u rċeviet it-tweġiba fi żmien l-iskadenza stipulata għal dan l-għan.
- (12) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat it-tagħrif kollu li qieset meħtieġ għad-determinazzjoni tad-dumping. Il-Kummissjoni wettqet żjarat ta' verifika fil-proprjetà ta' l-applikant f'Cherkassy.
- (13) Il-partijiet interessati ġew mgħarrfa bil-fatti u l-konsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien hemm il-ħsieb li jiġi rrakkomandat li r-reviżjoni attwali tintemm u li l-miżuri antidumping eżistenti jinżammu fuq importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-applikant u dawn il-partijiet ngħataw l-opportunità li jikkomentaw. Il-kummenti li waslu tqiesu u ttieħdu f'konsiderazzjoni, fejn xieraq.

B. PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

1. Il-prodott ikkonċernat

- (14) Il-prodott ikkonċernat huwa l-istess kif hemm fl-investigazzjoni oriġinali kif iċċarat mir-Regolament (KE) Nru 945/2005 jiġifieri fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrato ta' l-ammonju li ma jaqbiżx it-80 % bil-piż li joriġina fl-Ukraina, li jaqa' taħt il-kodiċi NM 3102 30 90, 3102 40 90, ex 3102 29 00, ex 3102 60 00, ex 3102 90 00, ex 3105 10 00, ex 3105 20 10, ex 3105 51 00, ex 3105 59 00 u ex 3105 90 91 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "NA"). L-NA huwa fertilizzant solidu tan-nitroġenu li jintuża l-aktar fl-agrikoltura. Huwa mmanifatturat mill-ammonja u mill-aċidu nitriku, u l-kontenut tan-nitroġenu tiegħu jaqbeż it-28 % bil-piż fil-forma kristallizzata jew granulari.

2. Prodott simili

- (15) Kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, din l-investigazzjoni tar-reviżjoni kkonfermat li l-NA huwa prodott ta' komodità pur, u l-kwalità tiegħu u l-karatteristiċi fiżiċi bażiċi tiegħu huma identiċi jkun xi jkun il-pajjiż ta' oriġini. L-NA manifatturat u mibjugħ mill-applikant fis-suq domestiku tiegħu fl-Ukraina u dak esportat lejn il-Komunità għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi u essenzjalment l-istess użi. Għalhekk, dawn il-prodotti jitqiesu li huma prodotti simili fit-tifsira ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku. Billi r-reviżjoni attwali kienet limitata għad-determinazzjoni ta' dumping sa fejn għandu x'jaqsam l-applikant, ma ntlaħqet l-ebda konklużjoni fir-rigward tal-prodott immanifatturat u mibjugħ mill-industrija Komunitarja fis-suq Komunitarju.

C. RIŻULTATI TA' L-INVESTIGAZZJONI

1. Valur normali

- (16) Biex ikun stabbilit il-valur normali, l-ewwel ġie vverifikat li l-bejgħ domestiku totali ta' l-applikant kien rappreżentattiv skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, jiġifieri li l-volum totali ta' dan il-bejgħ kien jirrappreżenta l-5 % tal-volum totali tal-bejgħ mill-esportazzjoni ta' l-applikant lejn il-Komunità. L-investigazzjoni wriet li l-applikant biegħ tip wieħed biss ta' NA u li dan it-tip kien mibjugħ fi kwantitatiet rappreżentattivi fis-suq domestiku.
- (17) Il-Kummissjoni sussegwentement eżaminat jekk il-bejgħ domestiku ta' NA setax jitqies li sar tul l-andament normali tal-kummerċ skond l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku, billi qabblet il-prezz tal-bejgħ nett domestiku ma' l-ispiża kkalkolata ta' produzzjoni.
- (18) Meta ġiet ivvalutata l-ispiża ta' produzzjoni ta' l-applikant, instab li l-ispjejeż tal-gass ma kienux riflessi b'mod raġjonevoli fir-reġistri ta' l-applikant. Ta' min jinnota li l-ispjejeż fl-enerġija, bħall-gass, jirrappreżentaw proporzjon ewlieni ta' l-ispiża tal-manifattura u proporzjon sinifikanti ta' l-ispiża totali tal-produzzjoni.
- (19) Fir-rigward ta' l-ispjejeż tal-gass, instab li l-Ukraina qed timporta l-biċċa l-kbira tal-gass ikkunsmat fil-produzzjoni ta' l-NA mir-Russja. F'dan ir-rigward, id-data kollha disponibbli tindika li l-Ukraina timporta l-gass naturali mir-Russja bi prezzijiet li huma ferm inqas mill-prezzijiet tas-suq imħallsa fi swieq mhux regolati għall-gass naturali. L-investigazzjoni żvelat li l-prezz tal-gass naturali mir-Russja meta jiġi esportat lejn il-Komunità jkun bejn wieħed u ieħor darbtejn ogħla mill-prezz tal-gass domestiku fl-Ukraina. Għaldaqstant, kif previst fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, l-ispjejeż tal-gass imħallsa mill-applikant ġew aġġustati fuq il-bażi ta' tagħrif minn swieq oħra rappreżentattivi.

- (20) Wara l-iżvelar, l-applikant sostna li kull aġġustament fuq il-prezz tal-gass tiegħu mħallas fis-suq domestiku ma jkunx iġġustifikat għax ir-reġistri ta' kontabilità tal-kumpanija jirriflettu bis-sħiħ l-ispejjeż marbuta ma' l-attività ta' produzzjoni u bejgħ tal-prodott simili fil-pajjiż ta' l-oriġini.
- (21) Madankollu, meta tiġi eżaminata l-ispiża ta' produzzjoni tal-prodott simili skond l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, għandu jiġi stabbilit jekk l-ispejjeż kif immiżżla fil-kontijiet tal-kumpanija jirriflettux b'mod raġjonevoli l-ispejjeż marbuta mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott li qed jiġi investigat. Għar-raġunijiet stabbiliti hawn fuq fil-premessa (19), instab li dan ma kienx il-każ.
- (22) Barra minn hekk, l-applikant iddikjara li l-valur normali tiegħu għandu jkun ibbażat fuq il-bejgħ tiegħu tal-prodott ikkonċernat fis-suq domestiku tiegħu u allega li ma hemm l-ebda raġuni biex jitqies li dan il-bejgħ ma sarx tul l-andament normali tal-kummerċ. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li biex jiġi stabbilit jekk il-bejgħ domestiku sarx tul l-andament normali tal-kummerċ minħabba l-prezz, jiġifieri jekk ħalliex qligħ, l-ewwel irid jiġi stabbilit jekk l-ispejjeż ta' l-applikant kienux bażi affidabbli fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku. Wara li jiġu stabbiliti l-ispejjeż b'mod affidabbli biss, jista' jiġi determinat liema metodoloġija għandha tintuża biex ikun stabbilit il-valur normali. Kif deskritt fil-qosor fil-premessi (28) u s-segwenti, billi t-tqabbil tal-prezz tal-bejgħ nett domestiku ma' l-ispiża aġġustata ta' produzzjoni matul il-PIR wera li ma sar l-ebda bejgħ domestiku tul l-andament normali tal-kummerċ. Il-prezzijiet domestiċi ta' l-applikant ma setgħux jintużaw biex ikun stabbilit il-valur normali.
- (23) L-applikant argumenta wkoll li l-investigazzjoni kienet ibbażata fuq data matul il-PIR u li l-konklużjonijiet għalhekk ma qiesux l-iżviluppi wara dan il-perjodu bħalma huma, b'mod partikolari, iż-żieda kontinwa ta' prezzijiet tal-gass u ż-żieda fil-konsum domestiku ta' fertilizzanti fl-Ukraina. F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li skond l-Artikolu 6(1) tar-Regolament bażiku, għall-għan ta' sejba rappreżentattiva, għandu jintgħażel perjodu ta' investigazzjoni li, fil-każ ta' dumping għandu, normalment, ikopri perjodu ta' mhux inqas minn sitt xhur eżatt qabel il-bidu tal-proċediment. Ta' min ifakkar ukoll li b'konformità mal-prassi normali tal-Komunità, il-PIR dwar id-dumping kien idum sena.
- (24) Ġie eżaminat jekk l-iżvilupp tal-prezzijiet tal-gass fl-Ukraina wara l-PIR kellux jitqies meta ġie stabbilit il-marġni ta' dumping ta' l-applikant. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li, skond l-Artikolu 6(1) tar-Regolament bażiku, it-tagħrif marbut ma' perjodu sussegwenti għall-perjodu ta' investigazzjoni, normalment, ma jitqiesx. B'konformità mal-prassi konsistenti tal-Komunità, dan ġie interpretat li jfisser, li l-avvenimenti marbuta ma' perjodu sussegwenti għall-PI jstgħu jitqiesu biss jekk ikunu jidru, ċerti u dejjiema. F'dan ir-rigward, minkejja li wara l-PIR setgħet tiġi osservata żieda fil-prezzijiet tal-gass, ma setax jiġi stabbilit b'biżżejjed ċertezza li din iż-żieda fil-prezz kienitx tabilħaqq ta' natura dejjiema. Instab li t-tagħrif disponibbli dwar l-iżviluppi futuri tal-prezzijiet tal-gass fl-Ukraina kien jikkonsisti biss fi stimuli minflok f'tagħrif verifikabbli relatat mal-prezzijiet proprji tal-gass. L-Artikolu 6(1) jippermetti l-użu ta' tagħrif u data barra l-PI (jew f'każijiet ta' reviżjonijiet il-PIR) biss taħt ċirkustanzi eċċezzjonali ħafna. Il-qagħda fil-każ attwali ma ġietx meqjusa biex ikun iġġustifikat l-użu ta' data jew tagħrif barra l-PIR. Barra minn hekk, l-applikant ma ssostranzjax l-argumenti tiegħu billi ma ġiet imressqa l-ebda evidenza li turi li d-data relatata ma' perjodu wara l-PIR hija aktar rappreżentattiva minn dik relatata mal-PIR. L-argument għaldaqstant ma ntlax.
- (25) Fir-rigward li l-konsum ta' fertilizzanti fl-Ukraina żdied wara l-PIR, l-applikant ma spjegax jew ma weriex sa liema punt dan il-fatt jista' jkollu impatt fuq is-sejbiet li saru fuq il-bażi tat-tagħrif marbut mal-PIR. Għaldaqstant, l-applikant ma ppreżentax biżżejjed tagħrif li fuq il-bażi tiegħu setgħu jifasslu konklużjonijiet sinifikanti, u lanqas ma kien disponibbli xi tagħrif ieħor li seta' jappoġġja d-dikjarazzjoni ta' l-applikant f'dan ir-rigward. Billi kull konklużjoni fuq din il-bażi kienet tkun spekulattiva d-dikjarazzjoni ta' l-applikant ma ntlaxgħetx.
- (26) Il-prezz aġġustat tal-gass kien ibbażat fuq il-prezz medju tal-gass Russu meta nbiegħ għall-esportazzjoni fuq il-fruntiera Ġermaniża/Ċeka (Waidhaus), esklużi l-ispejjeż ta' trasport. Waidhaus, billi huwa ċentru ewlieni għall-bejgħ tal-gass Russu lill-UE, li hija kemm l-ikbar suq għall-gass Russu kif ukoll għandha prezzijiet li jirriflettu b'mod raġjonevoli l-ispejjeż, jista' jitqies bħala suq rappreżentattiv fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku.
- (27) L-applikant argumenta wkoll li l-Ukraina tixtri l-gass b'kundizzjonijiet tas-suq simili għal dawk tal-Komunità u li l-prezzijiet imħallsa għall-gass mill-applikant fl-2007 kienu ogħla mill-prezz tal-gass fil-fruntiera ta' l-Ukraina u r-Russja fl-istess perjodu. Madankollu, l-applikant ma ppreżenta l-ebda evidenza biex jissostanzja d-dikjarazzjonijiet tiegħu u għalhekk naqas milli juri li l-kundizzjonijiet imsemija fil-premessa (24) biex jitqiesu l-avvenimenti marbuta ma' perjodu sussegwenti għall-PIR huma sodisfatti. L-argument għaldaqstant ma ntlax.

- (28) It-tqabbil tal-prezz tal-bejgħ nett domestiku ma' l-ispiża aġġustata ta' produzzjoni matul il-PIR wera li ma sar l-ebda bejgħ domestiku tul l-andament normali tal-kummerċ skond l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku.
- (29) Għalhekk ġie kkunsidrat li l-prezzijiet domestiċi ma pprovdewx bażi xierqa għall-istabbiliment tal-valur normali u kellu jiġi applikat metodu ieħor. Skond l-Artikoli 2(3) u 2(6) tar-Regolament bażiku, il-valur normali kien mibni billi ma' l-ispejjeż tal-manifattura tal-prodott ikkonċernat ta' l-applikant, aġġustati fejn meħtieġ kif imsemmi fil-premessa (19), jiġi miżjud ammont raġjonevoli għall-ispejjeż ġenerali, amministrattivi u ta' bejgħ ("SG&A") u ammont raġjonevoli għall-qligħ.
- (30) L-ispejjeż SG&A u l-qligħ ma setgħux jiġu stabbiliti fuq il-bażi tal-kliem ta' introduzzjoni ta' l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku għax l-applikant ma kellux bejgħ domestiku rappreżentattiv tal-prodott ikkonċernat tul l-andament normali tal-kummerċ. L-Artikolu 2(6)(a) tar-Regolament bażiku ma setax jiġi applikat, minħabba li l-applikant biss huwa suġġett għall-investigazzjoni. Lanqas l-Artikolu 2(6)(b) ma seta' jiġi applikat, minħabba li n-nefqa tal-manifattura ta' l-applikant għal prodotti li jappartjenu għall-istess kategorija ġenerali ta' oġġetti kellha tiġi aġġustata wkoll fir-rigward ta' l-ispejjeż tal-gass, għar-raġunijiet indikati fil-premessa (19). Għalhekk, l-ispejjeż SG&A u l-qligħ ġew stabbiliti skond l-Artikolu 2(6)(c) tar-Regolament bażiku.
- (31) Is-suq ta' l-Amerika ta' Fuq wera volum sinifikanti ta' bejgħ domestiku u livell konsiderevoli ta' kompetizzjoni kemm minn kumpaniji lokali kif ukoll minn dawk barranin. Minħabba f'hekk, ingħatat konsiderazzjoni lil tagħrif disponibbli pubblikament u relatat ma' kumpaniji ewlenin li jaħdmu fis-settur tan-negozju tal-fertilizzanti. Instab li d-data korrispondenti minn produttori mill-Amerika ta' Fuq (l-Istati Uniti u l-Kanada) tkun l-aktar xierqa għall-għan ta' l-investigazzjoni, minħabba t-tagħrif finanzjarju pubbliku affidabbli u komplet li hemm estensivament disponibbli mingħand kumpaniji mniżżla f'dan ir-reġjun tad-dinja. Għalhekk l-ispejjeż SG&A u l-qligħ ġew stabbiliti fuq il-bażi ta' l-ispejjeż SG&A u l-qligħ tal-medja bil-piż differenzjat minn tliet produttori mill-Amerika ta' Fuq, li nstab li kienu fost l-akbar kumpaniji fis-settur tal-fertilizzanti tan-nitroġenu, fejn għandu x'jaqsam il-bejgħ domestiku tagħhom fl-istess kategorija ġenerali ta' prodotti (fertilizzanti tan-nitroġenu). Dawn it-tliet produttori kienu meqjusa bħala rappreżentattivi tan-negozju tal-fertilizzanti tan-nitroġenu u l-ispejjeż SG&A u l-qligħ permezz tagħhom kienu rappreżentattivi ta' dawk li normalment isiru minn kumpaniji li jaħdmu b'suċċess f'dan is-settur ta' negozju. Ta' min jinnota li ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li l-ammont ta' qligħ hekk stabbilit qabeż il-qligħ li sar minn produttori Ukrajni oħra fuq bejgħ ta' prodotti ta' l-istess kategorija ġenerali fis-suq domestiku tagħhom.
- (32) Wara l-iżvelar l-applikant allega li kien hemm differenza sinifikanti bejn il-qagħda tas-suq ta' l-Amerika ta' Fuq u ta' l-Ukraina. L-applikant madankollu naqas milli jispjega d-differenza allegata u li jissostanza d-dikjarazzjonijiet tiegħu. Hu naqas ukoll milli jipproponi xi bażi raġjonevoli oħra għall-kalkoli, li fin-nuqqas tagħha dan l-argument ma setax jintlaqa'.

2. Ħlas ta' l-esportazzjoni

- (33) Billi l-prodott ikkonċernat ġie esportat lil klijenti indipendenti fil-Komunità, il-prezz ta' esportazzjoni ġie stabbilit skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku, jiġifieri fuq il-bażi tal-prezz ta' esportazzjoni effettivament imħallas jew dovut.

3. Tqabbil

- (34) Il-valur normali u l-prezz ta' esportazzjoni tqabblu fuq il-bażi ta' xogħlijiet li saru u fl-istess livell ta' kummerċ. Bl-għan li jsir tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' esportazzjoni, saru l-konċessjonijiet dovuti f'forma ta' aġġustamenti għal differenzi li jaffettwaw il-prezz u t-tqabbil tal-prezz skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Għaldaqstant, saru aġġustamenti għal differenzi fit-trasport, ġarr, tagħbija u spejjeż anċillari, fejn applikkabli u appoġġjati minn evidenza verifikata.
- (35) Wara l-iżvelar l-assoċjazzjoni tal-produtturi tal-Komunità argumentat li t-tariffi tal-ferrovija fl-Ukraina għat-trasport, *inter alia*, tal-prodott ikkonċernat meta jiġi esportat lejn il-Komunità kienu artifiċjalment baxxi u għalhekk kellhom jiġu aġġustati. L-investigazzjoni ma żvelatx madankollu li l-ispejjeż tat-trasport fl-Ukraina ma kienux riflessi b'mod raġjonevoli fir-reġistri ta' l-applikant. Għalhekk din id-dikjarazzjoni ma setgħetx tintlaqa'.

4. Marġni ta' dumping

- (36) Il-marġni ta' dumping kien stabbilit fuq il-bażi ta' tqabbil ta' valur normali tal-medja bil-piż differenzjat ma' prezz ta' esportazzjoni tal-medja bil-piż differenzjat, skond l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku.
- (37) It-tqabbil wera marġni ta' dumping ta' 38.2 %, espress bħala perċentwali tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Komunità, dazju mhux imħallas.

5. In-natura dejjiema taċ-ċirkostanzi mibdula

- (38) Skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, saret analiżi dwar jekk il-bidla fiċ-ċirkostanzi fir-rigward tad-dumping jistax wieħed jgħid li hi ta' natura dejjiema.

- (39) F'dan il-kuntest, għe nnutat li l-marġni ta' dumping li japplika bħalissa għall-applikant għe stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali billi ntuża valur normali stabbilit fuq il-bażi ta' data miksuba minn produttur f'ekonomija tas-suq ta' pajjiż terz skond l-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku. Madankollu, fir-reviżjoni attwali l-valur normali għe kkalkolat fuq il-bażi ta' tagħrif relatat mad-data ta' l-applikant stess skond l-Artikolu 2(1) sa (6) tar-Regolament bażiku, wara li l-Ukraina nġhatat l-istatus ta' ekonomija tas-suq (emenda tar-Regolament bażiku bir-Regolament (KE) Nru 2117/2005).
- (40) Ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li l-livell tal-valur normali jew il-prezz ta' esportazzjoni stabbilit għall-applikant fl-investigazzjoni attwali ma setax jitqies ta' natura dejjiema. Jista' jiġi argumentat li l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-gass naturali bħala l-materja prima ewelenija jista' jkollha influwenza sinifikanti fuq il-valur normali. Madankollu, għe meqjus li l-effett taż-żieda fil-prezz ikun jaffettwa l-atturi kollha fis-suq u għalhekk ikollu impatt kemm fuq il-valur normali kif ukoll fuq il-prezz ta' esportazzjoni.
- (41) Il-prezz ta' esportazzjoni ta' l-applikant lejn il-Komunità matul il-PIR instab li kien simili ta' dak ta' l-esportazzjonijiet tiegħu lejn pajjiżi oħra, fejn inbiegħu kwantitajiet konsiderevolment ogħla matul il-PIR.
- (42) Għaldaqstant, minkejja li l-marġni ta' dumping li nstab fil-PIR huwa bbażat fuq volum relattivament baxx ta' esportazzjonijiet ta' l-applikant lejn il-Komunità, hemm raġunijiet biex il-marġni ta' dumping li nstab jitqies li hu bbażat fuq ċirkustanzi mibdula ta' natura dejjiema.

D. TMIEM TAR-REVIŻJONI

- (43) Billi fl-investigazzjoni oriġinali d-dazju kien impost f'forma ta' ammont speċifiku kull tunnellata, dan għandu jkollu l-istess forma fl-investigazzjoni attwali. Id-dazju kkalkolat fuq il-bażi tal-marġni attwali ta' dumping ikun ta' EUR 47 kull tunnellata.
- (44) Ta' min ifakkar li, kif deskritt fil-qosor fil-premessa (59) tar-Regolament (KE) Nru 132/2001, meta ġew imposti miżuri definitivi fl-2001, il-marġni ta' ħsara ntuża biex għe stabbilit l-ammont tad-dazju definitiv li kellu jiġi impost skond ir-regola ta' l-inqas dazju. Kif definit mill-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 442/2007, id-

dazju fis-seħħ bħalissa qed jiddependi fuq it-tip ta' prodott speċifiku u jvarja bejn EUR 29.26 kull tunnellata u EUR 33.25 kull tunnellata.

- (45) Billi d-dazju stabbilit fuq il-bażi tal-marġni attwali ta' dumping huwa ogħla mid-dazju attwali, ir-reviżjoni għandha tintemm mingħajr ma jiġi emendat il-livell tad-dazju applikabbli għall-applikant, li għandu jinżamm fil-livell tar-rata ta' dazju definitiv ta' l-antidumping stabbilita fl-investigazzjoni oriġinali.

E. IMPENJI

- (46) L-applikant esprima interess li joffri impenn iżda naqas milli jressaq offerta ta' impenn issostanzjata biżżejjed fi żmien l-iskadenzi stipulati fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament bażiku. Għaldaqstant ma setgħet tintlaqa' l-ebda offerta ta' impenn mill-Kummissjoni. Madankollu, wieħed iqis li l-kumplessità ta' diversi kwistjonijiet, jiġifieri (1) il-volatilità tal-prezz tal-prodott ikkonċernat li tkun teħtieġ xi forma ta' indiqjar tal-prezzijiet minimi, filwaqt li l-volatilità mhijiex spjegata biżżejjed mill-fattur ewlieni fl-ispiża; u (2) il-qagħda partikolari tas-suq għall-prodott ikkonċernat (inter alia, li hemm importazzjonijiet limitati mill-esportatur suġġetti għal din ir-reviżjoni) tindika l-ħtieġa li jitqies jekk impenn li jgħaqqad flimkien prezz minimu indiqjat u limitu kwantitattiv ikunx fattibbli.
- (47) Kif imsemmi hawn fuq, minħabba din il-kumplessità l-applikant ma setax jiffirma offerta ta' impenn aċċettabbli fi żmien l-iskadenza statutorja. Konsegwentement, il-Kunsill iqis li l-applikant għandu b'mod eċċezzjonali jitħalla jlesti l-offerta ta' impenn tiegħu lil hinn miż-żmien statutorju ta' l-iskadenza iżda fi żmien għaxart ijiem kalendarji mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

F. ŻVELAR

- (48) Il-partijiet interessati ġew mgħarrfa bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien hemm il-ħsieb li tintemm ir-reviżjoni attwali u li jinżamm id-dazju antidumping eżistenti fuq importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat immanifatturat mill-applikant. Il-partijiet kollha nġhataw l-opportunità li jikkumentaw. Il-kummenti tagħhom ġew meqjusa meta kienu ġġustifikati u ssostanzjati b'evidenza.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu Uniku

L-interim parzjali tal-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' fertilizzanti solidi b'kontenut ta' nitrat ta' l-ammonju li jaqbeż it-80 % bil-piż li joriġina fl-Ukraina, li jaqa' taħt il-kodiċi NM 3102 30 90, 3102 40 90, ex 3102 29 00, ex 3102 60 00, ex 3102 90 00, ex 3105 10 00,

ex 3105 20 10, ex 3105 51 00, ex 3105 59 00 u ex 3105 90 91, li ngħata bidu skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 384/96, qiegħed hawnhekk jitwaqqaf mingħajr ma jiġu emendati l-miżuri antidumping fis-seħħ.

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada ta' meta ssir il-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Marzu 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

D. RUPEL

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 238/2008

ta' l-10 ta' Marzu 2008

li jtemm ir-reviżjoni parzjali *interim* skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 tad-dazju ta' l-*antidumping* fuq importazzjonijiet ta' soluzzjonijiet ta' l-urea u ton-nitrat ta' l-ammonju li joriġinaw fir-Russja

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. IL-PROCĊEDURA

1. Il-miżuri fis-seħħ

- (1) Permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1995/2000⁽²⁾, il-Kunsill impona dazju definittiv ta' l-*antidumping* fuq l-importazzjonijiet ta' soluzzjonijiet ta' urea u nitrati ta' l-ammonju (UAN) li joriġinaw, *inter alia*, mir-Russja. Dan ir-regolament minn issa 'l quddiem se jissejjaħ "ir-Regolament oriġinali" u l-investigazzjoni li wasslet li jiġu imposti l-miżuri mir-Regolament oriġinali minn issa 'l quddiem se tissejjaħ "l-investigazzjoni oriġinali".
- (2) Wara reviżjoni ta' l-iskadenza li ngħatat bidu f'Settembru 2005, il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1911/2006⁽³⁾, ġedded għal ħames snin dawn il-miżuri fil-livell attwali tagħhom. Il-miżuri jikkonsistu minn doveri speċifiċi. Dan ir-regolament minn issa 'l quddiem se jissejjaħ "ir-Regolament ta' l-iskadenza" u l-investigazzjoni li wasslet li jiġu imposti l-miżuri mir-Regolament oriġinali minn issa 'l quddiem se tissejjaħ "ir-reviżjoni ta' l-iskadenza".

2. It-talba għal reviżjoni

- (3) Talba għal reviżjoni parzjali *interim* ("ir-reviżjoni attwali") skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku tressqet miż-żewġ produttori esportaturi mir-Russja, mill-Kumpanija bl-ishma ta' l-iskorta għand sidien konġunti "Mineral and Chemical Company Eurochem", speċifikament Novo-

moskovskiy Azot and Nevinnomyssky Azot. Dawn iż-żewġ kumpaniji, minħabba r-relazzjoni tagħhom, huma ttrattati bħala entità legali waħda ("l-applikant") għall-iskop tar-reviżjoni attwali. It-talba kienet limitata fl-ambitu għal *dumping* sa fejn għandu x'jaqşam l-applikant.

- (4) L-applikant allega li t-tqabbil tal-valur normali tiegħu nnifsu u, fin-nuqqas ta' esportazzjonijiet lejn il-Komunità Ewropea, il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lejn pajjiż terz xieraq, f'dan il-każ, l-Istati Uniti ta' l-Amerika, għandu jwassal għal tnaqqis ta' *dumping* li jkun sinifikament inqas mil-livell tal-miżuri attwali.

3. L-investigazzjoni

- (5) Wara li ddeterminat, wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv, li t-talba kien fiha evidenza *prima facie* suffiċjenti, il-Kummissjoni ħabbret fid-19 ta' Diċembru 2006 l-bidu ta' reviżjoni parzjali *interim* skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku permezz ta' avviż tal-bidu ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea⁽⁴⁾.
- (6) Ir-reviżjoni kienet limitata fl-ambitu ta' eżaminazzjoni tad-*dumping* fir-rigward ra' l-applikant. L-investigazzjoni tad-*dumping* kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2005 sat-30 ta' Settembru 2006 ("il-perijodu ta' investigazzjoni tar-reviżjoni" jew "PIR").
- (7) Il-Kummissjoni informat uffiċjalment lill-applikant, lir-rappreżentanti tal-pajjiż ta' l-esportazzjoni u lill-assoċjazzjoni tal-produtturi tal-Komunità bil-ftuħ tar-reviżjoni. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-opinjoni tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta fil-limitu taż-żmien stipulat fl-avviż ta' inizjazzjoni.
- (8) Il-partijiet interessati kollha, li talbu hekk u wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, ġew konċessi seduta ta' smigħ.
- (9) Sabiex tikseb l-informazzjoni li qieset meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-Kumpanija bl-ishma ta' l-iskorta għand sidien konġunti "Mineral and Chemical Company Eurochem" u l-kumpaniji relatati tagħha u rċeviet tweġibiet fi ħdan il-limiti ta' żmien stipulati għal dak il-għan.

⁽¹⁾ ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

⁽²⁾ ĠU L 238, 22.9.2000, p. 15. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1675/2003 (ĠU L 238, 25.9.2003, p. 4).

⁽³⁾ ĠU L 365, 21.12.2006, p. 26.

⁽⁴⁾ ĠU C 311, 19.12.2006, p. 51.

- (10) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa għad-determinazzjoni ta' *dumping*. Il-Kummissjoni wettqet żjarat ta' verifika fuq il-post ta' l-applikant u kumpaniji relatati tiegħu:

— JSC Mineral and Chemical Company (Eurochem), Moska, ir-Russja;

— PJSC Azot (NAK Azot), Novomoskovsk, ir-Russja;

— PJSC Nevinnomyssky Azot (Nevinka Azot), Nevinnomyssk, ir-Russja u

— Eurochem Trading GmbH, Zug, l-Iżvizzera – (Eurochem Trading).

B. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

1. Il-prodott ikkonċernat

- (11) Il-prodott ikkonċernat huwa l-istess bħal fl-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri soluzzjoni ta' urea u ta' nitrati ta' l-ammonju, fertilizzant likwidu li jintuża spiss fl-agrikoltura, li joriġina fir-Russja ("UAN"). Dan jikkonsisti f'taħlita ta' urea, ta' nitrati ta' l-ammonju u ta' ilma. L-ammont ta' ilma huwa madwar 70 % tat-taħlita (skond il-kontenut tan-nitroġenu), bil-parti li jifdal magħmula b'mod ugwali minn urea u nitrat ta' l-ammonju. L-ammont ta' nitroġenu (N) huwa l-aktar "karatteristika" sinifikanti tal-prodott, u jista' jvarja bejn 28 % u 32 %. Varjazzjoni bħal din tista' tinkiseb billi jiżdied aktar jew inqas ilma mas-soluzzjoni. Madankollu, ikun xi jkun l-ammont ta' nitroġenu tagħhom, is-soluzzjonijiet kollha ta' urea u ta' nitrati ta' l-ammonju jitqies li għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi, u għalhekk jikkostitwixxu prodott wieħed għall-iskop ta' din l-investigazzjoni. Il-prodott ikkonċernat jaqa' taħt il-kodiċi NM 3102 80 00.

2. Il-prodott simili

- (12) L-investigazzjoni ta' revizzjoni kkonfermat li l-UAN huwa prodott purament ta' komodità, u l-kwalità u l-karatteristiċi fiżiċi bażiċi tiegħu huma identiċi jkun xi jkun il-pajjiż ta' l-oriġini. Is-soluzzjonijiet UAN manifatturati u mibjugħa mill-applikant fis-suq domestiku tiegħu fir-Russja u, fin-nuqqas ta' esportazzjonijiet lejn il-Komunità Ewropea, daww esportati lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi u essenzjalment l-istess użi. Għalhekk, dawn il-prodotti huma meqjusa bħala prodotti simili fit-tifsira ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku. Minħabba li r-reviżjoni attwali kienet limitata għad-determinazzjoni ta' *dumping* f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-applikant, ma ntlaħqu l-ebda

konklużjonijiet fir-rigward tal-prodott manifatturat u mibjugħ mill-industrija tal-Komunità fis-suq tal-Komunità.

Ċ. IR-RIŻULTATI TA' L-INVESTIGAZZJONI

1. Ir-rimarki preliminari

- (13) Kif imħabbar fl-avviż tal-bidu, minħabba li l-applikant ma kellux bejgħ ta' esportazzjoni ta' UAN lejn il-Komunità Ewropea matul il-PIR, l-investigazzjoni attwali l-ewwel eżaminat sa liema punt kellhom jintużaw il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lejn pajjiż terz fid-deċiżjoni ta' jekk inbidlitx il-bażi li fuqha kienu stabbiliti l-miżuri eżistenti u jekk dawn il-bidliet humiex ta' natura permanenti.
- (14) L-applikant ta' evidenza li minħabba d-dazji fis-seħħ, il-prodott ma setax jinbiegħ għall-esportazzjoni lejn is-suq tal-Komunità matul il-PIR. L-applikant ta' evidenza proma facie li l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika, suq terz rappreżentattiv, ma kienux l-oġġett ta' *dumping* jew għall-inqas flivell iċken mill-marġini tad-*dumping* stabbiliti attwalment għall-esportazzjonijiet lejn il-Komunità Ewropea u li kien xieraq li jintużaw il-prezzijiet ta' esportazzjoni lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika. Għal dawn ir-raġunijiet stipulati hawn taħt fil-premessa (43) u ta' warajh, il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lejn il-pajjiż terz l-Istati Uniti ta' l-Amerika nstabu li huma xierqa minħabba li s-suq ta' l-Istati Uniti kien komparabbli mas-suq tal-Komunità u għalhekk kien wieħed rappreżentattiv.
- (15) Għandu jiġi nnutat li l-miżuri applikabbli attwalment huma parzjalment ibbażati fuq data li mhijiex marbuta mal-produzzjoni u l-bejgħ ta' l-applikant innifsu tal-prodott ikkonċernat, filwaqt li matul il-PIR attwali kienet disponibbli, informazzjoni verifikata relatata mad-data ta' l-applikant innifsu marbuta mal-valur normali u l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni, avolja għal suq ta' pajjiż terz. Fuq din il-bażi, ġie konkluż li l-marġini tad-*dumping* li nstab matul il-PIR attwali kien jirrifletti b'mod aktar preċiż il-qagħda ta' l-applikant matul il-PIR milli l-miżuri fis-seħħ bħalissa.
- (16) F'dan il-kuntest, tqies ukoll li l-għan ta' dazju ta' l-*anti-dumping* mhuwiex li jagħlaq is-suq tal-Komunità għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi iżda sabiex jistabbilixxi mill-ġdid ambjent ta' kondizzjonijiet indaq.
- (17) Fid-dawl taċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' hawn fuq, għalhekk ġir konkluż li l-kalkolu tal-marġini tad-*dumping* matul il-PIR fuq il-bażi tal-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-esportazzjoni ta' l-applikant lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika kien xieraq.

2. Il-valur normali

- (18) Sabiex jiġi stabbilit il-valur normali, l-ewwel ġie vverifikat li l-bejgħ domestiku totali ta' l-applikant kien rappreżentattiv skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Minħabba li l-applikant ma kellux bejgħ ta' esportazzjoni ta' UAN lejn il-Komunità Ewropea matul il-PIR, il-kwantitajiet totali tal-bejgħ domestiku ta' l-applikant tqabblu ma' l-esportazzjonijiet ta' UAN mill-applikant lejn l-Istati Uniti. Skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, il-bejgħ domestiku għandu jitqies bħala rappreżentattiv fil-każ li l-volum totali ta' bejgħ bħal dan huwa daqs jew ikbar minn 5 % tal-volum totali tal-bejgħ korrispondenti ta' l-esportazzjoni, f'dan il-każ għall-Istati Uniti. L-investigazzjoni wriet li l-applikant ma biegħx kwantitajiet rappreżentattivi ta' UAN fis-suq domestiku.
- (19) Minħabba li fuq din il-bażi l-prezzijiet domestiċi ta' l-applikant ma setgħux jintużaw sabiex jistabbilixxu valur normali, il-valur normali ġie kompost fuq il-bażi ta' l-ispejjeż tal-manifattura li ġġarrbu mill-applikant flimkien ma' ammont raġonevoli għall-ispejjeż ġenerali, amministrattivi u ta' bejgħ ("SGAB") u għall-profitti, skond l-Artikolu 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku.
- (20) Dwar l-ispiża tal-manifattura, għandu jiġi enfasizzat li l-ispejjeż tal-gass jirrapreżentaw proporzjon maġġuri ta' l-ispiża tal-manifattura u proporzjon sinifikanti ta' l-ispiża totali ta' produzzjoni. Skond l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk l-ispejjeż assoċjati mal-produzzjoni u mal-bejgħ tal-prodott ikkonċernat kinux riflessi b'mod raġonevoli fir-reġistri ta' l-applikant.
- (21) Fuq il-bażi tad-*data* ppubblikata mis-sorsi rikonossuti internazzjonalment ġie stabbilit fis-swieq ta' l-enerġija, li l-prezzijiet imħallsa mill-applikant kienu baxxi b'mod abnormali. Bħala indikazzjoni, dawn kienu jammontaw għal kwart u għal għoxrin fil-mija tal-prezz ta' l-esportazzjoni tal-gass naturali mir-Russja. F'dan ir-rigward, id-*data* kollha disponibbli tindika li l-prezzijiet domestiċi tal-gass fir-Russja kienu prezzijiet irregolati, li huma ferm taħt il-prezzijiet tas-suq imħallsa fis-swieq għall-gass naturali li mhumiex irregolati. Minħabba li l-ispejjeż tal-gass ma kinux riflessi b'mod raġonevoli fir-reġistri ta' l-applikant, dawn kellhom jiġu aġġustati skond dan. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe prezz distort tal-gass relatat mas-suq domestiku Russu, u skond l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, il-prezzijiet tal-gass kellhom jiġu stabbiliti fuq "kwalunkwe bażi raġonevoli oħra, inkluża l-informazzjoni minn swieq rappreżentattivi oħra".
- (22) Il-prezz aġġustat kien ibbażat fuq il-prezz medju tal-gass Russu meta dan inbiegħ għall-esportazzjoni fuq il-fruntiera Ġermaniża/Ċeka (Waidhaus), wara li tħallu l-ispejjeż tat-trasport u aġġustat sabiex jirrifletti l-ispejjeż lokali ta' distribuzzjoni. Waidhaus, li huwa ċ-ċentru ewlieni għall-bejgħ tal-gass Russu lill-UE, u li huwa kemm l-ikbar suq għall-gass Russu kif ukoll għandu prez-zijiet li jirriflettu l-ispejjeż b'mod raġonevoli, jista' jitqies bħala suq rappreżentattiv fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku.
- (23) Wara r-rivelazzjoni, l-applikant iddikjara li kwalunkwe aġġustament tal-prezz tas-suq tiegħu tal-gass li tħallas fis-suq domestiku jkun bla bżonn filwaqt li kkontenda li r-reġistri tiegħu tal-kontabilità kineu jirriflettu kompletament l-ispejjeż assoċjati ma' l-attività ta' produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott simili fil-pajjiż ta' l-oriġini. Sabiex jissostanza din id-dikjarazzjoni, l-applikant fornja studju minn azzenda indipendenti ta' konsultazzjoni li l-prezz tal-gass imħallas mill-applikant kien jirrifletti l-ispiża sħiħa ta' produzzjoni u bejgħ tal-gass, kif imġarrab mill-fornitur tal-gass. Għandu jiġi enfasizzat li, kif jistipula l-istudju nnifsu, l-ispejjeż tal-gass kif ukoll l-ispiża tal-provvista tal-gass lill-applikant li ntużaw għat-tqabbil kienu stimi ta' l-ispejjeż u għalhekk mhux spejjeż reali li ġġarrbu matil il-PIR. Hemm ukoll ambigwità jekk l-ispejjeż stabbiliti b'dan il-mod kinux l-ispejjeż sħaħ kif stabbiliti skond ir-Regolament bażiku, jiġifieri kinux jinkludu l-ispejjeż sħaħ tal-manifattura u SGAB marbuta mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-gass. Fl-aħħar nett, qed jiġi enfasizzat li l-informazzjoni disponibbli dwar l-ispejjeż tal-fornitur tal-gass ma setgħetx tiġi vverifikata fi hadn il-qafas ta' dan il-proċediment.
- (24) Fi kwalunkwe każ, qed jitqies li skond l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, il-fatt waħdu li l-prezz tal-gass li jżomm il-fornitur lill-klijent tiegħu jkopri l-ispejjeż mhuwiex minnu nnifsu kriterju li jstabbilixxi jekk l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-prodott simili kif imniżżel fil-kontijiet tal-kumpanija humiex jirriflettu b'mod raġonevoli l-ispejjeż assoċjati mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott li qiegħed jiġi investigat. Għar-raġunijiet stipulati hawn fuq fil-premessa (21), instab li dan ma kienx il-każ. L-applikant ma indirizzax id-differenza notevolment sinifikanti bejn il-prezz imħallas għall-gass fis-suq domestiku Russu u l-prezz ta' l-esportazzjoni tal-gass naturali mir-Russja min-naħa l-waħda u dak imħallas mill-produtturi tal-Komunità min-naħa l-oħra. L-applikant ma indirizzax il-fatt li l-prezzijiet domestiċi għall-gass naturali kienu rregolati fir-Russja u ma setgħux jitqiesu li jirriflettu b'mod raġonevoli prezz normalment imħallas fis-swieq mhux distorti. Għalhekk, ukoll jekk il-prezz tal-gass li tħallas mill-applikant kien ikopri l-ispiża ta' l-unità ta' produzzjoni u bejgħ tal-gass imġarraba mill-fornitur, dan l-argument huwa irrilevanti minħabba li l-prezz tas-suq tal-gass mhuwiex bilfors marbut direttament ma' l-ispejjeż tal-produzzjoni u l-bejgħ tiegħu. Il-prezz li fih l-applikant kien qed jixtri l-gass matul il-PIR jibqa' wieħed regolat mill-Istat u huwa inqas b'mod sinifikanti mil-livell tal-prezz fi swieq mhux regolati kif spjegat fil-premessa (21) hawn fuq. Għalhekk din iddikjarazzjoni kellha tiġi rifjutata.

- (25) L-applikant iddikjara b'mod ulterjuri li meta sar aġġustament tal-gass, fil-fatt intużat metodoloġija għad-determinazzjoni tal-valur normali li mhijiex prevista mir-Regolament bażiku. Għalhekk, permezz tas-sostituzzjoni ta' l-ispejjeż domestiċi tal-gass ikkalkulati kif deskritt hawn fuq fil-premessa (22), u minħabba l-fatt li dawn l-ispejjeż jiffurmaw parti maġġuri ta' l-ispejjeż totali tal-prodott simili u għalhekk tal-valur normali kompost ukoll, il-valur normali għandu fil-fatt jiġi ddeterminat minn *data* ta' suq terz "rappreżentattiv". F'dan ir-rigward, l-applikant argumenta li għal pajjiżi b'economija tas-suq, ir-Regolament bażiku minkejja kollox jipprevedi biss il-metodoloġiji li ġejjin biss għad-determinazzjoni tal-valur normali: (i) fuq il-bażi tal-prezz domestiku tal-prodott simili fl-andament normali tal-kummerċ, jew b'mod alternattiv, fil-każ li l-bejgħ ma jsirx matul l-andament normali tal-kummerċ, (ii) fuq il-bażi ta' l-ispiża tal-produzzjoni fil-pajjiż ta' l-oriġini (biż-żieda ta' ammont raġjonevoli għal SGAB u għal profitti) jew (iii) prezzijiet rappreżentattivi ta' l-esportazzjoni tal-prodott simili għall-pajjiż terz xieraq. L-applikant ikkonkluda li fuq din il-bażi l-valur normali għandu jkun ibbażat fuq *data* minn suq terz rappreżentattiv.
- (26) F'dan ir-rigward kif ukoll kif deskritt fil-qosor fil-premessa (18) sa (42), għandu l-ewwel nett jiġi enfasizzat li l-valur normali kien stabbilit skond il-metodoloġiji deskritti fil-qosor fl-Artikolu 2(1) sa (6) tar-Regolament bażiku. Minkejja dan, sabiex jiġi stabbilit jekk il-bejgħ domestiku sarx fl-andament normali tal-kummerċ bis-saħħa tal-prezz, jiġifieri jekk kinux profittabbli, l-ewwel irid jiġi stabbilit jekk l-ispejjeż ta' l-applikant kinux bażi affidabbli fi ħdan is-sens ta' l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku. Huwa biss wara li l-ispejjeż jiġu stabbiliti b'mod affidabbli, li jista' jiġi determinat liema metodoloġija għandha tintuża sabiex tistabbilixxi l-valur normali. Għalhekk huwa żbaljat li jiġi ddikjarat li permezz tad-determinazzjoni ta' l-ispejjeż affidabbli skond l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku ġiet introdotta metodoloġija ġdida għad-determinazzjoni tal-valur normali. Għalhekk l-argumenti ta' l-applikant f'dan ir-rigward kellhom jiġu rrifjutati.
- (27) L-applikant argumenta b'mod ulterjuri li anki fil-każ li kellu jsir aġġustament għall-ispiża tigħu tal-gass naturali fis-suq domestiku, il-prezz ta' Waidhaus għall-gass naturali Russu ma kienx bażi affidabbli għal aġġustament bħal dan minħabba li l-prezz jiġi stipulat għal kuntratti li jifirxu fuq medda twila ta' żmien li taħthom il-formula tal-prezz hija marbuta mal-prezzijiet tal-prodotti taż-żejt u għalhekk mhuwiex relatat ma' l-ispejjeż tal-produzzjoni u l-forniment tal-gass lill-applikant fir-Russja. L-applikant argumenta b'mod ulterjuri li l-prezz Waidhaus għall-gass Russu mhuwiex affidabbli minħabba li huwa affetwat mill-ipprezzar domestiku għoli b'mod eċċessiv u possibbilment mhux kompetittiv fil-Ġermanja, li qed jiġi investigat mill-Awtoritajiet Ġermaniżi ta' l-Antitrust.
- (28) L-ewwel nett, għandu jiġi enfasizzat li wieħed mill-kriterji primarji għall-għażla tal-bażi li fuqha jiġu stabbiliti l-prezzijiet tal-gass kien li l-bażi tirrifletti b'mod raġjonevoli prezz li normalment jitħallas fi swieq mhux distorti. Ma hemm l-ebda dubju li din il-kondizzjoni hija sodisfatta fir-rigward tal-prezzijiet f'Waidhaus. Barra minn dan, b'mod konsiderevoli l-ikbar volum ta' gass mir-Russja huwa importat permezz taċ-ċentru Waidhaus li għalhekk jirrappreżenta bażi xierqa għal aġġustament. Fuq din il-bażi, Waidhaus tqies bħala suq rappreżentattiv u bħala bażi raġjonevoli għad-determinazzjoni ta' l-ispejjeż tal-gass fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku. It-tieni, kif deskritt fil-qosor fil-premessa (24), waħdu dan huwa irrilevanti jekk il-prezz huwiex immexxi mill-ispiża sakemm jirrifletti prezz normalment imħallas fi swieq mhux distorti. F'dak li għandu x'jaqsam mal-gass importat f'Waidhaus, mhemm l-ebda indikazzjoni ta' interferenza ta' l-Istat fil-formolazzjoni tal-prezz u għalhekk din il-kondizzjoni hija sodisfatta. Finalment, f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-ipprezzar domestiku mhux kompetittiv tal-gass fil-Ġermanja għandu jiġi enfasizzat li l-investigazzjoni tal-Bundeskartellamt, li rrefera għaliha l-applikant, għadha pendenti u ma ntlaħqet l-ebda konklużjoni. Apparti dan, din l-investigazzjoni tikkonċerna prezzijiet li bihom id-distributori ewlenin Ġermaniżi tal-gass ibigħu l-gass fis-suq domestiku Ġermaniż u mhux il-prezz li bih jixtru l-gass importat mir-Russja. B'kuntrast ma dak li ddikjara l-applikant, dawn iż-żewġ prezzijiet mhuwiex bilfors relatati minħabba li l-interess ekonomiku tad-distributori tal-gass u tal-konsumaturi tagħhom huwa eżattament l-oppost. Għalhekk, jista' jkun hemm suppożizzjoni li d-distributori jimmiraw li jżommu l-prezz tal-bejgħ mill-ġdid fl-ogħla livell possibbli li permezz ta' hekk fl-istess waqt huwa fl-interess ekonomiku tagħhom li jżommu l-prezz li jixtrubih fl-iktar livell baxx possibbli sabiex jiġu mmassimizzati l-livelli ta' profitt. L-argument ta' l-applikant li l-persuni Ġermaniżi inkarigati ma għandhomx inċentiv li jinneogzjaw prezzijiet baxxi għall-gass Russu importat f'Waidhaus hija sempliċi suppożizzjoni li ma għandha l-ebda sostenn fattwali. B'konsegwenza, dawn l-argumenti ġew rifużati.
- (29) L-applikant argumenta b'mod ulterjuri li kieku kellu jsir aġġustament għall-ispiża tal-gass naturali fis-suq domestiku, aġġustament bħal dan għandu jkun ibbażat fuq prezzijiet tal-gass mhux irregolati disponibbli fir-Russja. L-ewwel nett, il-fatt li l-Kummissjoni setgħet tagħżel bażi differenti ma jagħmilx l-għażla ta' Waidhaus waħda mhux raġjonevoli. Il-kriterju primarju għall-għażla tal-bażi li fuqha għandu jiġi stabbilit il-prezz tal-gass huwa li l-bażi tirrifletti b'mod raġjonevoli prezz li normalment jitħallas fi swieq mhux distorti. Ma hemm l-ebda dubju li din il-kondizzjoni hija sodisfatta fir-rigward tal-prezzijiet f'Waidhaus. It-tieni, il-fatt li l-volum ta' gass mibjugħ fi prezzijiet mhux regolati fis-suq domestiku kien biss wieħed minuri matul il-PIR u li prezzijiet bħal dawn kienu sinifikament eqreb għall-prezz domestiku regolat milli għall-prezz ta' l-esportazzjoni ddeterminat b'mod ħieles jimplika b'mod qawwi li dawn il-prezzijiet mhux regolati kienu distorti mill-prezzijiet regolati prevalenti. Għalhekk, il-prezzijiet domestiċi mhux regolati ma setgħux jintużaw.

- (30) L-applikant argumenta b'mod ulterjuri li l-prezzijiet domestiċi għall-gass naturali fir-Russja regolati mill-Istat qed jiżiedu b'mod kostanti u qed jilhqg livelli li jkopru l-ispiża tal-produzzjoni tal-gass. Għalhekk, il-prezz fis-suq domestiku ma jstgħux jitqiesu bħala mhux kompetittivi jew baxxi b'mod irrazzjonali.
- (31) Dan l-argument ma jreġix minħabba li l-istandard korrett għall-għażla ta' suq rappreżentattiv mhuwiex jekk il-prezzijiet humiex profittabbli *per se* iżda jekk jirriflettux b'mod raġjonevoli prezz li normalment jitħallas fi swieq mhux distorti, kif spjegat fil-premessa (29) hawn fuq. Dan mhuwiex il-każ għall-prezzijiet irregolati mill-Istat. Barra minn dan, dan l-argument jikkontradixxi wkoll dikjarazzjonijiet pubbliċi tal-fornitur Russu tal-gass (kif ikkonfermati mill-kontijiet verifiati finanzjarjament u ppubblikati tiegħu) li l-prezzijiet domestiċi Russi tal-gass ma jkoprux l-ispiża ta' produzzjoni, ta' trasport u ta' bejgħ. Għalhekk, dan l-argument kien irrifjutat.
- (32) L-applikant ippropna b'mod ulterjuri l-użu tal-prezz Russu ta' l-esportazzjoni lejn swieq ġirien bħala bażi alternattiva għall-aġġustament, iżda mingħajr ma ta l-ebda informazzjoni jew evidenza dwar swieq bħal dawn. Tqies li l-prezzijiet Russi ta' l-esportazzjoni tal-gass lejn l-Istati Baltiċi, fejn kien hemm xi informazzjoni disponibbli dwar il-prezz, ma kinux rappreżentattivi biżżejjed, minħabba l-volumi relattivament baxxi ta' esportazzjoni lejn dawn il-pajjiżi. Barra minn dan, *data* meħtieġa li tikkonċerna l-ispiża ta' trasport u distribuzzjoni ma kinitx disponibbli u għalhekk, fi kwalunkwe każ il-prezzijiet affidabbli lejn l-Istati Baltiċi jstgħu ma jiġux stabbiliti. Għalhekk, dawn il-prezzijiet ma setgħux jintużaw bħala bażi għall-aġġustament.
- (33) B'mod alternattiv, l-applikant argumenta li kieku kellu jintuża l-prezz ta' l-esportazzjoni f'Waidhaus, id-dazju Russu ta' l-esportazzjoni li jitħallas għall-esportazzjonijiet kollha għandu jitnaqqas mill-prezz f'Waidhaus minħabba li ma jkunx iġġarrab b'mod domestiku.
- (34) Fil-fatt il-prezz tas-suq f'Waidhaus, li tqies bħala suq rappreżentattiv fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, huwa l-prezz wara t-taxxi ta' l-esportazzjoni u mhux il-prezzijiet ta' qabel dawn it-taxxi. Mill-prespettiva tax-xerrej huwa l-prezz li jrid jitħallas f'Waidhaus li huwa relevanti, u f'dan ir-rigward huwa irrelevanti liema persentaġġ jikkostitwixxi taxxa ta' esportazzjoni u liema persentaġġ jitħallas lill-fornitur tal-gass. Dan ta' l-aħħar, min-naħa l-oħra dejjem se jipprova jimmassimizza l-prezz tiegħu u għalhekk lill-konsumaturi tiegħu jżom-milhom l-oġġla prezz li lesti jħallsu. Fid-dawl li dan il-prezz huwa dejjem oġġla sewwa mill-ispejjeż tal-produzzjoni, li jippermetti lill-fornitur tal-gass li jagħmel profitti kbar, il-formolazzjoni tiegħu tal-prezz mhijiex influwenzata primarjament mill-ammont tat-taxxa ta' l-esportazzjoni iżda b'liema prezz il-konsumaturi tiegħu lesti li jħallsu. Għalhekk ġie konkluż li l-prezz inkluża t-taxxa ta' l-esportazzjoni, u mhux il-prezz ta' qabel tinqata' dik it-taxxa, huwa l-prezz mhux distort immexxi mis-suq. Għaldaqstant, l-argumenti ta' l-applikant f'dan ir-rigward ġew irrifjutati.
- (35) F'dan il-kuntest, l-applikant ikkonferma wkoll li ż-żieda fil-valur tad-distributuri lokali ma għandhiex tiżdid mal-prezz ta' l-esportazzjoni f'Waidhaus filwaqt li ddikjara li l-profitti tad-distributuri għandhom ikunu diġà inklużi fil-prezz f'Waidhaus. F'dan ir-rigward, l-applikant iddikjara li d-distributuri lokali fir-Russja kienu sussidji bi sjieda sħiħa tal-fornitur tal-gass u għalhekk, it-total tal-profit ta' dawn id-distributuri jstgħu jikkostitwixxu li qed jingħaddu darbejn. L-applikant iddikjara wkoll li għandu jitqies il-vantaġġ komparattiv tar-Russja. L-applikant argumenta b'mod ulterjuri li minħabba li l-gass huwa disponibbli fil-wisa' fir-Russja iżda mhux fil-Komunità, il-prezzijiet domestiċi fir-Russja għandhom ikunu naturalment aktar baxxi mill-prezz tal-gass esportat li kellu jitqies waqt id-determinazzjoni ta' l-aġġustament għall-prezzijiet tal-gass imħallsa fis-suq domestiku.
- (36) L-ewwel irid jiġi enfasizzat li ż-żieda fil-valur tad-distributuri lokali ma tinkludix biss il-marġini tal-profit ta' dawn il-kumpaniji iżda wkoll l-ispejjeż tagħhom bejn ix-xiri u l-bejgħ mill-ġdid tal-gass naturali.
- (37) It-tieni, dan l-argument ma setax jiġi vverifikat aktar b'mod suffiċjenti. Dan minħabba l-fatt li l-fornitur tal-gass fir-Russja u l-affiljati tiegħu ma kinux soġġetti għall-investigazzjoni attwali u li għalhekk ma kienx hemm informazzjoni biżżejjed ta' l-organizzazzjoni u l-istruttura tagħha ta' l-ispejjeż. Huwa enfasizzat ukoll li l-qagħda fir-Russja f'dan ir-rigward minħabba, *inter alia*, ir-rabtiet mill-qrib bejn il-fornitur tal-gass u l-gvern Russu mhijiex trasparenti biżżejjed biex tippermetti aċċess biżżejjed għall-evidenza meħtieġa.

- (38) Aktar minn hekk, l-applikant, li fuq jaqa' d-dmir tal-prova, ma kienx kapaċi jippreżenta kwalunkwe informazzjoni jew evidenza ulterjuri li kienet turi jekk l-ispiża tad-distribuzzjoni kinitx fil-fatt inkluża fil-prezz ta' Waidhaus u sa liema punt. Minkejja dan, minħabba li l-konsumaturi domestiċi kienu qed jixtru l-gass minn fornituri lokali, għandu jitqies li huma jkollhom iħallsu l-ispejjeż lokali ta' distribuzzjoni li mhumiex *per se* inklużi fil-prezz mhux aġġustat ta' Waidhaus. Għalhekk, f'dan l-istadju tal-proċediment għandu jitqies li dan l-aġġustament kien ġustifikat u konsegwentement l-argument ġie rrifjutat.
- (39) Minkejja dan, l-Istituzzjonijiet tal-Komunità qiesu wkoll li l-impatt fuq il-kalkolu tal-marġini tad-*dumping* ta' dan l-aġġustament speċifiku seta' kien sinifikanti. Għalhekk, fiddawl tal-qagħda partikolari deskritta hawn fuq fil-premessa (37), tqies li jekk l-applikant iforni biżżejjed evidenza verifikabbli, il-Kummissjoni tista' tqis il-ftuħ mill-ġdid ta' l-investigazzjoni f'dan ir-rigward.
- (40) F'dak li għandu x'jaqsam mal-vantaġġi komparattivi ddikjarati fir-rigward tad-disponibilità tal-gass naturali fir-Russja, għandu jiġi enfasizzat li kif imsemmi fil-premessa (28) hawn fuq, il-kriterju primarju għall-għażla tal-prezzijiet ta' Waidhaus bħala bażi li fuqha jiġu stabbiliti l-prezzijiet tal-gass huwa li l-prezzijiet jirriflettu b'mod raġjonevoli prezz normalment imħallas fi swieq mhux distorti. Il-kondizzjonijiet tas-suq prevalenti fis-suq domestiku huma irrilevanti f'dan il-kuntest. Għalhekk dan l-argument kellu jiġi rrifjutat.
- (41) SĠAB u l-profitt ma setgħux ma setgħux jiġu stabbiliti fuq il-baży ta' l-ewwel parti ta' l-Artikolu 2(6), l-ewwel sentenza, tar-Regolament bażiku minħabba li, wara l-aġġustament għall-sipiza tal-gass imsemmija fil-premessa (22), l-applikant ma kellux bejgħ domestiku rappreżentattiv tal-prodott ikkonċernat fl-andamwnt normali tal-kummerċ skond l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. L-Artikolu 2(6)(a) tar-Regolament bażiku ma setax jiġi applikat, minħabba li l-applikant huwa soġġett għall-investigazzjoni. L-Artikolu 2(6)(b) ukoll ma kienx japplika, minħabba li għall-prodotti li jappartejnu għall-istess kategorija ġenerali ta' prodotti l-gass naturali huwa bl-istess mod l-aktar materja prima nettament importanti u għalhekk l-ispejjeż tal-manifattura jeħtieġ fil-probabilità kbira li jiġu aġġustati, għar-raġunijiet indikati fil-premessa (21) hawn fuq. Fil-qafas tar-reviżjoni *interim*, l-ebda informazzjoni ma kienet disponibbli sabiex tikkwantifika b'mod xieraq aġġustament bħal dan u sabiex tistabbilixxi SĠAB u l-marġini rilevanti tal-profitt meta dawn il-prodotti jinbiegħu wara aġġustament bħal dan. Għalhekk, l-SĠAB u l-profitt ġew stabbiliti skond l-Artikolu 2(6)(ċ) tar-Regolament bażiku fuq il-baży ta' metodu raġjonevoli.
- (42) F'dan ir-rigward, tqieset l-informazzjoni li hija pubblikament disponibbli li hija relatata mal-kumpaniji ewlenija li joperaw fis-settur tan-negożju tal-fertilizzanti tan-nitroġenu. Instab li d-*data* korrispondenti mill-produtturi ta' l-Amerika ta' Fuq (l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Kanada) għandha tkun l-iktar xierqa għall-iskop ta' l-investigazzjoni, minħabba d-disponibilità kbira ta' informazzjoni finanzjarja pubblika affidabbli u kompluta minn kumpaniji elenkati f'dan ir-reġjun tad-dinja. Barra minn hekk, is-suq ta' l-Amerika ta' Fuq wera volum sinifikanti ta' bejgħ domestiku u livell konsiderevoli ta' kompetizzjoni kemm mill-kumpaniji domestiċi kif ukoll minn daww barranin. Għalhekk SĠAB u l-profitt ġew stabbiliti fuq il-baży tal-medja bil-piż differenzjat ta' SĠAB u l-profitt minn tliet produtturi ta' l-Amerika ta' Fuq, li nstabu li kienu fost l-ikbar kumpaniji fis-settur tal-fertilizzanti, fir-rigward tal-bejgħ tagħhom fl-Amerika ta' Fuq ta' l-istess kategorija ġenerali ta' prodotti (il-fertilizzanti tan-nitroġenu). Dawn it-tliet produtturi tqiesu bħala rappreżentattivi għan-negożju tal-fertilizzanti tan-nitroġenu (bħala medja, aktar minn 78,15 % tal-fatturat tas-segment tal-kumpanija/negożju), u SĠAB u l-profitt tagħhom bħala rappreżentattivi ta' l-istess tip ta' spejjeż li normalment isiru minn kumpaniji li joperaw b'suċċess f'dak is-segment ta' negożju. Barra minn hekk, m'hemm l-ebda indikazzjoni li tissuġġerixxi li l-ammont għall-profitt li kien stabbilit b'dan il-mod jaqbeż il-profitt li normalment jagħmlu l-produtturi Russi fuq il-bejgħ tal-prodotti ta' l-istess kategorija ġenerali fis-suq domestiku tagħhom.

3. Il-prezz ta' l-esportazzjoni

- (43) Kif imsemmi fil-premessa (13), l-applikant ma kellux bejgħ ta' l-esportazzjoni ta' UAN lejn il-Komunità Ewropea matul il-PIR. Għalhekk, għar-raġunijiet stipulati fil-premessa (14) sa (17) tqies xieraq li tiġi eżaminata l-imġiba ta' l-ipprezzar ta' l-applikant lejn swieq oħra ta' l-esportazzjoni sabiex jiġi kkalkolat il-marġini tad-*dumping*. Fl-avviż tal-bidu, l-Istati Uniti ta' l-Amerika kienu previsti bħala suq xieraq għall-iskopijiet ta' tqabbil, minħabba li huma s-suq ewlieni ta' esportazzjoni ta' l-applikant u jirrapreżentaw 'il fuq minn 70 % tal-kwantitajiet ta' esportazzjoni ta' l-applikant matul il-PIR.

- (44) L-ebda waħda mill-partijiet interessati ma kkummentat dwar l-għażla ta' l-Istati Uniti bħala s-suq l-aktar xieraq għal skopijiet ta' tqabbil. L-investigazzjoni kkonfermat li s-suq ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika għal UAN kien l-aktar xieraq għall-iskop ta' tqabbil minħabba li l-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika jirrappreżentaw żewġt iswieq ewlenin ta' UAN fid-dinja, li huma komparabbli kemm f'termini ta' volum kif ukoll ta' prezzijiet.
- (45) Minħabba li l-bejgħ ta' l-esportazzjoni ta' l-applikant fl-Istati Uniti ta' l-Amerika matul il-PIR sar permezz ta' negozjant relatat fl-Iżvizzera, il-prezz ta' l-esportazzjoni kellu jiġi stabbilit skond l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, il-prezz ta' l-esportazzjoni kien kompost fuq il-bażi tal-prezzijiet realment imħallsa jew li jistgħu jitħallsu lill-applikant mill-ewwel konsumatur indipendenti fl-Istati Uniti ta' l-Amerika, l-ikbar suq ta' esportazzjoni ta' l-applikant. Minn dawn il-prezzijiet tnaqqset kummissjoni ipotetika li tikkorrispondi għaż-żieda fil-valur tal-kummerċjant relatat, li tista' titqies simili għar-rwol ta' aġent li jaġixxi fuq bażi ta' kummissjoni.

4. Il-paragun

- (46) Il-valur normali u l-prezz ta' esportazzjoni tqabblu mal-bażi tal-prezz ex fabrika. Sabiex ikun żgurat paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni, saru konċessjonijiet xierqa fil-forma ta' aġġustamenti għad-differenzi li jaffettwaw il-prezz u għall-komparabilità tal-prezzijiet skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, saru aġġustamenti għad-differenzi fl-ispejjeż tat-trasport, ta' l-immaniġġjar, tat-tagħbija u fi spejjeż awżiljari, fejn japplika u fejn kien appoġġjat minn evidenza vverifikata.

5. Il-marġni tad-dumping

- (47) Il-marġni tad-dumping kien stabbilit fuq il-bażi ta' taqbbil ta' valur normali tal-medja bil-piż differenzjat ma' prezz ta' esportazzjoni tal-medja bil-piż differenzjat, skond l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku.
- (48) Il-paragun wera marġni tad-dumping b'medja ta' 33,95 %, espress bħala persentaġġ tal-prezz CIF fil-fruntiera ta' l-Amerika ta' Fuq, bid-dazju mhux imħallas.

6. In-natura permanenti ta' ċirkostanzi prevalenti matil il-PIR

- (49) Skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk tibddlux iċ-ċirkostanzi li fuq il-bażi tagħhom ġie bbażat il-marġni attwali ta' *dumping* u jekk tibdiliet bħala dawn kinux ta' natura permanenti.
- (50) Ma kienx hemm indikazzjonijiet li l-livell tal-valur normali jew il-prezz stabbilit ta' esportazzjoni għall-applikant fl-investigazzjoni attwali ma setax jitqies ta' natura permanenti. Minkejja li jista' jiġi argumentat li l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-gass naturali bħala l-materja prima ewlenija jista' jkollu influwenza sinifikanti fuq il-valur normali, tqies li l-effett taż-żieda fil-prezz għandu jaffettwa lill-operaturi kollha fis-suq u għalhekk ikollu impatt kemm fuq il-valur normali kif ukoll fuq il-prezz ta' l-esportazzjoni.
- (51) Il-prezz ta' l-esportazzjoni ta' l-applikant għall-Istati Uniti ta' l-Amerika, is-suq ewlieni ta' esportazzjoni ta' l-applikant, matul il-PIR nstab li kien simili għal dak ta' l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi oħra.
- (52) Għalhekk, jeżistu raġunijiet sabiex jitqies li l-marġni li nstab ta' *dumping* huwa bbażat fuq ċirkostanzi mibdula ta' natura permanenti.
- (53) Barra minn hekk, ir-reviżjoni attwali ma żvelat l-ebda indikazzjoni jew evidenza li l-bażi li fuqha ġie stabbilit il-livell ta' eliminazzjoni ta' ħsara matul l-investigazzjoni oriġinali se tinbidel b'mod sinifikanti fil-futur imminenti.
- (54) F'dan ir-rigward, qed jiġi enfasizzat li għalkemm iċ-ċirkostanzi li fuq il-bażi tagħhom ġiet ibbażata d-determinazzjoni ta' *dumping* inbidlu minn mindu kien hemm l-impożizzjoni tad-dazji definittivi, li rriżultaw f'marġni akbar tad-dumping matul il-PIR meta mqabbel mal-PI oriġinali, u għalkemm mhemm l-ebda raġuni sabiex il-marġni li nstab ta' *dumping* huwa bbażat fuq ċirkostanzi mibdula ta' natura permanenti, il-livell ta' dazju ta' l-*anti-dumping* fis-seħħ għandu jibqa' l-istess. Fil-fatt, kif imsemmi hawn isfel fil-premessi (55) u (56), id-dazji definittivi ta' l-*anti-dumping* ġew imposti fil-livell ta' eliminazzjoni tal-ħsara kif instab fl-investigazzjoni oriġinali.

D. IT-TMIEM TAR-REVIŻJONI

(55) Qiegħed jifakkar li, skond l-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku u kif deskritt fil-qosor fil-premessa (49) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1995/2000, id-dazju definitiv ta' l-*antidumping* fl-investigazzjoni oriġinali għie stabbilit fil-livell tal-marġini ta' ħsara li nstab, li kien inqas mill-marġini tad-*dumping* minħabba li nstab li dazju inqas bħal dan kellu jkun adegwat għat-tneħħija tal-ħsara ta' l-industrija tal-Komunità. Fid-dawl ta' dan li ntqal, id-dazju stabbilit f'din ir-reviżjoni ma għandux ikun ogħla mill-marġini tad-*dumping* stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali.

(56) L-ebda marġini tad-*dumping* ma jista' jiġi stabbilit f'din ir-reviżjoni parzjali *interim*, minħabba li hija limitata għall-eżaminazzjoni tad-*dumping* f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-applikant. Għalhekk, il-marġini tad-*dumping* stabbilit fir-reviżjoni attwali tqabbel mal-marġini tal-ħsara kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali. Minħabba li dan ta' l-aħħar instab li kien inqas mill-marġini tad-*dumping* li nstab fl-investigazzjoni attwali, din ir-reviżjoni għandha tintemm mingħajr ma temenda l-miżuri ta' l-*antidumping* fis-seħħ.

E. IMPENJI

(57) L-applikant esprima interess li joffri impenn iżda naqas milli jippreżenta offerta sostanzjat biżżejjed ta' impenn fi ħdan il-limiti ta' żmien stipulati fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament bażiku. Minħabba f'hekk, l-ebda offerta għal impenn ma setgħet tiġi aċċettata mill-Kummissjoni. Minkejja dan, huwa meqjus li l-kumplessità ta' bosta kwistjonijiet, speċifikament (1) il-volatilità tal-prezz tal-prodott ikkonċernat li jista' jirrikjedi xi forma ta' inidicizzazzjoni tal-prezzijiet minimi, u fl-istess waqt il-volatilità mhijiex spjegata biżżejjed mill-fattur prinċipali ta' l-ispiża. u (2) il-qagħda partikolari tas-suq għall-prodott ikkonċernat (*inter alia*, li ma kien hemm l-ebda importazzjoni mill-esportatur soġġetta għal din ir-reviżjoni matul il-PIR) jindikaw il-ħtieġa li jitqies b'mod ulterjuri jekk impenn li

jgħaqqad prezz indiciżzat minimu u livell massimu kwantitattiv ikunx vijabbli.

(58) Kif imsemmi hawn fuq, minħabba l-kumplessità, l-applikant ma setax jiffurmola offerta aċċettabbli ta' l-impenn fi ħdan il-limitu statutorju ta' żmien. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill iqis li l-applikant għandu b'mod eċċezzjonali jitħalla jlesti l-offerta tiegħu ta' l-impenn lil hinn mil-limitu msemmi ta' żmien iżda fi żmien għaxart ijiem kalendarji mis-shul fis-seħħ ta' dan ir-regolament.

F. L-IŻVELAR

(59) Il-partijiet interessati ġew informati bil-fatti u l-konsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien maħsub li tintemm ir-reviżjoni attwali u li jiġi ppreservat id-dazju attwali ta' l-*antidumping* fuq importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat prodott mill-applikant. Il-partijiet kollha nġghataw l-oppportunità li jikkumentaw. Il-kummenti tagħhom ittiedu fkonsiderazzjoni fejn iġġustifikati u sostanzjati b'evidenza.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu Uniku

Ir-reviżjoni parzjali *interim* tal-miżuri ta' l-*antidumping* applikabli għal importazzjonijiet ta' l-urea u n-nitrat ta' l-ammonju f'soluzzjonijiet ta' l-ilma jew f'dawk amonjakali li joriġinaw fir-Russja attwalment klassifikabli fi ħdan il-kodiċi tan-NM 3102 80 00, li nġghatat bidu permezz ta' l-Artikolu 11(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, hija b'dan mitmuma mingħajr emendi għall-miżuri fis-seħħ.

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada ta' meta ssir il-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Marzu 2008.

Għall-Kunsill
Il-President
D. RUPEL

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 239/2008

tas-17 ta' Marzu 2008

li jimponi dazju definittiv ta' anti-dumping u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' kokk tal-faħam f'biċċiet ta' dijametru ta' aktar minn 80 mm (Kokk 80+) li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. MIŻURI PROVVIŻORJI

- (1) Fl-20 ta' Diċembru 2006, il-Kummissjoni ppubblikat avviż ⁽²⁾ li ta bidu għal proċedura ta' anti-dumping fuq importazzjonijiet fil-Komunità ta' kokk tal-faħam f'biċċiet ta' dijametru ta' aktar minn 80 mm ("Kokk 80+") li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("ir-RPĊ"). Fid-19 ta' Settembru 2007, il-Kummissjoni, bir-Regolament (KE) Nru 1071/2007 ⁽³⁾ ("ir-Regolament provviżorju") imponiet dazju provviżorju ta' anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' Kokk 80+ li joriġina mir-RPĊ.
- (2) Issemma li l-proċedura nġhatat bidu wara ilment imressaq minn tliet produtture Komunitarji, li jirrappreżentaw madwar 40 % tal-produzzjoni Komunitarja totali ta' Kokk 80+. Issemma li ċifra inferjuri ta' "aktar minn 30 %" tniżżlet fil-premessa (2) tar-Regolament provviżorju; madankollu, wara aktar investigazzjoni nstab li dawk li ressqu l-ilment jirrappreżentaw madwar 40 % tal-produzzjoni Komunitarja kollha.
- (3) Kif stipulat fil-premessa (12) tar-Regolament provviżorju, l-investigazzjoni ta' dumping u ħsara kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2005 sat-30 ta' Settembru 2006 ("il-

perjodu ta' investigazzjoni" jew il-"PI"). Fir-rigward tat-tendenzi rilevanti għall-istima tal-ħsara, il-Kummissjoni analizzat id-data li tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2003 sat-tmiem il-PI ("perjodu meqjus").

B. PROĊEDURA SUSSEGWENTI

- (4) Wara l-impożizzjoni ta' dazju ta' anti-dumping provviżorju fuq importazzjonijiet ta' Kokk 80+ li joriġina mir-RPĊ, bosta partijiet interessati ppreżentaw kummenti bil-miktub. Il-partijiet li għamlu din it-talba nġhataw ukoll l-opportunità li jinstemgħu.
- (5) Il-Kummissjoni kompliet tftitex u tivverifika t-tagħrif kollu li qieset meħtieġ għas-sejbiet definittivi tagħha. B'mod partikolari, il-Kummissjoni intensifikat l-investigazzjoni fejn qieset aspetti ta' interess Komunitarju. Twettqet żjara ta' verifika addizzjonali relatata ma' dan wara l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji fil-kumpanija li ġejja:
 - La Fonte Ardennaise, Vivier-Au-Court, Franza – utent fil-Komunità.
- (6) B'żieda ma' dan, saret żjara ta' ġbir ta' tagħrif lill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Funderija (CAEF) f'Düsseldorf, il-Ġermanja. Sabiex jiġu ċċarati ċerti allegati problemi ta' implimentazzjoni, saret ukoll żjara lill-awtoritajiet doganali f'Antwerp, il-Belġju kif ukoll f'Duisburg, il-Ġermanja.
- (7) Il-partijiet kollha ġew infurmati bil-fatti essenzjali u l-konsiderazzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom kien maħsub li tkun rakkomandata l-imposizzjoni ta' dazju definittiv ta' anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' Kokk 80+ li joriġina mir-RPĊ u l-ġbir definittiv ta' l-ammonti miġbura permezz tad-dazju provviżorju. Huma nġhataw ukoll perjodu li matulu setgħu jressqu rappreżentazzjonijiet wara dan l-iżvelar.
- (8) Il-kummenti bil-kliem u bil-miktub miġbutha mill-partijiet interessati tqiesu u, fejn xieraq, is-sejbiet ġew mmodifikati skond dan.

⁽¹⁾ ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

⁽²⁾ ĠU C 313, 20.12.2006, p. 15.

⁽³⁾ ĠU L 244, 19.9.2007, p. 3.

C. PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

- (9) Fin-nuqqas ta' kummenti rigward il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili, il-premessi (13) sa (17) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.
- (10) Minħabba dan ta' hawn fuq, huwa konkluż b'mod definit li l-prodott ikkonċernat u Kokk 80 + prodott u mibjugħ fil-pajjiż analogu, l-Istati Uniti, kif ukoll dak prodott u mibjugħ mill-industrija Komunitarja fis-suq Komunitarju huma l-istess, fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

D. DUMPING

- (11) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar il-livell ta' kooperazzjoni, l-għażla ta' pajjiż analogu u d-determinazzjoni tal-valur normali, il-premessi (18) sa (28) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.
- (12) B'referenza għall-paragun tal-prezz, l-uniku esportatur kooperattiv oġġezzjona għaċ-ċaħda tal-Kummissjoni ta' l-istqarrija tiegħu dwar l-operazzjonijiet ta' wara l-iscreening fil-kalkolu tad-dumping, u argumenta li stqarrija simili tqieset għall-għanijiet ta' kalkoli ta' ħsara. Għalhekk l-istqarrija ġiet aċċettata u sar aġġustament addizzjonali għall-valur normali.
- (13) L-istima tal-valur ta' l-aġġustament li saret għal differenzi fil-karatteristiċi fiżiċi fi stadju provviżorju ġiet riveduta biex tirrifletti l-valur tad-differenzi fl-indikaturi ta' valur kalorifiku u l-firxa tad-daqs bejn il-prodott prodott fil-pajjiż analogu u l-prodott Ċiniż esportat.
- (14) Minħabba li ma' hemm l-ebda kummenti oħra f'dan ir-rigward, il-premessi (29) sa (31) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.
- (15) Il-marġini tad-dumping definittiv kien stabbilit fuq il-bażi ta' paragun tal-medja bil-piż differenzjat tal-valur normali ex-fabbrika mal-medja bil-piż differenzjat tal-prezz ta' esportazzjoni ex-fabbrika, skond l-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku. Wara li jiġu applikati l-aġġustamenti msemmija fil-premessi (12) u (13), il-marġini tad-dumping definittiv rivedut komuni għall-pajjiż kollu, espress b'ħala perċentwal tal-prezz CIF tal-fruntiera Komunitarja, id-dazju għadu mhux imħallas, huwa 61,8 %.

E. ĦSARA**1. Il-produzzjoni Komunitarja u l-industrija Komunitarja**

- (16) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar it-tifsira tal-produzzjoni Komunitarja u l-industrija Komunitarja, il-premessi (34) u (35) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

2. Il-konsum Komunitarju

- (17) Kif stipulat fil-premessa (36) tar-Regolament provviżorju, il-Kummissjoni kompliet l-investigazzjoni tagħha b'mod partikolari fir-rigward ta' komponent wieħed tal-konsum Komunitarju; il-volumi ta' importazzjoni matul il-perjodu meqjus. Madankollu, ma wasal l-ebda tagħrif ġdid jew sostanzjat f'dan ir-rigward. Għalhekk, u fin-nuqqas ta' argumenti minn partijiet interessati li jpoġġu fid-dubju l-metodu użat sabiex jiġi stabbilit l-konsum Komunitarju, il-premessi (36) u (37) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

3. Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat

- (a) *Volum u sehem tas-suq ta' l-importazzjonijiet ikkonċernati; prezzijiet ta' l-importazzjoni*
- (18) Kif stipulat fil-premessi (36) u (41) tar-Regolament provviżorju, il-Kummissjoni kompliet l-investigazzjoni tagħha dwar il-volumi u l-prezzijiet ta' importazzjoni matul il-perjodu meqjus. Issemmja li kien hemm żball kleriku fil-premessa (42) tar-Regolament provviżorju minħabba li l-prezzijiet naqsu bi 43 % mill-2004 sal-PI u mhux b'35 %, kif tniżżel fil-premessa msemmija.
- (19) Madankollu, ma wasal l-ebda tagħrif ġdid u sostanzjat rigward il-volumi u l-prezzijiet ta' importazzjoni. Għalhekk, u fin-nuqqas ta' argumenti minn partijiet interessati li jpoġġu fid-dubju l-metodu użat sabiex jiġu stabbiliti l-volum u l-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet ikkonċernati, il-premessi (38) sa (42) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

(b) Twaqqiġ tal-prezz

- (20) Il-produttur esportatur kooperattiv u utent wieħed argumentaw li sabiex iwettqu l-kalkolu ta' twaqqiġ fuq bażi ġusta, meta jitqabblu l-prezzijiet ta' l-industrija Komunitarja għall-prodott simili u l-prezzijiet ta' importazzjoni tal-prodott ikkonċernat, għandu jsir aġġustament għad-differenzi fil-karatteristiċi fiżiċi. Min-naħa l-oħra, ċerti produttori ta' l-industrija Komunitarja argumentaw li filwaqt li f'sitwazzjoni ipotetika l-Kokk 80+ minn xi produttori Komunitarji jistgħu jeħtieġu prezz ogħla

imsejjes fuq karatteristiċi ta' kwalità speċifiċi, id-*data* disponibbli għall-Kummissjoni tistabbilixxi li l-utenti ma jħallsux prezz ogħla għal dawk l-hekk imsejja karatteristiċi ta' kwalità aħjar, b'mod partikolari f'ambjent ta' prezzijiet baxxi kkawżati minn dumping predatorju. Skond dawn il-produtturi ta' l-industrija Komunitarja, id-deċiżjonijiet ta' xiri ta' l-industrija ta' l-utent huma, minflok, imsejja biss fuq il-prezz ikkwotat fuq il-prodott Ċiniż. Għalhekk, aġġustamenti għad-differenzi fil-karatteristiċi fiżiċi mhumiex meħtieġa. Madankollu, minħabba li t-tagħrif verifikat mogħti mill-partijiet interessati jissuġġerixxi li hemm differenzi bejn l-umdità, l-irmied, il-materjal volatili u l-kontenut tal-kubrit tal-prodott simili u tal-prodott ikkonċernat, li f'kundizzjonijiet tas-suq normali jista' jkun mistenni li jkollhom effett fuq il-prezzijiet, l-istqarrija tal-produttur Ċiniż kooperattiv u ta' l-utent ġiet aċċettata u sar aġġustament addizzjonali sabiex jitqiesu dawn id-differenzi.

- (21) Barra minn dan, sabiex jiġu pparagunati l-prodott ikkonċernat u l-Kokk 80+ prodott mill-industrija Komunitarja fl-istess livell ta' kummerċ, flimkien ma' dawk l-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni sostnuti mill-importaturi fil-Komunità li ġew imsemmija fil-premessa (43) tar-Regolament provviżorju, sar aġġustament fil-kalkolu tat-twaqqiġ tal-prezz anke għal spejjeż ta' ħatt. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza ssema li sar aġġustament għall-marġini ta' profitt ta' importaturi mhux relatati fil-kalkolu tat-twaqqiġ tal-prezz fl-istadju provviżorju, anki jekk dan ma ssemmix b'mod partikolari fil-premessa (43) tar-Regolament provviżorju. Dan l-aġġustament sar fuq il-bażi tal-profittabbiltà verifikata rrapportata mill-importatur mhux relatat kooperattiv matul il-PI, li huwa fil-firxa ta' 5-10 %⁽¹⁾.
- (22) Il-marġini ta' twaqqiġ provviżorju għar-RPĊ ġie emendat skond dan u huwa konkluż li, matul il-PI, il-prodott ikkonċernat li joriġina mir-RPĊ inbiegħ fil-Komunità bi prezzijiet li waqqgħu l-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja, meta espressi bħala perċentwal ta' dawn ta' l-aħħar, b'5,7 %.

4. Il-qagħda ta' l-industrija Komunitarja

- (23) Fin-nuqqas ta' tagħrif jew argumenti ġodda u sostanzjati dwar il-produzzjoni, ir-rati tal-kapaċità tal-produzzjoni u ta' l-utilizzazzjoni tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem tas-suq, it-*tkabbir*, l-*ishma*, l-investimenti u d-daqs tal-marġini tad-dumping, is-sejbiet fil-premessi (46) sa (50), (53) sa (54) u (60) sa (61) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

⁽¹⁾ Għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, din iċ-ċifra hija mogħtija biss f'firxiet.

(a) Prezzijiet tal-bejgħ fil-Komunità

- (24) Il-prezzijiet tal-bejgħ fil-Komunità msemija fil-premessa (51) tar-Regolament provviżorju ġew ikkoreġuti u huma mniżżla fit-tabella hawn taħt. Ir-reviżjonijiet żgħar ma jaffettwawx il-konklużjonijiet meħuda fir-rigward tal-prezzijiet tal-bejgħ Komunitarji fil-premessi (51) u (52) tar-Regolament provviżorju.

	2003	2004	2005	PI
Prezz ta' unità fis-suq tal-KE (EUR/tunnellata)	154	191	243	198
Indiċi (2003 = 100)	100	124	158	129

(b) Profittabbiltà, redditu mill-investment, likwidità u l-kapaċità li jinkiseb il-kapital

- (25) Il-kalkolu taċ-ċifri tal-profittabbiltà kif stipulat fir-Regolament provviżorju ġie rivedut u l-iżball ġie ikkoreġut. Iċ-ċifri korretti, ippreżentati fit-tabella hawn taħt, ma jaffettwawx il-konklużjonijiet dwar it-tendenza ġenerali ta' l-evoluzzjoni tal-profittabbiltà ta' l-industrija Komunitarja, anki jekk jagħtu stampa aktar skoraġġanti ta' l-istat ta' l-industrija Komunitarja: il-profittabbiltà ta' l-industrija Komunitarja waqgħet drastikament minn 16,2 % fl-2005 għal -3,8 % matul il-PI. Wara din il-korrezzjoni ġew aġġustati wkoll iċ-ċifri fuq ir-redditu mill-investimenti (ROI - *Return on investments*), espressi bħala profitt f'perċentwal tal-valur nett ta' kontabbiltà ta' l-investimenti. Iċ-ċifri ta' likwidità jibqgħu l-istess kif jinsabu fir-Regolament provviżorju, iżda huma ppreżentati fit-tabella hawn taħt għal raġunijiet ta' ċarezza.

	2003	2004	2005	PI
Profittabbiltà tal-bejgħ tal-KE lil konsumaturi mhux relatati (% tal-bejgħ nett)	8,1 %	15,0 %	16,2 %	- 3,8 %
Indiċi (2003 = 100)	100	185	200	- 47
L-ROI (profitt f% tal-valur nett tal-kontabbiltà ta' l-investimenti)	2,2 %	19,2 %	13,3 %	- 13,3 %
Indiċi (2003 = 100)	100	460	340	- 180
Likwidità (1 000 EUR)	17 641	13 633	34 600	4 669
Indiċi (2003 = 100)	100	77	196	26

- (26) Fin-nuqqas ta' kummenti ġodda f'dan ir-rigward partikolari, il-konklużjonijiet stipulati fil-premessa (58) tar-Regolament provviżorju dwar il-kapaċità ta' l-industrija Komunitarja li tikseb il-kapital huma b'dan kkonfermati.

juża ta' l-industrija Komunitarja tfaċċat biss matul xi xhur fl-2006.

(ċ) *Impjiegi, produttività u pagi*

- (27) Iċ-ċifri tal-produttività tal-ħaddiema ta' l-industrija Komunitarja msemmija fil-premessa (59) tar-Regolament provviżorju ġew ikkoreġuti wkoll u huma mniżżla fit-tabella hawn taħt. Dawn iċ-ċifri kkoreġuti juru l-produttività tal-ħaddiema ta' l-industrija Komunitarja, imkejla bħala produzzjoni (tunnellati) ta' kull persuna impjegata fis-sena, żdiedet f'it mill-2003 għall-PI. Barra minn hekk, l-ispejjeż annwali tax-xogħol għal kull impjegat huma, għal raġunijiet ta' ċarezza, prodotti mill-ġdid f'ċifri aktar dettaljati minn dawk tar-Regolament provviżorju.

	2003	2004	2005	PI
Numru ta' impjegati	680	754	734	767
Indiċi (2003 = 100)	100	111	108	113
Produttività (tunnellati/impjegat)	1 211	1 348	1 299	1 266
Indiċi (2003 = 100)	100	111	107	105
Spiża annwali tax-xogħol għal kull impjegat (EUR)	28 096	27 784	29 453	30 502
Indiċi (2003 = 100)	100	99	105	109

- (29) F'dan ir-rigward, ta' min jinnota l-ewwel li l-premessa (64) tar-Regolament provviżorju, fejn hemm referenza għall-iżvilupp ta' ċerti indikaturi ta' ħsara mill-2005 sal-PI, trid tinqara flimkien mal-premessa preċedenti (63), fejn jissemma l-iżvilupp ta' indikaturi ta' ħsara sa l-2005. Minn dawn il-premessi tar-Regolament provviżorju dwar l-indikaturi ta' ħsara joħroġ ċar li l-Kummissjoni segwiet il-prassi normali tagħha u eżaminat l-iżvilupp ta' indikaturi ta' ħsara matul il-perjodu ta' kważi erba' snin, jiġifieri mill-bidu ta' l-2003 sa Settembru 2006. Kif issemma fil-premessa (63), is-sena 2004 kienet sena eċċezzjonali fis-suq tal-Kokk 80+, li rriżulta minn provvista baxxa fis-suq kawża ta' ammont baxx ta' importazzjonijiet mir-RPĊ u l-għeluq ta' xi pjanti li qabel kienu jipproduċu l-Kokk 80+ fil-Komunità. In-natura eċċezzjonali tal-qagħda tas-suq fl-2004, li kienet riflessa wkoll fl-indikaturi tas-sena ta' wara, ma argumentawx dwarha l-partijiet interessati. Huwa proprju minħabba li l-qċaċet esperjenzati fl-2004 u l-2005 huma meqjusa eċċezzjonali li l-Kummissjoni, f'dan il-każ, kellha tagħti attenzjoni partikolari lill-iżvilupp ta' indikaturi ta' ħsara bejn l-2003 u l-PI. Huwa mfakkar li l-indikaturi finanzjarji ewlenin, b'mod partikolari l-profittabbiltà, esperjenzaw waqfha drammatika mhux biss mill-2005 sal-PI, iżda wkoll meta titqabbel l-2003 mal-PI.

- (30) Barra minn hekk, ta' min jinnota li konklużjonijiet dwar l-istat ta' l-industrija Komunitarja fi tmiem l-2005 imsejja fuq il-fatt li l-produtturi fil-Komunità ma baġhtux applikazzjoni għal reviżjoni ta' l-iskadenza tal-miżuri preċedenti jkunu biss spekulattivi.

- (31) Għalhekk, l-istqarrija li l-Kummissjoni analizzat l-istampa ta' ħsara ta' f'it xhur biss fl-2006 trid tiġi miċħuda.

5. Konklużjoni dwar il-ħsara

- (28) Wara l-iżvelar tar-Regolament provviżorju, utent wieħed saħaq, b'referenza għall-premessi (64) u (67) tar-Regolament provviżorju, li l-Kummissjoni sejsset il-konklużjonijiet provviżorji tagħha dwar il-ħsara – u konsegwentement il-kawżalità wkoll – esklussivament fuq l-iżvilupp allegatament negattiv ta' ċerti indikaturi tas-suq matul perjodu ta' żmien qasir ħafna minflok ma evalwat il-ħsara matul perjodu ta' tlieta sa erba' snin, kif kienet il-prassi komuni. L-utent sejses dan l-argument fuq is-suppożizzjoni li l-industrija Komunitarja ma kinitx qed issofri minn ħsara sa tmiem l-2005, minħabba li l-miżuri preċedenti tħallew jaqgħu fi tmiem l-2005. Minħabba li l-PI spiċċa f'Settembru 2006, dan ifisser li l-qagħda ingur-

- (32) Il-fatturi riveduti hawn fuq, jiġifieri l-profittabbiltà, ir-redditu mill-investment u l-produttività ta' l-industrija Komunitarja, ma jaffettwawx it-tendenzi stipulati fir-Regolament provviżorju. Il-marġini ta' twaqqigħ rivedut xorta waħda jibqa' fuq il-livell *de minimis*. Abbażi ta' dan, il-konklużjonijiet rigward il-ħsara materjali mġarrba mill-industrija Komunitarja kif stabbilit fir-Regolament provviżorju baqgħu l-istess. Fin-nuqqas ta' tagħrif jew argumenti oħrajn ġodda u sostanzjati, dawn huwa għalhekk definitivament ikkonfermati.

F. KAWŻALITÀ

1. Effett ta' l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping

- (33) Kif issemma fil-premessa (22), huwa definnittivament konkluż li matul il-PI, il-prezzijiet medji ta' l-importazzjonijiet mir-RPĊ waqqgħu l-prezzijiet Komunitarji medji b'5,7%. Ir-reviżjoni tal-marġini tat-twaqqiġ ma taffettwax il-konklużjonijiet ta' l-effett ta' l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping stipulati fil-premessi (67) sa (69) tar-Regolament provviżorju.

2. Ċaqliq fir-rata tal-kambju

- (34) Utent wieħed stqarr li l-iżviluppi fis-suq wara l-PI wrew li l-qagħda dominanti matul il-PI kienet eċċezzjonali u l-prezzijiet reġġu bdew jonqsu wara l-PI. Dan l-utent stqarr li l-waqqiġ temporanja fil-prezzijiet matul il-PI kienet ikkawżata l-aktar minħabba rati tal-kambju mhux favorevoli mill-USD għall-EUR, il-fatt li l-prezzijiet tal-Kokk 80+ huma ġeneralment espressi f'USD fis-swieq dinjin u d-diffikulta ta' l-aġġustament tal-prezzijiet, li huma ġeneralment negozjati ta' kull sena, għall-qagħda ġdida tal-munita. F'dan ir-rigward, intqal li l-investigazzjoni wriet li l-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi ta' l-industrija Komunitarja fl-UE huma ġeneralment espressi mhux f'USD, iżda f'EUR jew muniti Ewropej oħrajn. Barra minn dan, l-iżvilupp wara l-PI ta' prezzijiet ogħla kif stqarr dan l-utent, li jaħbtu ma' USD aktar dgħajjef meta mqabbel ma' l-EUR, ma jappoġġjax il-loġika ta' l-argument li t-twaqqiġ tal-prezzijiet tal-Kokk 80+ kien ikkawżat minn tendenza negattiva tar-rata tal-kambju bejn l-USD u l-EUR.

3. Ħsara kkaġunata mill-industrija Komunitarja stess

- (35) Utent wieħed stqarr li l-ħsara allegata ta' l-industrija Komunitarja kkawżata minn prezzijiet li kienu qed jonqsu kienet kawża l-aktar tal-politika ta' pprezzar aggressiva operata minn xi produtturi Ewropej li bdew ibiegħu taħt il-prezzijiet ta' importazzjoni Ċiniżi. Madankollu, l-investigazzjoni ma wriet l-ebda evidenza ta' "politika ta' pprezzar aggressiva" ġenerali bejn ċerti produtturi Ewropej. Instab li l-kompetizzjoni bejn il-produtturi Ewropej isseħħ l-aktar fis-swieq reġjonali u mhux fil-livell Komunitarju minħabba li, kawża ta' l-ispejjeż konsiderevoli tat-trasport, il-produtturi normalment ibiegħu fin-naħat ġeografiki tagħhom. Prezzijiet baxxi li setgħu żammu xi produtturi għalhekk ma kkawżawx ħsara lil produtturi Ewropej oħrajn. Barra minn hekk, il-fatt li teżisti kompetizzjoni bejn ċerti produtturi Ewropej ma tfissirx li l-prezzijiet ta' l-importazzjoni Ċiniżi li huma l-oġġett ta' dumping ma ġegħlux lil dawn il-produtturi jraħħsu l-prezzijiet tagħhom aktar minn ħaddieħor aktar milli kieku jinsabu f'sitwazzjoni ta' kompetizzjoni ġusta mill-produtturi Ċiniżi, u għalhekk li jbiegħu bi prezzijiet mhux sostanzjati.

- (36) Dan l-utent argument ukoll li l-ikbar sehem taż-żieda fil-konsum mill-2003 sal-PI ttehdet mill-produtturi Komunitarji u mhux mill-importazzjonijiet Ċiniżi. Filwaqt li dan jista' jkun minnu f'termini assoluti, mhux minnu f'termini relattivi: l-investigazzjoni wriet li l-importazzjonijiet Ċiniżi, li kellhom sehem mis-suq ta' 24% fl-2003, ħadu kważi nofs iż-żieda fil-konsum mill-2003 sal-PI.

- (37) L-istess utent argumenta wkoll li f'ambjent ta' konsum li qed jiżdid, l-industrija Komunitarja ma kinitx kapaċi iżdid is-sehem tas-suq tagħha minħabba li ma żiditx il-kapaċità tal-produzzjoni tagħha. Għalhekk, iż-żieda fil-konsum Komunitarju kellha tintlaħaq mill-importazzjonijiet Ċiniżi. Madankollu, il-fatt li l-industrija Komunitarja ma żiditx il-kapaċità tagħha biex tlaħħaq ma' konsum akbar tista' titqies minflok bħala konsegwenza ta' ambjent ta' investiment inċert maħluq mill-pressjoni tal-prezz mill-importazzjonijiet Ċiniżi li huma l-oġġett ta' dumping, aktar minn kawża għal ħsara għall-industrija Komunitarja.

- (38) Issemma li l-industrija Komunitarja kellha kapaċità żejda ta' madwar 120 000 tunnellata matul il-PI, li l-utilizzazzjoni tagħhom ma kinitx ekonomikament vijabbli minħabba l-pressjoni tal-prezz mill-importazzjonijiet Ċiniżi li huma l-oġġett ta' dumping. Barra minn dan, produttur Komunitarju wieħed naqqas il-produzzjoni tiegħu b'mod sinifikanti mill-2005 sal-PI u wara l-PI waqqaf il-produzzjoni tal-Kokk 80+. In-natura speċifika ta' din l-industrija tfisser li t-tifi temporanju tal-proċess tal-produzzjoni jeqred it-tagħmir tal-produzzjoni (fran) u biex dawn jinxtegħlu mill-ġdid huma meħtieġa investimenti kbar addizzjonali. F'qagħda tas-suq ikkaratterizzata minn dipressjoni fil-prezz sinifikanti, l-investiment għat-tħaddim mill-ġdid tal-fran mitfija jew għall-bini ta' fran ġodda ma kienx jagħmel sens ekonomiku.

- (39) Parti interessata waħda stqarret ukoll li spejjeż tax-xoġħol akbar kienu kawża ewlenija għall-ħsara allegata lill-industrija Komunitarja. Iżda l-investigazzjoni wriet li ż-żieda ġenerali fl-għadd ta' impjegati ta' l-industrija Komunitarja tista' tiġi attribwita biss għal produttur wieħed, li parallel ma' dan żied il-produttività tiegħu. Il-produtturi l-oħra ta' l-industrija Komunitarja żammew il-livell ta' impjeg tagħhom pjuttost stabbli anki jekk iffaċċjaw tnaqqis fil-produzzjoni. Dan jista' jiġi spjegat min-natura tal-proċess tal-produzzjoni ta' din l-industrija, fejn il-ħaddiema meħtieġa biex iżommu l-faċilità tal-produzzjoni taħdem baqa' prattikament l-istess, irrispettivament minn jekk il-kumpanija hix qed topera b'kapaċità sħiħa jew anqas, li wasslet biex il-produttività naqset l-istess bħall-produzzjoni.

(40) Fi kwalunkwe każ, anki jekk xi produtturi ta' l-industrija Komunitarja kellhom spejjeż tax-xogħol għolja li ma kienux meħtieġa meta naqqsu l-produzzjoni, dan ma jistax jitqies bħala kawża ta' ħsara sinifikanti jekk jiġi kkunsidrat l-effett minimu li t-tibdil fl-ispejjeż tax-xogħol kellhom fuq il-profittabbiltà ġenerali ta' l-industrija Komunitarja. Bħala eżempju, iż-żieda fl-ispejjeż tax-xogħol (EUR 1,8 miljun) tispjega anqas minn telf ta' 1 punt perċentwali tal-profittabbiltà ġenerali ta' l-industrija Komunitarja, li niżlet minn 16,2 % għal - 3,8 % mill-2005 sal-PI (madwar EUR 39 miljun tnaqqis fi profitti).

4. Il-prezzijiet tal-materja prima; żvantaġġi naturali f'termini ta' aċċess għall-materja prima

(41) Fir-rigward tal-prezzijiet tal-materja prima kif deskritt f'aktar dettall fil-premessa (75) tar-Regolament provviżorju, issemma li l-kalkoli riveduti wrew li matul il-perjodu meqjus, il-materja prima bażika użata fil-produzzjoni tal-Kokk 80+, faħam kokk, tirrapreżenta madwar 60 % ta' l-ispiża ta' l-industrija Komunitarja għall-manifattura tal-Kokk 80+.

(42) Parti interessata argumentat li l-ispejjeż ogħla tal-materja prima ewlenija, faħam kokk, laqtet lill-industrija Komunitarja relattivament aktar milli laqtet lill-industrija Ċiniża minħabba li din ta' l-aħħar għandha aċċess faċli għall-materja prima, u b'hekk l-industrija Komunitarja ma kinitx kompetittiva, anki fin-nuqqas ta' l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping. F'dan ir-rigward, l-ewwelnett issemma li minħabba l-kooperazzjoni limitata ħafna mill-produtturi esportaturi Ċiniżi, ma jistgħu jint-laħqu l-ebda konklużjonijiet ġenerali dwar il-faċilità ta' l-aċċess għall-materja prima għal produtturi esportaturi Ċiniżi. ta' min jinnota wkoll li produttur wieħed ta' l-industrija Komunitarja, li jipproduċi parti sinifikanti mill-produzzjoni totali ta' l-industrija Komunitarja, juża faħam kokk miksub lokalment. Barra minn hekk, kif issemma diġà fil-premessa (76) tar-Regolament provviżorju, sal-PI l-industrija Komunitarja rnexxielha tgħaddi iż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima għal fuq il-prezzijiet tal-bejgħ. ta' min isemmi wkoll li, skond tagħrif tas-suq disponibbli, anki ċ-Ċina qed tagħmel użu parzjali minn materja prima importata. Attwalment qed timporta kwantitajiet sinifikanti ta' faħam kokk mill-Awstralja.

(43) Parti interessata oħra implikat li l-analiżi tal-kawżali mhix korretta minħabba li għandha dubji dwar kif l-industrija Komunitarja, li kienet profittabbli fl-2003, setgħet issofri t-telf matul il-PI u ma kinitx kapaċi aktar tkopri l-ispiża għolja tal-materja prima, anki jekk iż-żieda fil-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja bejn l-2003 u l-PI kienet wisq aktar sinifikanti mill-impatt taż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima.

(44) F'dan ir-rigward issemma li filwaqt li huwa vera li l-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja kienu ogħla matul il-PI milli fl-2003 (ara l-premessa (51) tar-Regolament provviżorju), il-prezzijiet tal-materja prima, li huma l-komponent ewleni ta' l-ispiża tal-produzzjoni, kienu proporzjonalment ogħla minn hekk (ara l-premessa (75) tar-Regolament provviżorju, kif ukoll il-premessa (41) hawn fuq). Għalhekk, il-klejm ġiet miċħuda.

5. Il-konklużjoni dwar il-kawżali

(45) Fin-nuqqas ta' tagħrif jew argumenti oħrajn ġodda u sostanzjati, il-premessi (67) sa (80) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati, għajr għar-reviżjonijiet li saru lill-premessi (67) u (75) kif issemma hawn fuq.

(46) Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, is-sejba provviżorja ta' eżistenza ta' rabta kawżali bejn il-ħsara materjali mġarrba mill-industrija Komunitarja u l-importazzjonijiet Ċiniżi li huma l-oġġett ta' dumping hija kkonfermata.

G. L-INTERESS KOMUNITARJU

1. Żviluppi wara l-perjodu ta' investigazzjoni

(47) Kummenti dwar il-ħtieġa li jitqiesu ċerti żviluppi importanti li seħħu wara l-perjodu ta' investigazzjoni waslu kemm mingħand ċerti produtturi ta' l-industrija Komunitarja kif wkoll minn għand produtturi esportaturi kooperattivi u utenti. Dawn il-kummenti huma b'mod partikolari dwar iż-żidiet sinifikanti tal-prezz tas-suq tal-Kokk 80+, fir-rigward tal-prezz ta' importazzjonijiet Ċiniżi kif ukoll l-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja.

(48) Il-partijiet interessati msemmija attribwew iż-żieda tal-prezzijiet ta' importazzjoni l-aktar lil ċerti miżuri li ttieħdu riċentament mill-gvern Ċiniż biex jiskoraġġixxi l-esportazzjoni ta' materja ta' enerġija intensiva, inkluż il-kokk, bħall-żieda fit-taxxa ta' l-esportazzjoni u distribuzzjoni ristretta ta' liċenzji għall-esportazzjoni. Utent wieħed argumenta li dawn il-miżuri jistgħu jinżammu għat-tul meta wieħed iqis it-tibdil strutturali fil-politika Ċiniża, fejn prodotti ta' l-enerġija nofshom ta' materja prima bħall-Kokk 80+ jinżammu għas-suq domestiku biex jinħoloq valur miżjud miksub lokalment. Il-produtturi ta' l-industrija Komunitarja, min-naħa l-oħra, affermaw li level għoli attwali tal-prezz huwa

temporanju u soġġett għal-tibdil fi kwalunkwe waqt għad-diskrezzjoni tal-gvern tar-RPĊ. L-istess utent saħaq ukoll li l-profittabbiltà tal-produtturi Komuntarij bħalissa tinsab fl-ogħla livelli minħabba iż-żieda sinifikanti tal-prezzijiet tal-bejgħ wara l-perjodu ta' investigazzjoni. Skond dan l-utent, il-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-industrija Komuntarija qed jistennaw tendenza ta' żieda fit-terminu twil ta' żmien minħabba iż-żieda sinifikanti fil-konsum fl-industrija tal-fibri tal-ġebel, nuqqas ta' żidiet fil-kapaċità tal-produzzjoni fl-UE u, b'mod speċjali, it-tibdil drammatiku fil-politika Ċiniża naqqas sinifikament l-esportazzjonijiet mir-RPĊ.

- (49) Fir-rigward ta' dak li implika dan l-utent li l-lonġevità allegata ta' (i) l-esportazzjonijiet ristretti Ċiniżi u (ii) l-allegat livell għoli ta' profittabbiltà ta' l-industrija Komuntarija jiċħad il-ġustifikazzjoni ta' l-impożizzjoni ta' miżuri ta' anti-dumping, ta' min jinnotta l-ewwelnett li filwaqt li huwa vera li l-gvern Ċiniż stabbilixxa miżuri li jiskoraġġixxu l-esportazzjoni ta' materja ta' enerġija intensiva, ma jeżisti l-ebda tagħrif biex jintlaħqu konklużjonijiet dwar il-permanenza ta' dawn il-miżuri. Kuntrarju għal dan, l-esperjenza miksuba fil-passat, l-aktar fl-2004 u fl-2005, uriet li l-politika li tinfluwenza l-esportazzjonijiet tista' tinbidel pjuttost malajr. Barra minn hekk, skond l-Artikolu 6(1) tar-Regolament bażiku, it-tagħrif dwar id-dumping u l-ħsara relatata ma' perjodu sussegwenti għall-perjodu ta' investigazzjoni normalment ma għandux jitqies.
- (50) Żidiet sinifikanti osservati fil-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet Ċiniżi tal-Kokk 80+ madankollu ġew rikonossuti fil-premessa (112) tar-Regolament provviżorju u tqiesu fl-għażla tal-prezz ta' importazzjoni minimu ("MIP" – *minimum import price*) bħala l-forma tal-miżura. It-tendenza persistenti ta' prezzijiet ta' importazzjoni għolja aktar mill-livelli ta' ħsara, anki wara r-Regolament provviżorju, hija kkonfermata mir-rapporti tas-suq ippubblikati kif ukoll mit-tagħrif disponibbli għall-Kummissjoni dwar importazzjonijiet tal-Kokk 80+ mir-RPĊ li saru wara l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji. Din iċ-ċirkustanza hija riflessa wkoll fl-għażla tal-miżura definittiva proposta għal prezz ta' importazzjoni minimu, kif stipulat fil-premessa (75) hawn taħt.
- (51) Ċerti produtturi ta' l-industrija Komuntarija saħqu li l-livelli għolja tal-prezz ta' importazzjoni osservati wara l-PI kienu attribwiti wkoll għar-rati tal-merkanzija fuq il-baħar għal tagħbija kbira li żdiedu b'mod sinifikanti wara l-PI biex b'hekk għolla l-prezz CIF tal-prodott ikkonċernat. Dawn argumentaw li minħabba li l-prezz ta' importazzjoni minimu huwa stabbilit fuq il-bażi ta' CIF, dan ma jindirizzax il-kwistjoni ta' importazzjonijiet bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping, minħabba li l-prezzijiet ta' importazzjoni jilhq u l-MIP meta dawn jink-

ludu l-merkanzija fuq il-baħar. F'dan ir-rigward, ta' min jinnotta l-ewwelnett li skond l-Artikolu 6(1) tar-Regolament bażiku, tagħrif wara l-PI dwar id-dumping normalment ma għandux jitqies. B'żieda ma' dan, il-produtturi msemmija ta' l-industrija Komuntarija naqsu wkoll milli jlaboraw dwar kif iż-żidiet allegati tar-rati tal-merkanzija fuq il-baħar għandhom, fl-opinjoni tagħhom, jitqiesu f'dan ir-rigward.

- (52) L-imsemmija produtturi ta' l-industrija Komuntarija argumentaw ukoll li MIP imsejjes fuq l-ispiża tal-materja prima matul il-PI jonqos milli jelimina b'mod adegwat il-ħsara mwettqa mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, minħabba li żieda sinifikanti fir-rati tal-merkanzija fuq il-baħar wara l-PI taffettwa l-ispiża tal-materja prima ewlenija, il-faħm kokk, li hija pprovduta l-aktar barra mill-Komunità mill-industrija Komuntarija. F'dan ir-rigward, ta' min jisħaq mill-ġdid li skond l-Artikolu 6(1) tar-Regolament bażiku, tagħrif wara l-PI normalment ma għandux jitqies. Barra minn hekk, il-produtturi ta' l-industrija Komuntarija ma kkwantifikawx l-effett li l-allegata żieda fir-rati tal-merkanzija fuq il-baħar ikollha fuq l-ispiża ta' l-industrija Komuntarija biex tipproduċi l-Kokk 80+. Huma pprovdew biss għadd ta' rapporti tas-suq ippubblikati dwar rati tal-merkanzija fuq il-baħar. Dawn iżda ma jippermettux li jsiru kalkoli dettaljati biżżejjed dwar l-impatt għall-industrija Komuntarija kollha, billi jitqies b'mod partikolari li l-produtturi ta' l-industrija Komuntarija jiksbu l-materja prima tagħhom minn bosta sorsi differenti u li produttur maġġuri ta' l-industrija Komuntarija ma jkunx affettwat miż-żidiet fil-merkanzija fuq il-baħar għax juża materja prima miksuba lokalment. Għaldaqstant l-argument tal-produtturi ta' l-industrija Komuntarija mhux milqugħ.

2. L-interess ta' l-industrija Komuntarija

- (53) Barra mill-kummenti relatati ma' żviluppi wara l-PI indirizzati fil-premessi (47) sa (50), utent wieħed saħaq ukoll li l-analiżi ta' l-interess ta' l-industrija Komuntarija għall-impożizzjoni tal-miżuri tiddependi esklussivament fuq is-sejbiet relatati mal-PI, mingħajr ma tirrifletti l-ħsara tal-perjodu ta' investigazzjoni kollu. F'dan ir-rigward, ta' min jinnotta li l-analiżi tal-konsegwenzi possibbli għall-industrija Komuntarija ta' l-impożizzjoni ta' miżuri ta' anti-dumping, jew in-nuqqas tagħha, hija mnaqqsa mill-analiżi ta' ħsara li l-Kummissjoni wettqet, kif elaborat fil-premessi (28) u (29), fir-rigward l-iżvilupp ta' indikaturi ta' ħsara matul il-perjodu meqjus kollu. Għaldaqstant din id-dikjarazzjoni m'hijiex milqugħa.
- (54) Fin-nuqqas ta' tagħrif jew argumenti ġodda u sostanzjali f'dan ir-rigward, il-konklużjoni meħuda fil-premessi (82) sa (84) tar-Regolament provviżorju dwar l-interess ta' l-industrija Komuntarija huma b'dan ikkonfermati.

3. L-interess ta' l-importaturi/negozzjanti mhux relatati fil-Komunità

- (55) Fin-nuqqas ta' kummenti minn importaturi/negozzjanti, il-konklużjonijiet meħuda fil-premessi (85) sa (87) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

4. L-interess ta' l-utenti

(a) Produtturi tal-fibri tal-ġebel

- (56) Fin-nuqqas ta' tagħrif jew argumenti ġodda u sostanzjati f'dan ir-rigward partikolari, il-premessi (89) sa (91) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati. B'konsegwenza, huwa kkonfermat ukoll li dazju fil-livell tal-marġini tal-bejgħ taħt il-prezz ikollu effett limitat ħafna fuq l-ispiża tal-produzzjoni tal-produttur tal-fibri tal-ġebel kooperattiv, b'żieda massima ipotetika ta' madwar 1 %, kif stipulat fil-premessa (98) tar-Regolament provviżorju.

(b) Fonderiji

- (57) Wara l-istadju provviżorju, il-Kummissjoni intensifikat l-investigazzjoni fir-rigward ta' l-impatt possibbli tal-miżuri fuq l-utenti, b'mod partikolari l-fonderiji. F'dan ir-rigward, intalab tagħrif addizzjonali mis-CAEF u mill-assoċjazzjoni nazzjonali tal-fonderiji It-tagħrif riċevut jikkonferma s-sejba provviżorja, imsejja fuq it-tweġibiet għall-kwestjonarju ta' l-utenti kif imsemmi fil-premessi (93) u (94) tar-Regolament provviżorju, li l-effett tal-Kokk 80+ fuq l-ispiża totali tal-produzzjoni tal-fonderiji huwa relattivament moderat. Filwaqt li l-parti tal-Kokk 80+ fl-ispiża tal-produzzjoni ta' l-utent tiddependi fuq il-prodott, instab li ġeneralment tvarja bejn 2 % u 5 %.

- (58) Il-profitabbiltà tal-fonderiji msemija fil-premessa (93) tar-Regolament provviżorju nstabt li tvarja bejn 2 % u 6 %. Dan huwa konformi mat-tagħrif mogħti mis-CAEF, imsejjes fuq studju tal-profitabbiltà ta' 93 fonderiji fl-2006, li skond dan il-profitabbiltà medja ta' l-industrija tal-fonderiji kienet ta' 4,4 % (il-marġini medju għall-fonderiji li jipproduċu għas-settur tal-vetturi huwa ta' 2,8 % u dak għall-fonderiji li jipproduċu għas-settur ta' l-inġinerija mekkanika huwa ta' 6,4 %).

- (59) It-tagħrif addizzjonali msemmi hawn fuq ikkonferma wkoll is-sejbiet provviżorji li dazju fil-livell tal-marġini tal-bejgħ taħt il-prezz ikollu effett limitat ħafna fuq l-ispiża tal-produzzjoni tal-fonderiji, b'żieda massima ipotetika ta' madwar 1 %. ta' min jinnota wkoll li dan il-perċentwal huwa anki taħt il-1 % għall-biċċa l-kbira tal-fonderiji inklużi fl-analiżi msemija fil-premessa (93) tar-Regolament provviżorju.

- (60) Xi partijiet interessati iżda argumentaw li meta jitqies il-marġini baxx tal-profit medju tal-fonderiji Ewropej, ma

jistgħux iġarrbu żidiet konsiderevoli fil-prezz tal-Kokk 80+, li ma tantx jistgħu jgħadduhom fuq il-konsumaturi tagħhom. F'dan ir-rigward ta' min isemmi li ma jistax jiġi eskluż li xi fonderiji jistgħu ma jkunux kapaċi jġarrbu l-livelli tal-prezz attwali tal-Kokk 80+. Minkejja dan, iż-żidiet fil-prezz wara l-PI jidher li mhumiex attribwiti għall-miżuri ta' anti-dumping, minħabba li l-MIP impost mir-Regolament provviżorju huwa taħt il-livell tal-prezz tas-suq attwali u minħabba li ż-żidiet fil-prezz bdew qabel ma ġew imposti l-miżuri provviżorji.

(ċ) Sigurtà tal-provvista

- (61) Xi utenti wkoll tennew l-istqarrijiet ta' qabel tagħhom dwar is-sigurtà tal-provvista tal-Kokk 80+ u argumentaw li l-miżuri jaffettwaw drammatikament l-industrija ta' l-utent tal-KE li għaliha l-Kokk 80+ huwa materja prima ta' importanza strateġika. Fl-istess waqt iżda argumentaw li l-impożizzjoni ta' miżuri ta' anti-dumping f'it jaffettwaw, jew ma jaffettwawx, l-esportazzjonijiet Ċiniżi. Barra minn dan, il-forma u l-livell tal-miżuri ta' anti-dumping adottati f'dan il-każ huma ddisinjati biex jaġixxu bħala xibka tas-sigurtà għall-industrija Komunitarja iżda mingħajr ma jfikklu b'mod artifiċjali s-suq għad-detriment ta' l-industrija ta' l-utent. L-investigazzjoni uriet li kwalunkwe riskju ta' skarsezza ta' provvista, jekk xejn, tista' tirriżulta minn talba domestika akbar possibbli fiċ-Ċina u l-politika Ċiniżi attwali li tiskoraġġixxi esportazzjonijiet ta' enerġija intensiva, iżda mhux minn miżura ta' anti-dumping.

5. Konklużjoni dwar l-interess Komunitarju

- (62) L-analiżi addizzjonali ta' hawn fuq dwar l-interess ta' l-utenti fil-Komunità ma bidltx il-konklużjonijiet provviżorji f'dan ir-rigward. Anka jekk f'ċerti każi jkun jeħtieġ li l-piż jingħadda kollu fuq l-utent/importatur, kwalunkwe impatt finanzjarju negattiv fuq dawn ta' l-aħħar f'kull każ ikun ta' daqs żgħir. Abbażi ta' dan, huwa meqjus li l-konklużjonijiet rigward l-interess Komunitarju kif stab-bilit fir-Regolament provviżorju baqgħu l-istess. Fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn, dawn huma għalhekk ikkonfermati b'mod definittiv.

H. MIŻURI DEFINITTIVI

1. Il-livell li fih titneħħa l-ħsara

- (63) Il-marġini ta' profit ta' qabel it-taxxa użat fir-Regolament provviżorju biex ikun ikkalkulat l-livell li fih titneħħa l-ħsara kien imsejjes fuq il-marġini ta' profit medju miksub mill-industrija Komunitarja matul l-2003-2005, ikkalkulat provviżorjament bħala li huwa 15,3 % tal-valur tal-bejgħ. Dan ġie meqjus bħala l-marġini ta' profit qabel it-taxxa li jista' jinkiseb b'mod raġonevoli minn industrija ta' dan it-tip fis-settur taħt kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, jiġifieri fin-nuqqas ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

- (64) Bosta partijiet interessati kkontestaw il-livell tal-marġini ta' profitt użat provviżorjament. Utent wieħed saħaq li 15,3 % tal-proporzjon tal-profitt huwa eċċessiv, u argumenta li l-livelli tal-profitt miksuba mill-industrija Komunitarja fl-2004 u l-2005 huma eċċezzjonali, u seħħew fi żmien meta n-nuqqas fil-Kokk 80+ Ċiniż tant kien sinifikanti li l-miżuri ta' anti-dumping eżistenti dak iż-żmien ġew sospiżi. Dan l-utent argumenta li ma kien hemm l-ebda ġustifikazzjoni valida għall-użu ta' marġini ta' profitt sinifikament ogħla minn dak użat fl-investigazzjoni preċedenti. ta' min jinnota li l-marġini ta' profitt użat fl-istadju definittiv ta' l-investigazzjoni preċedenti kien ta' 10,5 %.
- (65) Il-produttur esportatur Ċiniż kooperattiv qabel ma' l-argument li l-marġini ta' profitt użat provviżorjament huwa distort mill-profitti għolja ta' l-2004 u l-2005 miksuba kawża ta' kundizzjonijiet tas-suq eċċezzjonali. Dan il-produttur esportatur saħaq li Kokk 80+ huwa prodott tat-tip ta' kommodità u li rata ta' profitt ta' 5 % tkun aktar konformi mar-rati ta' profitt użati qabel għal prodotti tat-tip ta' kommodità.
- (66) Xi produttori ta' l-industrija Komunitarja, min-naħa l-oħra, saħqu li marġini ta' profitt ta' 15,3 % mhux adegwat għat-tneħħija tal-ħsara minħabba li dawn il-produtturi fl-imgħoddi kisbu livelli ta' profitt ogħla fin-nuqqas tad-dipressjoni fil-prezz maħluqa mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping. Huma stqarru li marġini ta' profitt ta' 15,3 % ma jkunx biżżejjed biex jippermetti lill-produtturi Komunitarji jagħmlu l-investimenti meħtieġa biex jilhq u l-istandards ambjentali obbligatorji u biex jerġgħu jagħtu l-ħajja li jew iħaddmu mill-ġdid faċilitajiet tal-produzzjoni magħluqa. Intqal ukoll li tfassil mill-ġdid bħal dan tal-produzzjoni Komunitarja tippermetti lill-produtturi Komunitarji li jlaħħqu mat-talba akbar għall-Kokk 80+. Il-produtturi Komunitarji kkonċernati, iżda, ma ppreżentawx iċ-ċifra eżatta tal-livell tal-marġini ta' profitt li jikkunsidraw bħala raġonevoli.
- (67) ta' min jinnota l-ewwelnett li fid-dawl tas-sejbiet riveduti dwar il-profittabbiltà msemmija fil-premessa (25), instab li l-profittabbiltà medja bil-piż milħuqa matul l-2003-2005 fil-fatt kienet ta' 13,1 % minflok il-15,3 % imsem-mija fil-premessa (107) tar-Regolament provviżorju.
- (68) Barra minn dan, il-metodoloġija użata biex ikun stabbilit il-livell tat-tneħħija tal-ħsara ġie eżaminat mill-ġdid wara li ntbagħtu xi kummenti. Ġie kkonfermat li s-snin użati bħala punt ta' referenza setgħu jitqiesu bħala li mhumiex rappreżentattivi f'ċirkustanzi normali, tant li l-2004 kienet sena eċċezzjonalment tajba f'termini ta' profitti (15 %) minħabba nuqqas sinifikanti ta' Kokk 80+ Ċiniż fuq is-suq. Din is-sitwazzjoni eċċezzjonali kienet riflessa mill-ġdid fl-2005 (16,2 %). Min-naħa l-oħra, fl-2003 l-industrija Komunitarja probabbilment kienet għadha fil-proċess ta' rkupru minn dumping tal-passat, rifless fil-marġini ta' profitt pjuttost aktar baxx (8,1 %). Minflok, il-profitt fil-mira ta' 10,5 % użat fl-investigazzjonijiet preċedenti kien imsejjes fuq tliet snin konsekuttivi (1995-1997) fi żmien qabel penetrazzjoni aktar fis-suq minn importazzjonijiet Ċiniżi. Għaldaqstant, jidher li dan jirrifletti b'mod aktar xieraq il-profittabbiltà li din it-tip ta' industrija tista' tilħaq fin-nuqqas ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.
- (69) Fir-rigward ta' l-istqarrijiet ta' ċerti produttori Komunitarji għal marġini ta' profitt meħtieġ biex ikunu possibbli l-investimenti, ta' min jinnota li kriterju bħal dan huwa irrilevanti meta jiġi stabbilit il-livell li fih titneħħa l-ħsara. Il-marġini ta' profitt użat meta jiġi kkalkolat il-prezz immirat li se jneħħi l-ħsara kkonċernata jrid ikun limitat għall-marġini ta' profitt li l-industrija Komunitarja tista' sserraħ fuq b'mod raġonevoli f'ċirkustanzi normali ta' kompetizzjoni, jiġifieri fin-nuqqas ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.
- (70) Abbażi dan ta' hawn fuq, huwa konkluż li l-industrija Komunitarja tista' b'mod raġonevoli tistenna li tikseb marġini ta' profitt ta' qabel it-taxxa ta' 10,5 % fin-nuqqas ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u dan il-marġini ta' profitt kien użat fis-sejbiet definittivi.
- (71) Il-prezzijiet ta' importazzjoni Ċiniżi kif aġġustati għall-kalkolu tat-twaqqiġ tal-prezz (ara l-premessi (20) u (21)) ġew ipparagunati, għall-PI, mal-prezz li ma joħloqx ħsara tal-prodott simili mibjugħ mill-industrija Komunitarja fis-suq Komunitarju. Il-prezz li ma joħloqx ħsara inkiseb billi ġie aġġustat il-prezz tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja sabiex jirrifletti l-marġini ta' profitt, kif ġie rivedut issa (ara l-premessa (70)). Id-differenza li tirriżulta minn dan il-paragun, meta espressa bħala perċentwal tal-valur totali CIF ta' l-importazzjoni, kienet tammonta għal 25,8 % jiġifieri anqas mill-marġini tad-dumping li nstab.
- (72) Fid-dawl li l-ebda produttur esportatur ma talab trattament individwali, livell uniku li fih titneħħa l-ħsara u li jifrex mal-pajjiż kollu ġie kkalkolat għall-esportaturi kollha fir-RPĊ.

2. Il-miżuri definittivi

- (73) Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa dwar id-dumping, il-ħsara, il-kawżalità u l-interess Komunitarju, u f'konformità ma' l-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, dazju definittiv ta' anti-dumping għandu jiġi impost fil-livell tal-marġini l-aktar baxxi ta' dumping u ta' ħsara misjuba, skond ir-regola ta' inqas dazju. F'dan il-każ, ir-rata tad-dazju għandha tkun stabbilita skond dan il-livell tal-ħsara misjuba.
- (74) Fuq din il-bażi, id-dazju definittiv għandu jammonta għal 25,8 %.

3. Il-forma tal-miżuri

(75) Ir-Regolament provviżorju impona dazju ta' anti-dumping fil-forma ta' prezz ta' importazzjoni minimu. Meta wieħed iqis li l-kunsiderazzjonijiet għall-għażla ta' MIP bħala l-forma tal-miżura msemmija fil-premessa (112) tar-Regolament provviżorju għadhom validi, u fin-nuqqas ta' kummenti dwar din l-għażla, l-MIP fil-forma tal-miżura huwa b'dan ikkonfermat.

(76) Kif stipulat fil-premessa (117) tar-Regolament provviżorju, il-Kummissjoni analizzat fattur dettall il-possibiltà ta' sistema ta' indiċjar biex tiġi applikata għall-MIP. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni studjat bosta għażliet ta' indiċjar differenti, b'mod partikolari l-evoluzzjoni tal-prezz tal-faħam tal-kokk, il-materja prima ewlenija tal-kokk 80+. Barra minn hekk, ċerti produttori ta' l-industrija Komunitarja saħqu li l-MIP għandu jkun marbut ma' l-ispiża tal-faħam tal-kokk. Madankollu, instab li ċ-ċaqliq tal-prezz tal-kokk 80+ mhux spjegat b'mod suffiċjenti mill-evoluzzjoni tal-prezz tal-faħam tal-kokk jew dħul maġġuri ieħor. Għalhekk ġie deċiż li l-MIP ma għandux jiġi magħmul b'indiċi.

(77) L-ammont tal-prezz minimu ta' l-importazzjoni jirriżulta mill-applikazzjoni tal-marġini tal-ħsara lill-prezzijiet ta' l-esportazzjoni użati fil-kalkolu tal-livell li fih titneħħa l-ħsara matul il-PI. Il-prezz minimu definittiv ta' importazzjoni kkalkolat b'dan il-mod jammonta għal EUR 197 għal kull tunnellata.

4. Implimentazzjoni

(78) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri, il-premessa (114) sa (116) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

(79) Kien hemm tħassib dwar l-applikabbiltà ta' dawn il-miżuri fir-rigward tal-metodu tal-kejl tal-kokk biex ikunu ddeterminati l-proporzjonijiet tal-kokk 80+ u l-kokk 80- preżenti fi vjeġġ imħallat. L-investigazzjoni wriet li importaturi tal-kokk 80+ jimponu kriterji stretti għal, *inter alia*, daqs u umdità u mal-wasla tal-prodott mixtri fil-Komunità, l-importatur iwettaq kejl ta' kontroll biex jiżgura li dawn il-kriterji huma rispettati. L-utenti ewlenin tal-kokk fil-KE huma ċertifikati taħt l-ISO 9001:2000 jew sistemi ta' ġestjoni tal-kwalità ekwivalenti li jitolbu ċertifikati ta' l-oriġini u ċertifikat tal-konformità ma' kull vjeġġ. Ċertifikati ta' konformità bħal dawn li jikkonfermaw ukoll l-ispeċifikazzjonijiet dimenzjonali jstgħu jintalbu mill-awtoritajiet tad-dwana implimentattivi għall-għan tal-verifika ta' l-eżattezza tad-dettalji mniżżla fid-dikjarazzjoni.

(80) Iż-żewġ standards ISO applikati mill-industrija huma ISO 728:1995 u ISO 18238:2006 li jstabbilixxu rispettivament il-metodu ta' kejl u l-metodu ta' teħid ta' kampjuni tal-kokk li jridu jitkejlu. Il-fatt li dawn l-istandards diġà huma applikati mill-industrija ta' importazzjoni juri li standards bħal dawn huma applikabbli u għalhekk rilevanti għall-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri.

I. ĠBIR DEFINITTIV TAD-DAŻJU PROVVIŻORJU

(81) Fid-dawl tal-kobor tal-marġini tad-dumping misjub u b'kunsiderazzjoni għal-livell tal-ħsara kkaġunata lill-industrija Komunitarja, jitqies meħtieġ li l-ammonti miġbura permezz tad-dazju ta' anti-dumping provviżorju impost mir-Regolament provviżorju għandhom definittivament jinġabru sal-limitu ta' l-ammont tad-dazji definittivi imposti. Billi d-dazju definittiv huwa anqas mid-dazju provviżorju, l-ammonti provviżorjament miġbura li huma aktar mir-rata definittiva tad-dazju ta' anti-dumping għandhom jinħelsu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju definittiv ta' anti-dumping huwa b'dan impost fuq importazzjonijiet ta' kokk tal-faħam f'biċċiet ta' dijametru massimu ta' aktar minn 80 mm (Kokk 80+) li jaqa' fi ħdan il-kodiċi NM ex 2704 00 19 (kodiċi TARIC 2704 00 19 10) u li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Id-dijametru tal-biċċiet għandu jiġi ddeterminat skond in-norma ISO 728:1995.

2. L-ammont ta' dazju definittiv ta' anti-dumping applikabbli għall-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 għandu jkun id-differenza bejn il-prezz minimu ta' importazzjoni ta' 197 EUR għal kull tunnellata u l-prezz nett ħieles fil-fruntiera Komunitarja, qabel id-dazju, fil-każijiet kollha fejn dan ta' l-aħħar huwa inqas mill-prezz minimu ta' importazzjoni.

3. Id-dazju ta' anti-dumping għandu japplika wkoll, *pro-rata*, għal kokk tal-faħam f'biċċiet b'dijametru ta' aktar minn 80 mm meta mibgħut bħala merkanzija f'taħlitiet li fihom kemm faħam kokk f'biċċiet b'dijametru ta' aktar minn 80 mm u faħam kokk f'biċċiet b'dijametru iżgħar, ħliet jekk ikun determinat li l-kwantità tal-faħam kokk f'biċċiet b'dijametru ta' aktar minn 80 mm ma tikkostitwix aktar minn 20 % tal-piż niexef nett tal-merkanzija mħallta. Il-kwantità ta' kokk tal-faħam f'biċċiet b'dijametru ta' aktar minn 80 mm f'taħlitiet tista' tiġi determinata skond l-Artikoli 68 sa 70 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità⁽¹⁾ fejn, *inter alia*, huwa mniżżel li l-awtoritajiet tad-dwana jstgħu jeħtieġu lid-dikjarant li jippreżenta dokumenti

⁽¹⁾ ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

oħrajn għall-għan tal-verifika ta' l-eżattezza tad-dettalji tad-dikjarazzjoni u biex jiġu eżaminati l-oġġetti u jittieħdu kampjuni għall-analiżi jew għal eżaminazzjoni dettaljata. F'każi fejn il-kwantità tal-faħam kokk f'biċċiet b'dijametru ta' aktar minn 80 mm tiġi stabbilita fuq il-bażi ta' kampjuni, il-kampjuni għandhom jingħażlu skond in-norma ISO 18238:2006.

4. F'każi fejn l-oġġetti sofrew ħsara qabel iddaħħlu fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa u, għalhekk, il-prezz li tħallas jew għandu jitħallas huwa maqsum għad-determinazzjoni tal-valur doganali skond l-Artikolu 145 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabbilixxi il-kodiċi doganali tal-Komunità⁽¹⁾, il-prezz minimu ta' importazzjoni kif stipulat hawn fuq għandu jitnaqqas b'perċentwal li jikkorrispondi mat-taqsim tal-prezz li tħallas jew għandu jitħallas. Id-dazju pagabbli mbagħad għandu jkun id-differenza bejn il-prezz minimu mnaqqas ta' importazzjoni u l-prezz nett imnaqqas, ħieles fil-fruntiera Komunitarja, qabel l-iżdonar.

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar id-dazji tad-dwana li huma fis-seħħ.

Artikolu 2

L-ammonti miġbura permezz ta' dazju provviżorju ta' anti-dumping skond ir-Regolament (KE) Nru 1071/2007 dwar importazzjonijiet ta' kokk tal-faħam f'biċċiet ta' dijametru massimu ta' aktar minn 80 mm (Kokk 80+) li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għandhom jinġabru b'mod definittiv bir-rata ta' dazju definittiv impost skond l-Artikolu 1. L-ammonti miġbura li huma aktar mill-ammont tad-dazju definittiv għandhom jinħelsu.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Marzu 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

I. JARC

⁽¹⁾ ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 214/2007 (ĠU L 62, 1.3.2007, p. 6).

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 240/2008

tas-17 ta' Marzu 2008

li jirrevoka d-dazju ta' anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' urea li joriġinaw fil-Belarus, fil-Kroazja, fil-Libja u fl-Ukraina, wara reviżjoni ta' skadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 384/96

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾, ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikoli 9 u 11(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROĊEDURA

1. Miżuri fis-seħħ

(1) F'Jannar 2002, bir-Regolament (KE) Nru 92/2002 ⁽²⁾, il-Kunsill impona dazji definittivi ta' anti-dumping li jvarjaw minn EUR 7,81 għal EUR 16,84 kull tunnellata fuq importazzjonijiet ta' urea, f'soluzzjoni ta' ilma, jew mod ieħor, li joriġinaw fil-Belarus, fil-Kroazja, fil-Libja u fl-Ukraina. Bl-istess Regolament, ġew imposti dazji definittivi ta' anti-dumping li jvarjaw minn EUR 6,18 għal EUR 21,43 kull tunnellata fuq importazzjonijiet ta' urea li joriġinaw mill-Estonja, il-Litwanja, il-Bulgarija u r-Rumanija u kienu awtomatikament revokati fl-1 ta' Mejju 2004 u fl-1 ta' Jannar 2007 rispettivament, id-data ta' sħubija ta' dawn il-pajjiżi fil-Komunità.

2. Talba għal reviżjoni

(2) F'April 2006, il-Kummissjoni ppubblikat avviż ta' skadenza imminenti tal-miżuri eżistenti ⁽³⁾. Fis-17 ta' Ottubru 2006 il-Kummissjoni rċeviet talba għal reviżjoni ta' skadenza ta' dawn il-miżuri skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

(3) Din it-talba tressqet mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Manifatturi tal-Fertilizzanti (EFMA) ("l-applikant") fisem il-produtturi li jirrappreżentaw parti kbira, f'dan il-każ aktar minn 50 %, tal-produzzjoni totali ta' urea tal-Komunità.

(4) L-applikant allega, u pprova biżżejjed evidenza *prima facie* għal din l-allegazzjoni, li l-iskadenza tal-miżuri wisq probabbli twassal għat-tkomplija jew rikorrenza ta' dumping u ħsara lill-industrija Komunitarja fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' urea li joriġinaw fil-Belarus, fil-Kroazja, fil-Libja u fl-Ukraina (il-"pajjiżi kkonċernati").

(5) Meta ddeterminat, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li kienet teżisti biżżejjed evidenza biex tingħata bidu reviżjoni ta' skadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni bdiet din ir-reviżjoni billi ppubblikat avviż tal-bidu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* ⁽⁴⁾.

3. Investigazzjonijiet fir-rigward ta' pajjiżi oħrajn

(6) F'Mejju 2006, il-Kummissjoni tat bidu għal reviżjoni ⁽⁵⁾ tad-dazji definittivi ta' anti-dumping imposti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 901/2001 ⁽⁶⁾ fuq importazzjonijiet ta' urea li joriġinaw fir-Russja skond l-Artikolu 11(2) u (3) tar-Regolament bażiku. B'riżultat ta' din ir-reviżjoni, il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 907/2007 ⁽⁷⁾ irrevoka d-dazji ta' anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' urea li joriġinaw fir-Russja. Ġie konkluż li ma kienx hemm tkomplija ta' ħsara materjali lill-industrija Komunitarja u ma kienx kemm possibbiltà ta' rikorrenza ta' ħsara lillha fin-nuqqas tal-miżuri.

4. Investigazzjoni attwali

4.1. Il-perjodu ta' investigazzjoni

(7) L-investigazzjoni tat-tkomplija jew ir-rikorrenza ta' dumping u ħsara kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2005 sat-30 ta' Settembru 2006 ("PIR"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-evalwazzjoni tal-possibbiltà ta' tkomplija jew rikorrenza ta' ħsara kopriet il-perjodu mill-2002 sa tmiem il-PIR ("il-perjodu meqjus").

4.2. Partijiet ikkonċernati mill-investigazzjoni

(8) Il-Kummissjoni avżat b'mod uffiċjali lill-applikant, lill-produtturi Komunitarji, lill-produtturi esportaturi fil-Belarus, fil-Kroazja, fil-Libja u fl-Ukraina (minn hawn 'il quddiem "l-esportaturi kkonċernati"), lill-importaturi, lill-kummerċjanti, lill-utenti u l-assoċjazzjonijiet tagħhom magħrufa li huma kkonċernati, kif ukoll lir-rappreżentanti tal-gvern tal-pajjiżi esportaturi, bil-bidu tar-reviżjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

⁽²⁾ ĠU L 17, 19.1.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 73/2006 (ĠU L 12, 18.1.2006, p. 1).

⁽³⁾ ĠU C 93, 21.4.2006, p. 6

⁽⁴⁾ ĠU C 316, 22.12.2006, p. 13.

⁽⁵⁾ ĠU C 105, 4.5.2006, p. 12.

⁽⁶⁾ ĠU L 127, 9.5.2001, p. 11.

⁽⁷⁾ ĠU L 198, 31.7.2007, p. 4.

- (9) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lil dawn il-partijiet kollha u lil dawk li għamlu lillhom infushom magħrufa sal-limitu ta' żmien stipulat fl-avviż tal-bidu.
- (10) Il-Kummissjoni tat wkoll l-opportunità lill-partijiet direttament ikkonċernati li jagħmlu l-opinjoni tagħhom magħrufa bil-miktub u li jitolbu seduta fil-limitu ta' żmien stipulat fl-avviż tal-bidu.
- (11) Il-partijiet interessati kollha li għamlu din it-talba u li wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, ingħataw seduta.
- (12) Minħabba l-għadd kbir ta' produtturi Komunitarji, importaturi fil-Komunità u produtturi esportaturi fl-Ukraina, tqies bħala xieraq, skond l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku, li tiġi eżaminata l-possibbiltà ta' teħid ta' kampjuni. Bil-għan li l-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk hux tassew meħtieġ it-teħid ta' kampjuni, u jekk hu hekk, biex tagħżel kampjun, il-partijiet ta' hawn fuq intalbu, skond l-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, li jagħmlu lillhom infushom magħrufa fi żmien 15-il jum mill-bidu ta' l-investigazzjoni u biex jgħaddu lill-Kummissjoni t-tagħrif mitlub fl-avviż tal-bidu.
- (13) Fir-rigward ta' importaturi fil-Komunità, il-kooperazzjoni kienet baxxa ħafna minħabba li importatur wieħed biss esprima r-rieda tiegħu li jikkoopera. Għalhekk ġie deċiż li ma kienx meħtieġ li jittieħdu kampjuni fir-rigward ta' l-importaturi.
- (14) Tnax-il produttur Komunitarju mlew tajjeb il-formola tat-teħid ta' kampjuni u qablu formalment li jkomplu jikkoperaw fl-investigazzjoni. Erbgħa minn dawn it-12-il kumpanija, li nstabu li huma rappreżentattivi ta' l-industrija Komunitarja f'dak li għandu x'jaqsam ma' volum ta' produzzjoni u bejgħ ta' urea fil-Komunità, intgħażlu bħala kampjuni. L-erba' produtturi Komunitarji magħżula bħala kampjun jirrappreżentaw madwar 60 % tal-produzzjoni totali ta' l-industrija Komunitarja matul il-PIR, filwaqt li t-tnax produtturi Komunitarji ta' hawn fuq jirrappreżentaw madwar 80 % tal-produzzjoni fil-Komunità. Dan il-kampjun kien jikkostitwixxi l-ikbar volum rappreżentattiv ta' produzzjoni u bejgħ ta' urea fil-Komunità li raġonevolment seta' jkun investigat fiż-żmien disponibbli.
- (15) Erba' produtturi esportaturi fl-Ukraina mlew tajjeb il-formola għat-teħid ta' kampjuni sa l-iskadenza u qablu formalment li jkomplu jikkooperaw fl-investigazzjoni. Dawn l-erba' produtturi esportaturi jirrappreżentaw 100 % ta' l-esportazzjonijiet totali mill-Ukraina lejn il-Komunità matul il-PIR. Minħabba l-għadd baxx ta' kumpaniji kooperattivi fl-Ukraina, ġie deċiż li t-teħid ta' kampjuni ma jiġix applikat u l-kumpaniji kollha ġew mistiedna jibagħtu kwestjonarju.
- (16) It-tweġibiet għall-kwestjonarji ntbagħtu minn erba' produtturi Komunitarji, importatur wieħed, żewġ utenti u erba' produtturi esportaturi fl-Ukraina u produttur esportatur wieħed fil-Belarus, fil-Kroazja u fil-Libja. Barra minn hekk, bosta importaturi u utenti u l-assoċjazzjonijiet tagħhom bagħtu kummenti mingħajr ma wiegħbu l-kwestjonarju.
- (17) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat it-tagħrif kollu li deħrilha meħtieġ bil-għan li tistabbilixxi t-tkomplija probabbli tad-dumping u l-ħsara u l-interess Komunitarju. Żjarat ta' verifika twettqu fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:
- (a) **Produtturi Komunitarji fil-kampjun:**
- Fertiberia S.A., Madrid, Spanja,
 - SKW Stickstoffwerke Piesteritz GmbH, Lutherstadt Wittenberg, il-Ġermanja,
 - Yara Group (Yara Spa Ferrara, l-Italja u Yara Sluiskil B.V., Sluiskil, l-Olanda),
 - Zakłady Azotowe Pulawy S.A., Pulawy, il-Polonja;
- (b) **Produtturi esportaturi**
- L-Ukraina:
 - Joint Stock Company Concern Stirol, Gorlovka,
 - Close Joint Stock Company Severodonetsk, Severodonetsk,
 - Joint Stock Company Dnipro Azot, Dneprodzerzhinsk,
 - Open Joint Stock Company Cherkassy Azot, Cherkassy;
 - Il-Kroazja:
 - Petrokemija D.D., Kutina;
- (ċ) **Importaturi Komunitarji**
- Dynea Austria GmbH, Krems, l-Awstrija;
- (d) **Utenti Komunitarji**
- Associazione Liberi Agricoltori Cremonesi, Cremona, l-Italja,
 - Acefer, Asociación Comercial Española de Fertilizantes, Madrid, Spanja.

B. PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**1. Prodott ikkonċernat**

- (18) Il-prodott ikkonċernat huwa l-istess kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri urea attwalment klassifikabbli fi ħdan il-kodiċi NM 3102 10 10 u 3102 10 90 ("il-prodott ikkonċernat") u li joriġina fil-Belarus, fil-Kroazja, fil-Libja u fl-Ukraina.
- (19) L-urea hija prinċipalment magħmula mill-ammonja, li min-naħa tagħha hija prodotta mill-gass naturali. Tista' tiegħu forma solida jew likwida. L-urea solida tista' tintuża għal skopijiet agrikoli u industrijali. L-urea għall-agrikoltura tista' tintuża kemm bħala fertilizzant, fejn titferrex fuq il-ħamrija, kif ukoll bħala adittiv fl-ikel ta' l-annimali. L-urea għall-industrija hija materja prima għal ċerti tipi ta' kolla u plastik. L-urea likwida tista' tintuża kemm bħala fertilizzant kif ukoll għal għanijiet industrijali. Minkejja li l-urea hija ppreżentata fil-forom differenti msemmija hawn fuq, il-karatteristiċi kimiċi tagħha jibqgħu bażikament l-istess u għall-għanijiet tal-proċedura attwali jistgħu jitqiesu bħala prodott wieħed.

2. Prodott simili

- (20) Kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, din l-investigazzjoni ta' reviżjoni kkonfermat li l-prodotti manifatturati u esportati mill-produtturi esportaturi fil-Belarus, fil-Kroazja, fil-Libja u fl-Ukraina, dawk manifatturati u mibjugħa fis-suq lokali ta' dawn il-pajjiżi, kif ukoll dawk manifatturati u mibjugħa mill-produtturi Komunitarji fis-suq Komunitarju kollha għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi u essenzjalment l-istess użi. Għalhekk huma meqjusa bħala prodotti simili skond it-tifsira ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

C. IL-PROBABBLITÀ TA' TKOMPLIJA JEW TA' RIKORRENZA TA' DUMPING

- (21) Meta wieħed iqis il-konklużjonijiet milħuqa fir-rigward tal-probabbiltà ta' tkomplija jew rikorrenza ta' ħsara, l-argumenti ewlenin biss huma żviluppatti hawn taħt.

1. Dumping ta' importazzjonijiet matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' reviżjoni**1.1. Prinċipji ġenerali**

- (22) Skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk kienx qed isir dumping matul l-PIR, u f'każ li kien hekk, jekk l-iskadenza tal-miżuri kinitx se twassal jew le għal tkomplija ta' dumping.

- (23) Fil-każ tat-tliet pajjiżi esportaturi bi stat ta' ekonomija tas-suq, li huma l-Kroazja, il-Libja u l-Ukraina, il-valur normali ġie stabbilit skond l-Artikoli 2(1) sa (3) tar-Regolament bażiku. Fil-każ tal-Belarus, il-valur normali ġie stabbilit skond l-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku.

1.2. Il-Kroazja

- (24) Il-marġni ta' dumping għall-uniku produttur esportatur fil-Kroazja ġie stabbilit fuq il-bażi ta' paragun bejn valur normali medju bil-piż differenzjat u prezz għall-esportazzjoni medju bil-piż differenzjat skond l-Artikolu 2(5), (11) u (12) tar-Regolament bażiku.
- (25) Il-Kroazja esportat aktar minn 200 000 tonnellata ta' urea lill-Komunità matul il-PIR, biex kellha kontroll fuq 2.3 % mis-suq Komunitarju. L-uniku produttur esportatur magħruf u kooperattiv instab li kien għadu qed jesporta bi prezzijiet sinifikament soġġetti għal dumping lill-Komunità, sa fejn kellu x'jaqsam il-PIR. Il-marġni ta' dumping li nstab qabeż l-20 %.

- (26) Kien hemm dubji sinifikanti dwar jekk l-ispejjeż tal-gass, li huwa sors ewleni għall-produzzjoni ta' l-urea, kinux riflessi raġonevolment fir-reġistri tal-produttur esportatur. Instab li l-gass inkiseb f'kundizzjonijiet partikolari, determinati mill-fatt li kemm il-produttur esportatur kif ukoll il-fornitur tal-gass huma proprjetà b'maġġoranza ta' l-istat Kroat u li l-prezzijiet tal-gass kienu baxxi b'mod anormali. Fin-nuqqas ta' kull prezz tal-gass mhux distort relatat mas-suq lokali Kroat, u skond l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, il-prezzijiet tal-gass iridu jiġu stabbiliti fuq "kwalunkwe bażi raġonevoli oħra, inkluż tagħrif minn swieq rappreżentattivi oħrajn". Minħabba li l-maġġoranza tal-gass użat għall-manifattura tal-prodott ikkonċernat huwa ta' oriġini Russa, il-prezz aġġustat jista' jissejjes fuq il-prezz medju tal-gass Russu meta jinbiegħ għall-esportazzjoni fil-fruntiera Ġermaniża/Ċeka (Waidhaus), nett ta' l-ispejjeż tat-trasport, fejn Waidhaus huwa ċ-ċentru ewleni għall-bejgħ ta' gass Russu lill-UE. Dan iżid il-marġni ta' dumping b'mod sinifikanti. Meta wieħed iqis li d-dumping jeżisti mingħajr dan l-aġġustament, u l-konklużjonijiet dwar il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' ħsara stipulati hawn taħt, din il-kwistjoni ma ġietx investigata.

1.3. Il-Belarus, il-Libja u l-Ukraina

- (27) Kif spjegat fil-premessi (29), (38) u (45), il-kwantitajiet esportati mit-tliet pajjiżi esportaturi oħra kkonċernati laħqu livelli tant baxxi li ġie meqjus li l-prezzijiet ta' esportazzjoni assoċjati ma' dawn waħidhom ma jkunux suffiċjenti b'mod ta' min joqgħod fuqu biex tiġi stabbilita sejba fir-rigward tat-tkomplija ta' dumping.

2. Il-Probabbiltà ta' Rikorrenza ta' Dumping

2.1. Il-Belarus

- (28) Minħabba li l-Belarus mhux meqjus bħala pajjiż b'ekonomija tas-suq, il-valur normali ġie stabbilit fuq il-bażi ta' *data* miksuba minn produttur f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq. Fl-avviż tal-bidu, l-Istati Uniti tqiesu bħala pajjiż analogu xieraq, minħabba li diġà kien qed jintuża fl-investigazzjoni oriġinali. L-ebda parti interessata ma baġtet kummenti f'dan ir-rigward. Il-produttur Amerikan li kien diġà kkoopera fl-investigazzjoni oriġinali baġhat tweġiba għall-kwestjonarju li ntużat għad-determinazzjoni tal-valur normali.
- (29) L-uniku produttur Belorussu magħruf baġhat tweġiba għall-kwestjonarju. Ġeneralment, il-Belarus esportat madwar 25 000 tonnellata ta' urea, li jammontaw għal sehem ta' 0,3 % mis-suq Komunitarju. Meta wieħed iqis dan is-sehem żgħir mis-suq, l-analiżi fir-rigward tal-Belarus tikkonċentra fuq il-possibbiltà ta' rikorrenza ta' dumping.
- (30) Ġew analizzati x-xejriet ta' esportazzjoni tal-Belarus lejn il-pajjiżi terzi kollha. L-esportazzjonijiet lejn ir-reġjuni kollha tad-dinja saru bi prezzijiet li kienu aktar baxxi, b'mod konsistenti, mill-valur normali misjub fis-suq analogu, li juri li l-prezzijiet lil swieq ta' esportazzjoni oħrajn kienu dumped.
- (31) Barra minn dan, ġie eżaminat jekk il-prezzijiet ta' esportazzjoni tal-Belarus ikunux soġġetti għal dumping kieku kellhom ikunu flivell ugwali għal-livelli ta' prezz li attwalment jiddominaw fil-Komunità. Għal prodott ta' komodità bħall-urea, huwa improbabli li jinbiegħ flivelli oġhla mill-prezzijiet tas-suq attwali. Ir-riżultat ta' din l-analiżi wasslet ukoll għal marġni ta' dumping sinifikanti.
- (32) Fl-istess waqt, il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni għal esportazzjonijiet lil swieq ta' esportazzjoni oħrajn instabu li kienu f'tit oġhla mill-prezzijiet għal esportazzjonijiet lill-Komunità. Għalhekk, hemm dubju dwar kemm il-Komunità tkun suq aktar attraenti f'termini ta' prezzijiet meta mqabbla ma' swieq ta' pajjiżi terzi.
- (33) Fid-dawl tal-fatti u l-konsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, hemm indikazzjonijiet li wisq probabbli d-dumping jerġa' jseħħ fin-nuqqas tal-miżuri.

2.2. Il-Kroazja

- (34) Kif muri fil-premessa (25), esportazzjonijiet lill-Komunità nstabu li huma oġġetti għal dumping. Ġew analizzati x-xejriet ta' esportazzjoni tal-Kroazja lejn il-pajjiżi terzi kollha. L-esportazzjonijiet lejn ir-reġjuni kollha tad-dinja

saru bi prezzijiet li kienu aktar baxxi mill-valur normali, li wera li kien qed iseħħ id-dumping anki fin-nuqqas ta' l-aġġustament imsemmi hawn fuq.

- (35) Barra minn dan, ġie eżaminat jekk il-prezzijiet ta' esportazzjoni tal-Kroazja jkunux soġġetti għal dumping kieku kellhom ikunu flivell ugwali għal-livelli ta' prezz li attwalment jiddominaw fil-Komunità. Għal prodott ta' komodità bħall-urea, huwa improbabli li jinbiegħ flivelli oġhla mill-prezzijiet tas-suq attwali. Ir-riżultat ta' din l-analiżi wasslet ukoll għal marġni ta' dumping sinifikanti.
- (36) Fl-istess waqt, il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni għal esportazzjonijiet lil swieq ta' esportazzjoni oħrajn instabu li kienu f'tit oġhla mill-prezzijiet għal esportazzjonijiet lill-Komunità. Għalhekk, hemm dubju dwar kemm il-Komunità tkun suq aktar attraenti f'termini ta' prezzijiet meta mqabbla ma' swieq ta' pajjiżi terzi.
- (37) Għaldaqstant hemm indikazzjonijiet li wisq probabbli d-dumping jerġa' jseħħ fin-nuqqas ta' miżuri.

2.3. Il-Libja

- (38) L-uniku produttur esportatur magħruf baġhat tweġiba għall-kwestjonarju li ma kinitx kompluta. Minħabba li naqas milli jibgħat xi tagħrif nieqes, kellu jsir rikors għall-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, fejn xieraq. Tagħrif disponibbli wera li b'mod ġenerali, il-Libja esportat madwar 70 000 tonnellata ta' urea lill-Komunità matul il-PIR, li jammontaw għal sehem ta' 0,8 % mis-suq Komunitarju. Meta wieħed iqis dan is-sehem żgħir mis-suq, l-analiżi fir-rigward tal-Libja tikkonċentra fuq il-possibbiltà ta' rikorrenza ta' dumping. L-analiżi ta' dumping u l-possibbiltà ta' rikorrenza ta' dumping saret fuq il-bażi tat-tagħrif disponibbli.
- (39) Fin-nuqqas tal-bejgħ lokali rappreżentattiv fis-suq Libjan, il-valur normali ġie stabbilit fuq il-bażi ta' l-ispiża tal-produzzjoni fil-pajjiż ta' l-orijini flimkien ma' ammont raġonevoli għall-ispejjeż tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi u għall-qligħ, skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku. Instab li marġni ta' qligħ ta' 8 % kien raġonevoli f'dan il-każ.
- (40) L-analiżi tal-kwestjonarju mibgħut mill-kumpanija kooperattiva fil-Libja wera li l-attività ewlenija tagħha kienet li tesporta lejn swieq terzi oħrajn. Fil-PIR, ġew esportati madwar 570 000 tonnellata lil swieq terzi, jiġifieri, aktar minn tmien darbiet aktar mill-esportazzjonijiet totali magħmula lis-suq Komunitarju. It-tqabbil ta' prezzijiet ta' esportazzjoni miżmuma għal dawn l-esportazzjonijiet mal-valur normali stabbilit kif deskritt hawn fuq juri livell sinifikanti ta' dumping.

(41) Kien hemm dubji sinifikanti dwar jekk l-ispejjeż tal-gass, li huwa sors ewlieni għall-produzzjoni ta' l-urea, kinux riflissi raġonevolment fir-reġistri tal-produttur esportatur. Fuq il-bażi tat-tagħrif disponibbli, huwa meqjus li l-gass inkiseb f'kundizzjonijiet partikolari, determinati mill-fatt li kemm il-produttur esportatur kif ukoll il-fornitur tal-gass huma proprjetà b'maġġoranza ta' l-istat Libjan u li l-prezzijiet tal-gass kienu baxxi b'mod anormali. Aġġustament iżid il-marġni ta' dumping b'mod sinifikanti. Meta wieħed iqis li d-dumping jeżisti mingħajr dan l-aġġustament, u l-konklużjonijiet dwar il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' ħsara stipulati hawn taħt, ma nstax li kien meħtieġ li jiġi applikat dan l-aġġustament, anki jekk kien iġġustifikat.

(42) Barra minn dan, ġie eżaminat jekk il-prezzijiet ta' esportazzjoni tal-Libja jkunux soġġetti għal dumping kieku kellhom ikunu flivell ugwali għal-livelli ta' prezz li attwalment jiddominaw fil-Komunità. Għal prodott ta' komodità bħall-urea, huwa improbabli li jinbiegħ flivelli oġhla mill-prezzijiet tas-suq attwali. Ir-riżultat ta' din l-analiżi wasslet ukoll għal marġni ta' dumping sinifikanti.

(43) Fl-istess waqt, il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni għal esportazzjonijiet lil swieq ta' esportazzjoni oħrajn instabu li kienu f'it oġhla mill-prezzijiet għal esportazzjonijiet lill-Komunità. Għalhekk, hemm dubju dwar kemm il-Komunità tkun suq aktar attraenti f'termini ta' prezzijiet meta mqabbla ma' swieq ta' pajjiżi terzi.

(44) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, hemm indikazzjonijiet li wisq probabbli d-dumping jerġa' jseħħ fin-nuqqas tal-miżuri.

2.4. L-Ukraina

(45) Erba' produttori kkooperaw ma' din l-investigazzjoni. Tnejn minnhom biss għamlu bejgħ ta' esportazzjoni lill-Komunità matul il-PIR. Ġeneralment, l-Ukraina esportat biss madwar 20 000 tunnellata ta' urea, li jammontaw għal sehem ta' 0,2 % mis-suq Komunitarju. Meta wieħed iqis dan is-sehem żgħir mis-suq, l-analiżi fir-rigward ta' l-Ukraina tikkonċentra fuq il-possibbiltà ta' rikorrenza ta' dumping.

(46) Fir-rigward ta' l-ispejjeż tal-gass, instab li l-Ukraina qed timporta l-maġġoranza tal-gass użat fil-produzzjoni ta' l-urea mir-Russja. F'dan ir-rigward, id-*data* kollha disponibbli tindika li l-Ukraina timporta gass naturali mir-Russja bi prezzijiet li huma sinifikament taħt il-prezzijiet tas-suq imħallsa fi swieq mhux regolati għal gass naturali. L-investigazzjoni żvelat li l-prezz tal-gass naturali mir-Russja meta esportat lejn il-Komunità kien madwar id-doppju tal-prezz tal-gass lokali fl-Ukraina. Għalhekk, kif stipulat fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, l-ispejjeż tal-gass imħallsa mill-applikant ġew aġġustati fuq il-bażi

tat-tagħrif minn swieq rappreżentattivi oħrajn. Il-prezz aġġustat issejjes fuq il-prezz medju tal-gass Russu meta mibjugħ għall-esportazzjoni fil-fruntiera Ġermaniża/Ċeka (Waidhaus), nett ta' l-ispejjeż tat-trasport. Waidhaus, billi huwa ċentru ewlieni għall-bejgħ tal-gass Russu lill-UE, li hija kemm l-akbar suq għall-gass Russu kif ukoll għandha prezzijiet li jirriflettu b'mod raġonevoli l-ispejjeż, jista' jitqies bħala suq rappreżentattiv fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku.

(47) L-aġġustament wassal għal prezzijiet lokali taħt l-ispejjeż għal tlieta mill-kumpaniji involuti u għalhekk l-ispejjeż tal-produzzjoni, flimkien ma' marġni ta' qligħ raġonevoli ta' 8 %, intużaw bħala valur normali. Għar-raba' kumpanija, għal dan il-għan intużaw prezzijiet lokali aġġustati kif xieraq.

(48) Ġew analizzati x-xejriet ta' esportazzjoni ta' produttori esportaturi Ukraini lejn il-pajjiżi terzi kollha. L-esportazzjonijiet lejn ir-reġjuni kollha tad-dinja seħħu bi prezzijiet li kienu taħt il-valur normali stabbilit b'mod konsistenti u sinifikanti.

(49) Barra minn dan, ġie eżaminat jekk il-prezzijiet ta' esportazzjoni ta' l-Ukraina jkunux soġġetti għal dumping kieku kellhom ikunu flivell ugwali għal-livelli ta' prezz li attwalment jiddominaw fil-Komunità. Għal prodott ta' komodità bħall-urea, huwa improbabli li jinbiegħ flivelli oġhla mill-prezzijiet tas-suq attwali. Ir-riżultat ta' din l-analiżi wasslet ukoll għal marġni ta' dumping sinifikanti. Fl-istess waqt, il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni għal esportazzjonijiet lil swieq ta' esportazzjoni oħrajn instabu li kienu flivell komparabbli bħall-prezzijiet għal esportazzjonijiet lill-Komunità. Għalhekk, hemm dubju dwar kemm il-Komunità tkun suq aktar attraenti f'termini ta' prezzijiet meta mqabbla ma' swieq ta' pajjiżi terzi. Fid-dawl tal-fatti u l-konsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, hemm indikazzjonijiet li wisq probabbli d-dumping jerġa' jseħħ fin-nuqqas tal-miżuri.

3. L-iżvilupp ta' l-importazzjonijiet jekk il-miżuri jiġu rrevokati

3.1. Il-Belarus

(50) Skond it-tagħrif fir-reġistru, il-Belarus kellha massimu ta' kapaċità żejda ta' madwar 150 000 tunnellata matul il-PIR. B'żieda ma' dan, l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi oħrajn ammontaw għal madwar 225 000 tunnellata.

(51) Mhux eskluż li parti mill-kapaċità żejda se tkun diretta lejn il-Komunità ladarba l-miżuri jiġu rrevokati. L-uniku esportatur Belorussu żviluppa mezzi ta' distribuzzjoni tajba fil-Komunità u, b'mod ġenerali, id-daqs tas-suq Komunitarju huwa attraenti, b'mod partikolari għal pajjiżi b'viċinanza ġeografika.

(52) Madankollu, mhux eskluż li uħud minn dawn il-kwantitajiet se jiġu esportati wkoll lejn pajjiżi terzi, minħabba li l-livelli ta' prezz probabbli f'dawn it-territorji jrendu prezzijiet *ex fabrika* li huma simili għal (jew anki ogħla minn) daww li jistgħu jinkisbu meta tesporta lejn il-Komunità. Barra minn hekk, mhux eskluż li l-użu ta' l-urea se jiżdied f'reġjuni oħrajn fid-dinja, l-aktar meta wieħed iqis ix-xejriet attwali għal produzzjoni agrikola akbar. Kollox ma' kollox, mhux mistenni li l-esportazzjonijiet jilhqgħu l-ammont sħiħ ta' kapaċità żejda, jekk il-miżuri jiskadu, iżda dawn wisq probabbli jaqbzgħu l-livelli *de minimis*.

(53) Fir-rigward ta' direzzjoni mill-ġdid potenzjali ta' esportazzjonijiet minn pajjiżi terzi lejn il-Komunità, japplikaw argumenti simili, li jagħmluha improbabbli li jekk il-miżuri jiskadu jiġu esportati kwantitajiet addizzjonali sinifikanti lejn is-suq Komunitarju fil-ġejjieni previst.

3.2. Il-Kroazja

(54) Skond it-tagħrif fir-reġistru, il-Kroazja kellha massimu ta' kapaċità żejda ta' madwar 120 000 tunnellata matul il-PIR. B'żieda ma' dan, l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi oħrajn ammontaw għal madwar 60 000 tunnellata. Mhux eskluż li parti mill-kapaċità żejda tkun diretta lejn il-Komunità ladarba l-miżuri jiġu rrevokati. L-uniku esportatur Kroat żviluppa mezzi ta' distribuzzjoni tajba fil-Komunità u, b'mod ġenerali, id-daqs tas-suq Komunitarju huwa attraenti, b'mod partikolari għal pajjiżi b'viċinanza ġeografika.

(55) Madankollu, il-miżuri ta' anti-dumping ma żammewx lill-Kroazja milli tesporta kwantitajiet sinifikanti lill-Komunità. Ma kien hemm l-ebda indikazzjonijiet li kien se jkun hemm ostaklu għall-esportazzjoni ta' aktar kwantitajiet lill-Komunità. Meta wieħed iqis li dan ma kienx il-każ, huwa improbabbli li jseħħu esportazzjonijiet addizzjonali sinifikanti lejn il-Komunità permezz ta' l-attivazzjoni ta' kapaċitajiet bħal dawn. B'żieda ma' dan, mhux eskluż li uħud minn dawn il-kwantitajiet jistgħu jiġu esportati wkoll lejn pajjiżi terzi, minħabba li l-livelli ta' prezz probabbli f'dawn it-territorji jrendu prezzijiet *ex fabrika* li huma simili għal (jew ftit ogħla minn) daww li jistgħu jinkisbu meta tesporta lejn il-Komunità.

(56) Barra minn hekk, mhux eskluż li l-użu ta' l-urea se jiżdied f'reġjuni oħrajn fid-dinja, l-aktar meta wieħed iqis ix-xejriet attwali għal produzzjoni agrikola akbar. Kollox ma' kollox, mhux mistenni li parti sinifikanti mill-kapaċità żejda Kroata tintuża għal esportazzjonijiet addizzjonali lill-Komunità, iżda meta wieħed iqis il-livell ta' esportazzjoni attwali, il-volumi ta' esportazzjoni lill-Komunità huma mistennija li jibqgħu ogħla mil-livelli *de minimis*.

(57) Fir-rigward ta' direzzjoni mill-ġdid potenzjali ta' esportazzjonijiet minn pajjiżi terzi lejn il-Komunità, japplikaw

argumenti simili, li jagħmluha improbabbli li jekk il-miżuri jiskadu jiġu esportati kwantitajiet addizzjonali sinifikanti lejn is-suq Komunitarju fil-ġejjieni previst.

3.3. Il-Libja

(58) Skond it-tagħrif disponibbli, il-Libja kellha massimu ta' kapaċità żejda ta' madwar 140 000 tunnellata matul il-PIR. B'żieda ma' dan, l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi oħrajn ammontaw għal madwar 570 000 tunnellata. Mhux eskluż li parti mill-kapaċità żejda tkun diretta lejn il-Komunità ladarba l-miżuri jiġu rrevokati. L-uniku esportatur Libjan żviluppa mezzi ta' distribuzzjoni tajba fil-Komunità u, b'mod ġenerali, id-daqs tas-suq Komunitarju huwa attraenti, b'mod partikolari għal pajjiżi b'viċinanza ġeografika.

(59) Madankollu, mhux eskluż li uħud minn dawn il-kwantitajiet jiġu esportati wkoll lejn pajjiżi terzi, minħabba li l-livelli ta' prezz probabbli f'dawn it-territorji jrendu prezzijiet *ex fabrika* li huma simili għal (jew anki ogħla minn) daww li jistgħu jinkisbu meta tesporta lejn il-Komunità. Barra minn hekk, mhux eskluż li l-użu ta' l-urea se jiżdied f'reġjuni oħrajn fid-dinja, l-aktar meta wieħed iqis ix-xejriet attwali għal produzzjoni agrikola akbar. Kollox ma' kollox, mhux mistenni li l-esportazzjonijiet jilhqgħu l-ammont sħiħ ta' kapaċità żejda, jekk il-miżuri jiskadu, iżda dawn wisq probabbli jaqbzgħu l-livelli *de minimis*.

(60) Fir-rigward ta' direzzjoni mill-ġdid potenzjali ta' esportazzjonijiet minn pajjiżi terzi lejn il-Komunità, japplikaw argumenti simili, li jagħmluha improbabbli li jekk il-miżuri jiskadu jiġu esportati kwantitajiet addizzjonali sinifikanti lejn is-suq Komunitarju fil-ġejjieni previst.

3.4. L-Ukraina

(61) Skond it-tagħrif fir-reġistru, l-Ukraina kellha massimu ta' kapaċità żejda ta' madwar 375 000 tunnellata matul il-PIR. B'żieda ma' dan, l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi oħrajn ammontaw għal madwar 3 500 000 tunnellata. Mhux eskluż li parti mill-kapaċità żejda se tkun diretta lejn il-Komunità ladarba l-miżuri jiġu rrevokati. L-uniku esportatur Ukrainjan żviluppa mezzi ta' distribuzzjoni tajba fil-Komunità u, b'mod ġenerali, id-daqs tas-suq Komunitarju huwa attraenti, b'mod partikolari għal pajjiżi b'viċinanza ġeografika. Madankollu, mhux eskluż li uħud minn dawn il-kwantitajiet jiġu esportati wkoll lejn pajjiżi terzi, minħabba li l-livelli ta' prezz probabbli f'dawn it-territorji jrendu prezzijiet *ex fabrika* li huma simili għal daww li jistgħu jinkisbu meta tesporta lejn il-Komunità. Barra minn hekk, mhux eskluż li l-użu ta' l-urea se jiżdied f'reġjuni oħrajn fid-dinja, l-aktar meta wieħed iqis ix-xejriet attwali għal produzzjoni agrikola akbar. Kollox ma' kollox, mhux mistenni li l-esportazzjonijiet jilhqgħu l-ammont sħiħ ta' kapaċità żejda, jekk il-miżuri jiskadu, iżda dawn wisq probabbli jaqbzgħu l-livelli *de minimis*.

(62) Fir-rigward ta' direzzjoni mill-ġdid potenzjali ta' esportazzjonijiet minn pajjiżi terzi lejn il-Komunità, l-applikanti argumentaw li l-kapaċità akbar prevista f'reġjuni oħrajn (b'mod partikolari fil-Lvant Nofsani) tiegħu post l-esportazzjonijiet Ukraini l-aktar fl-Asja, iżda wkoll fl-Afrika u fl-Amerika Latina, li jammontaw għal aktar minn 3 000 000 tunnellata, li mbagħad jiġu diretti mill-ġdid lejn il-Komunità. Madankollu, fuq il-bażi tat-tagħrif fir-reġistru, mhux possibbli li jiġi konkluż li dan iċ-ċaqliq iseħħ, *inter alia*, minħabba li żieda fl-użu globali tista' tassorbi dawn il-kwantitajiet addizzjonali, kieku kellhom jidħlu fis-suq. Barra minn dan, mhux eskluż li żidiet fil-kapaċità jseħħu matul perjodu ta' żmien itwal minn dak suġġerit mill-applikant. Kollox ma' kollox, mhux possibbli li jiġi kkonfermat li jekk jiskadu l-miżuri, il-kwantitajiet addizzjonali sinifikanti wisq probabbli jiġu diretti mill-ġdid lejn is-suq Komunitarju fil-ġejjieni previst.

4. Konklużjoni dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dumping

(63) Fuq il-bażi ta' l-analiżi msemija qabel, huwa konkluż li jekk il-miżuri jiġu rrevokati, d-dumping ta' kwantitajiet sinifikanti ta' urea huwa improbabli li jtkompla fil-każ tal-Kroazja, jew li jerġa' jseħħ fil-każ tat-tliet pajjiżi l-oħra kkonċernati.

D. TIFSIRA TA' INDUSTRIJA KOMUNITARJA

1. Tifsira ta' Produzzjoni Komunitarja

(64) Fil-Komunità, il-prodott simili huwa manifatturat minn 16-il produttur, li l-produzzjoni tagħhom titqies li tikkostitwixxi l-produzzjoni Komunitarja kollha skond it-tifsira ta' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku. Tmienja minnhom saru produtturi Komunitarji wara t-tkabbir ta' l-UE f'Mejju 2004.

(65) Tnax mis-16 produtturi Komunitarji qablu li jikkooperaw ma' l-investigazzjoni, filwaqt li tlieta bagħtu t-tagħrif mitlub għall-għan tat-teħid ta' kampjuni iżda ma offrewx aktar kooperazzjoni. L-ebda produttur Komunitarju ma oppona t-talba għal revizzjoni.

(66) Għalhekk, it-12-il produttur li ġejjin qablu li jikkooperaw:

— Achema AB (il-Litwanja),

— Adubos de Portugal (il-Portugall),

— AMI Agrolinz Melamine International GmbH (l-Awstrija),

— Duslo a.s. (ir-Repubblika Slovakkja),

— Fertiberia S.A. (Spanja),

— AS Nitrofert (l-Estonja),

— Nitrogénművek Zrt (l-Ungerija),

— SKW Stickstoffwerke Piesteritz (il-Ġermanja),

— Yara Group (konsolidazzjoni ta' Yara France SA (Franza), Yara Italia S.p.A (l-Italja), Yara Brunsbüttel GmbH (il-Ġermanja) u Yara Sluiskil BV (l-Olanda),

— Zakłady Azotowe Pulawy (il-Polonja),

— ŻAK S.A. (il-Polonja),

— BASF AG (il-Ġermanja).

(67) Billi dawn it-12-il produttur Komunitarji ammontaw għal madwar 80 % tal-produzzjoni Komunitarja totali matul il-PIR, jitqies li dawn jammontaw għal parti kbira tal-produzzjoni Komunitarja totali tal-prodott simili. Għalhekk jitqiesu li jikkostitwixxu l-industrija Komunitarja skond it-tifsira ta' l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku u minn hawn 'il quddiem se jissejħu "l-Industrija Komunitarja". L-erba' produtturi Komunitarji li ma kkooperawx se jissejħu "produtturi Komunitarji oħrajn".

(68) Kif indikat hawn fuq, ittieħed kampjun ta' erba' kumpaniji. Il-produtturi Komunitarji kollha meħuda fil-kampjun ikkooperaw u bagħtu t-tweġibiet għall-kwestjonarju sad-data ta' l-għeluq. Barra minn hekk, it-tmien produtturi kooperattivi l-oħrajn bagħtu kif mitlub ċerta *data* ġenerali għall-analiżi tal-ħsara.

E. IL-QAGĦDA FIS-SUQ KOMUNITARJU

1. Il-konsum fis-suq Komunitarju

(69) Il-konsum Komunitarju apparenti ġie stabbilit fuq il-bażi tal-volumi ta' bejgħ ta' l-industrija Komunitarja fis-suq Komunitarju, il-volumi ta' bejgħ tal-produtturi Komunitarji l-oħrajn fis-suq Komunitarju, u d-*data* ta' l-Eurostat għall-importazzjonijiet kollha ta' l-UE. Minħabba t-tkabbir ta' l-UE fl-2004, f'għieh iċ-ċarezza u l-konsistenza ta' l-analiżi, il-konsum ġie stabbilit fuq il-bażi tas-suq ta' l-UE-25 matul il-perjodu meqjus. Billi din l-investigazzjoni nbdiet qabel it-tkabbir ulterjuri ta' l-UE bil-Bulgarija u r-Rumanija, l-analiżi hija limitata għal-qagħda ta' l-UE-25.

(70) Bejn l-2002 u l-2003, il-konsum Komunitarju żdied bi 3 % u baqa' stabbli sal-PIR.

	2002	2003	2004	2005	PIR
Konsum totali tal-KE f'tunnellati	8 650 000	8 945 000	8 955 000	8 875 000	8 950 000
Indiċi (2002 = 100)	100	103	104	103	103

2. Importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati

2.1. Volum, sehem mis-suq u prezzijiet ta' l-importazzjonijiet

(71) Fir-rigward tal-Belarus, tal-Kroazja, tal-Libja u ta' l-Ukraina, il-volumi ta' l-importazzjoni, l-ishma tas-suq u l-prezzijiet medji żviluppaw kif stabbilit hawn taħt. Id-data ssejset fuq l-istatistika ta' l-Eurostat.

	2002	2003	2004	2005	PIR
Il-Belarus – Volum ta' importazzjonijiet (tunnellati)	134 931	167 981	62 546	62 044	25 193
Sehem mis-suq	1,6 %	1,9 %	0,7 %	0,7 %	0,3 %
Prezzijiet ta' l-importazzjonijiet (EUR/tunnellata)	107,5	126,6	148,5	165,7	190,5
Indiċi (2002 = 100)	100	118	138	154	177
L-Ukraina – Volum ta' importazzjonijiet (tunnellati)	44 945	36 304	77 270	84 338	52 553
Sehem mis-suq	0,5 %	0,4 %	0,8 %	0,9 %	0,5 %
Prezzijiet ta' l-importazzjonijiet (EUR/tunnellata)	117,4	134,5	139,6	192,7	194,0
Indiċi (2002 = 100)	100	115	119	164	165
Il-Kroazja – Volum ta' importazzjonijiet (tunnellati)	126 400	179 325	205 921	187 765	208 050
Sehem mis-suq	1,5 %	2,0 %	2,3 %	2,1 %	2,3 %
Prezzijiet ta' l-importazzjonijiet (EUR/tunnellata)	125,1	135,0	145,0	171,7	185,0
Indiċi (2002 = 100)	100	108	116	137	148
Il-Libja – Volum ta' importazzjonijiet (tunnellati)	142 644	227 793	153 390	124 515	73 361
Sehem mis-suq	1,6 %	2,5 %	1,7 %	1,4 %	0,8 %
Prezzijiet ta' l-importazzjonijiet (EUR/tunnellata)	114,1	134,9	147,2	193,8	201,6
Indiċi (2002 = 100)	100	118	129	170	177

(72) Fir-rigward tal-Belarus, il-volum ta' importazzjonijiet żdiedu f'it bejn l-2002 u l-2003, imbagħad naqsu kontinwament matul il-perjodu meġjus (– 81 % għall-perjodu kollu). Simili għal dan, is-sehem tas-suq tagħha żdied f'it bejn l-2002 u l-2003 imbagħad naqas kontinwament sa 0,3 % fil-PIR. Il-volumi kienu *de minimis* mill-2004 'il quddiem. Il-prezzijiet evolwew b'mod pożittiv minn 107 EUR sa 190 EUR għal kull tunnellata matul il-perjodu meġjus.

- (73) Fir-rigward ta' l-Ukraina, il-livelli ta' importazzjoni baqgħu konsistenti taħt il-limitu *de minimis*, filwaqt li l-prezzijiet ta' l-importazzjoni żdiedu b'65 % bejn l-2002 u l-PIR.
- (74) L-importazzjonijiet Kroati kienu pjuttost stabbli matul il-perjodu, b'madwar 2 % sehem mis-suq Komunitarju, filwaqt li l-prezzijiet ta' l-importazzjoni żdiedu b'48 %.
- (75) L-importazzjonijiet mil-Libja żdiedu fl-2003 iżda naqsu kontinwament sa tmiem il-PIR. Matul il-perjodu kollu dawn naqsu b'49 % u s-sehem tas-suq tagħhom naqas minn 1,6 % fl-2002 għal 0,8 % fil-PIR. Fir-rigward tal-pajjiżi l-oħra kkonċernati, il-prezzijiet ta' l-importazzjoni Libjani żdiedu b'77 % bejn l-2002 u l-PIR.
- (76) L-evoluzzjoni tal-prezz ta' l-erba' pajjiżi huwa proporzjonalment ogħla minn jew komparabbli għaż-żieda fil-prezz tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja.
- (77) Bil-għan li jkun ikkalkulat il-livell tat-twaqqiġ tal-prezz matul il-PIR għall-Kroazja, il-prezzijiet *ex* fabbrika ta' l-industrija Komunitarja għal klijenti mhux relatati ġew imqabbla mal-prezzijiet ta' importazzjoni CIF fuq il-fruntiera Komunitarja ta' l-uniku produttur esportatur kooperattiv tal-Kroazja, aġġustati kif xieraq bil-għan li jirriflettu prezz ta' wara l-konsenja. Il-paragun wera li l-importazzjonijiet kienu qed jaqgħu taħt il-prezzijiet ta' l-industrija Komunitarja b'4.7 %. Madankollu, dawn il-prezzijiet kienu simili għall-prezz ta' mingħajr ħsara stabbilit għall-industrija Komunitarja.
- (78) Fid-dawl tal-fatt li l-ishma tas-suq ta' tlieta mill-erba' pajjiżi kkonċernati kienu taħt *de minimis*, kemm jekk individwalment kif ukoll jekk kollettivament, ġie meqjus li l-esportazzjonijiet tagħhom lejn il-Komunità ma ħoloqx ħsara u għalhekk il-marġni ta' twaqqiġ ma kinux rilevanti bħala parti mill-analiżi ta' tkompliġa ta' ħsara.

3. Importazzjonijiet minn pajjiżi oħrajn

- (79) Il-volum ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn matul il-perjodu meqjus qed jintwerew fit-tabella hawn taħt. Il-kwantitajiet u x-xejriet tal-prezz li ġejjin issejsu wkoll fuq l-Eurostat.

	2002	2003	2004	2005	PIR
Volum ta' importazzjonijiet mir-Russja (tunnellati)	1 360 025	1 429 543	1 783 742	1 404 863	1 488 367
Sehem mis-suq	15,7 %	16,0 %	19,9 %	15,8 %	16,6 %
Prezz ta' l-importazzjonijiet mir-Russja (EUR/tunnellata)	119	133	154	180	196
Volum ta' importazzjonijiet mill-Eġittu (tunnellati)	579 830	629 801	422 892	385 855	624 718
Sehem mis-suq	6,7 %	7,0 %	4,7 %	4,3 %	7,0 %
Prezz ta' l-importazzjonijiet mill-Eġittu (EUR/tunnellata)	149	163	178	220	222
Volum ta' importazzjonijiet mir-Rumanija (tunnellati)	260 298	398 606	235 417	309 195	248 377
Sehem mis-suq	3,0 %	4,5 %	2,6 %	3,5 %	2,8 %
Prezz ta' l-importazzjonijiet mir-Rumanija (EUR/tunnellata)	123	142	175	197	210

	2002	2003	2004	2005	PIR
Volum ta' importazzjonijiet mill-pajjiżi l-oħrajn kollha (tunnellati)	373 732	291 620	254 311	336 110	326 579
Sehem mis-suq	4,3 %	3,3 %	2,8 %	3,8 %	3,6 %
Prezz ta' l-importazzjonijiet mill-pajjiżi l-oħrajn kollha (EUR/tunnellata)	141	170	194	221	224
Sehem mis-suq ta' pajjiżi terzi kollha	29,7 %	30,8 %	30,0 %	27,4 %	30,0 %

- (80) Ta' min jinnota li l-importazzjonijiet ġenerali minn pajjiżi terzi żdiedu b'4,4 % matul il-perjodu kollu. Dan ir-riżultat huwa effett l-aktar taż-żieda ta' importazzjonijiet mir-Russja (9,4 %), li hija bla dubju l-esportatur ewlieni. Wieħed għandu jinnota wkoll li l-importazzjonijiet mir-Russja kienu soġġetti għal miżuri fil-forma ta' MIP matul il-perjodu kollu, miżuri rrevokati mir-Regolament (KE) Nru 907/2007 (ara l-premessa (6)). Bejn l-2002 u l-PIR, l-importazzjonijiet mill-Eġittu żdiedu b'7,7 % filwaqt li l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn żdiedu bl-istess mod, bl-importazzjonijiet mir-Rumanija jammontaw għal 40 % minnhom. Fir-rigward tal-prezzijiet ta' esportazzjoni, il-pajjiżi kollha msemmija hawn fuq esportaw lejn il-Komunità bi prezzijiet li ma kinux orħos mill-prezzijiet ta' l-industrija Komunitarja fil-PIR u/jew huma ogħla mill-prezzijiet ta' mingħajr ħsara ta' l-industrija Komunitarja.

4. Il-qagħda ekonomika ta' l-industrija Komunitarja

- (81) Skond l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat il-fatturi u l-indiċi ekonomiċi kollha rilevanti li għandhom piż fuq l-istat ta' l-industrija Komunitarja.

4.1. Rimarki preliminari

- (82) Bosta mill-produtturi kooperattivi ta' l-industrija Komunitarja nstabu li kienu jużaw il-prodott simili għall-ipproċessar ulterjuri ta' prodotti ta' fertilizzanti mħallta jew sintetiċi li huma fertilizzanti nitroġeni ta' grad baxx u li barra n-nitroġenu fihom sustanzi oħrajn bħal fosfru li jinħall fl-ilma, jew/u potassju li jinħall fl-ilma.
- (83) Tali trasferimenti interni tal-produzzjoni ta' l-urea nstabu li ma jidhux fis-suq miftuħ u ma kinux f'kompetizzjoni ma' importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat. L-investigazzjoni wriet li dan l-użu *captive* jirrappreżenta sehem stabbli ta' madwar 20 % tal-produzzjoni totali ta' l-industrija Komunitarja. Għalhekk huwa meqjus li ma jistax jaffettwa b'mod sinifikanti l-istampa ta' ħsara ta' l-industrija Komunitarja.
- (84) Fejn intuża t-teħid tal-kampjuni, skond il-prattika stabbilita, ċerti indikaturi ta' ħsara (produzzjoni, kapaċità ta' produzzjoni, stokks, bejgħ, sehem mis-suq, tkabbir u impjegji) jiġu analizzati għall-industrija Komunitarja kollha b'mod ġenerali ("C.I." fit-tabelli inklużi), filwaqt li daww il-indikaturi ta' ħsara marbuta mar-rendiment ta' kumpaniji individwali, jiġifieri prezzijiet, spejjeż tal-produzzjoni, qligħ, pagi, investimenti, dħul mill-investment, likwidità u l-ħila li jinġabar il-kapital, jiġu eżaminati fuq il-bażi ta' tagħrif miġbur fil-livell tal-produtturi Komunitarji meħuda bħala kampjun ("S.P." fit-tabelli inklużi).

4.2. Data relatata ma' l-industrija Komunitarja kollha

(a) P r o d u z z j o n i

- (85) Il-produzzjoni ta' l-industrija Komunitarja, inklużi l-volumi intenzjonati għall-użu *captive*, baqgħu Prattikament stabbli bejn l-2002 u l-PIR, żdiedu b'5 % fl-2003 u naqsu bl-istess perċentwali fl-2004. Fl-2005 u matul il-PIR ġiet irreġistrata żieda żgħira ta' 2 % u punt perċentwali (p.p.) rispettivamente, biex laħqet livell ta' 4,45 miljun tunnellata.

	2002	2003	2004	2005	PIR
Produzzjoni tas-C.I. (tunnellati)	4 300 000	4 500 000	4 300 000	4 400 000	4 450 000
Indiċi (2002 = 100)	100	105	100	102	103
Il-produzzjoni tas-C.I. użata għal trasferimenti <i>captive</i>	800 000	800 000	800 000	900 000	900 000
Bħala % tal-produzzjoni totali	19,3 %	18,5 %	19,5 %	20,6 %	20,2 %

Sors: Kwerelanti, tweġibiet għall-kwestjonarju tat-teħid ta' kampjuni u tweġibiet għall-kwestjonarju vverifikati.

(b) Kapaċità u rati ta' l-użu tal-kapaċità

- (86) Il-kapaċità ta' produzzjoni żdiedet bi ftit (5 %) bejn l-2002 u l-PIR. Fid-dawl tal-volum ta' produzzjoni stabbli, l-użu tal-kapaċità li tirriżulta naqas ffit, minn livell ta' 84 % fl-2002 għal livell ta' 81 % fil-PIR. Madankollu, l-użu tal-kapaċità għal din it-tip ta' produzzjoni u industrija tista' tiġi affettwata mill-produzzjoni ta' prodotti oħrajn li jistgħu jiġu prodotti bl-istess tagħmir ta' produzzjoni u għalhekk għandu anqas toqol bħala indikatur ta' ħsara.

	2002	2003	2004	2005	PIR
Kapaċità ta' produzzjoni tas-C.I. (tunnellati)	5 100 000	5 200 000	5 200 000	5 400 000	5 360 000
Indiċi (2002 = 100)	100	101	101	106	105
Użu tal-kapaċità tas-C.I.	84 %	88 %	84 %	81 %	81 %
Indiċi (2002 = 100)	100	104	100	96	96

(ċ) Stokks

- (87) Il-livell ta' l-istokks ta' l-għeluq ta' l-industrija Komunitarja kien pjuttost stabbli bejn l-2002 u l-2004 u żdied f'daqqa (b'24 p.p. fl-2005 u b'aktar minn 13 p.p. fi tmiem il-PIR). Minkejja dan, minħabba li l-urea intenzjonata għal applikazzjonijiet *captive* hija mażżuna mal-prodott mibjugħ fis-suq ħieles, il-livell ta' l-istokks huwa meqjus bħala indikatur ta' ħsara b'anqas importanza. Ta' min isemmi wkoll li t-tmiem tal-PIR jaħbat mal-bidu tal-bejgħ staġjonali.

	2002	2003	2004	2005	PIR
Stokks ta' l-għeluq tas-C.I. (tunnellati)	250 000	240 000	260 000	320 000	350 000
Indiċi (2002 = 100)	100	94	103	127	140

(d) Volum tal-bejgħ

- (88) Il-bejgħ mill-industrija Komunitarja fis-suq Komunitarju naqas ffit, jiġifieri bi 3 % bejn l-2002 u l-PIR.

	2002	2003	2004	2005	PIR
Volumi ta' bejgħ tas-C.I. tal-KE (tunnellati)	3 150 000	3 240 000	3 050 000	3 000 000	3 070 000
Indiċi (2002 = 100)	100	103	97	95	97

(e) *Sehem mis-suq*

- (89) Is-sehem mis-suq ta' l-industrija Komunitarja naqas wkoll b'mod moderat bejn l-2002 u l-PIR, minn 36.5 % għal 34.3 %.

	2002	2003	2004	2005	PIR
Is-sehem mis-suq ta' l-industrija Komunitarja	36,5 %	36,3 %	34,1 %	33,8 %	34,3 %
Indiċi (2002 = 100)	100	99	93	93	94

(f) *Tkabbir*

- (90) L-industrija Komunitarja tilfet parti żgħira mis-sehem tas-suq tagħha f'suq stabbli matul il-perjodu meqjus. Is-sehem mis-suq mitluf mill-industrija Komunitarja ma tteħidx mill-importazzjonijiet ta' l-erba' pajjiżi kkonċernati, li rreġistraw tnaqqis minn 5.8 % għal 4.4 % mis-sehem mis-suq tagħhom bejn l-2002 u l-PIR.

(g) *Impjiegi*

- (91) Il-livell ta' l-impjiegi ta' l-industrija Komunitarja naqas b'6 % bejn l-2002 u l-PIR, filwaqt li l-produzzjoni żdiedet bi fteit, biex b'hekk irriflettiet it-tfassib ta' l-industrija Komunitarja li tibqa' żżid il-produttività u l-kompetittività tagħha.

	2002	2003	2004	2005	PIR
Prodott ta' l-impjiegi tas-C.I. kkonċernat	1 235	1 230	1 155	1 160	1 165
Indiċi (2002 = 100)	100	100	94	94	94

(h) *Produttività*

- (92) Il-produttività ta' kull persuna impjegata mill-industrija Komunitarja fis-sena żdiedet b'6 % bejn l-2002 u l-2003 u baqgħet kostanti sal-PIR, biex b'hekk uriet l-impatt pożittiv ikkombinat ta' impjiegi mnaqqsa u żieda fil-produzzjoni ta' l-industrija Komunitarja.

	2002	2003	2004	2005	PIR
C.I. Produttività tas-C.I. (tunnellati għal kull impjegat)	3 500	3 700	3 745	3 765	3 735
Indiċi (2002 = 100)	100	106	107	108	107

(i) *Kobor tal-marġni tad-dumping*

- (93) Fir-rigward ta' l-impatt fuq l-industrija Komunitarja tal-kobor tal-marġni attwali ta' dumping fil-PIR, meta wieħed iqis li (i) il-volum ta' importazzjonijiet mill-Belarus, mill-Ukraina u mil-Libja, kien taħt il-livelli *de minimis*; (ii) l-importazzjonijiet mill-Kroazja kienu stabbli, b'żieda fil-prezzijiet konformi mal-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-UE; u (iii) il-qagħda finanzjarja ġenerali ta' l-industrija Komunitarja kienet pożittiva ħafna, dan l-impatt huwa meqjus bħala wieħed li mhux sinifikanti u l-indikatur ma għandux importanza.

(j) *Irkupru mill-effetti tad-dumping ta' l-imgħoddi*

- (94) L-indikaturi eżaminati hawn fuq u hawn taħt juru biċ-ċar titjib konsiderevoli fil-qagħda ekonomika u finanzjarja ta' l-industrija Komunitarja.

4.3. Data li tikkonċerna l-produtturi Komunitarji meħuda fil-kampjun

(a) Prezzijiet tal-bejgħ u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet lokali

- (95) Il-prezz tal-bejgħ nett medju tal-produtturi ta' l-industrija Komunitarja meħuda fil-kampjun żdied sostanzjalment mill-2004 sal-PIR, biex b'hekk irrifletta ż-żieda konsistenti u kontinwa ta' l-ispiża tal-materja prima u l-kundizzjonijiet favorevoli u dominanti tas-suq internazzjonali ta' l-urea matul l-istess perjodu.

	2002	2003	2004	2005	PIR
Prezz ta' unità ta' l-S.P. fis-suq tal-KE (EUR/tunnellata)	138	149	164	189	207
Indiċi (2002 = 100)	100	108	120	138	151

(b) P a g i

- (96) Bejn l-2002 u l-PIR, il-paga medja għal kull impjegat żdiedet bi 13 %, kif turi t-tabella ta' hawn taħt. Fid-dawl tar-rata ta' inflazzjoni u l-impjegi mnaqsa b'mod ġenerali, din iż-żieda tal-pagi hija meqjusa bħala moderata.

	2002	2003	2004	2005	PIR
Spiża annwali tax-xogħol ta' l-S.P għal kull impjegat (000 EUR)	44,2	47,2	47,1	48,6	49,9
Indiċi (2002 = 100)	100	107	107	110	113

(ċ) I n v e s t i m e n t i

- (97) L-investimenti annwali fil-prodott simili magħmul mill-erba' produtturi meħuda fil-kampjun żviluppa b'mod pożittiv matul il-perjodu meqjus, jiġifieri żdied b'74 %, anki jekk wera xi ftit ċaqliq. Dawn l-investimenti kienu relatati l-aktar mal-immodernizzar tal-makkinarju u tar-rekwiżiti ambjentali. Dan jikkonferma l-isforzi ta' l-industrija Komunitarja li tibqa' ttejjeb il-produttività u l-kompetittività tagħha. Ir-riżultati huma apparenti fl-evoluzzjoni tal-produttività li żdiedet sostanzjalment (ara l-premessa (92)) matul l-istess perjodu.

	2002	2003	2004	2005	PIR
Investimenti netti ta' l-S.P (000 EUR)	20 493	11 095	31 559	40 001	35 565
Indiċi (2002 = 100)	100	54	154	195	174

(d) P r o f i t t a b b i l t à u l - q l i g h f u q l - i n v e s t i m e n t i

- (98) Il-profittabbiltà tal-produtturi meħuda fil-kampjun turi titjib komdu bejn l-2002 u l-2005, fejn laħqet aktar minn 19 % tal-valur tal-bejgħ. Żieda stabbli fil-prezz tal-gass fil-bidu ta' l-2006 ġabet ir-riżultat lura għal 10,7 % matul il-PIR. F'dan ir-rigward, jiġi nnutat li fl-investigazzjoni oriġinali, kien ġie stabbilit marġni ta' qligħ ta' 8 % li seta' jintlaħaq fin-nuqqas ta' dumping li jagħmel il-ħsara. Il-qligħ fuq l-investment (ROI), espress bħala l-qligħ f'perċentwali tal-valur nett fuq il-kotba ta' l-investimenti, segwa ġeneralment ix-xejra ta' profittabbiltà matul il-perjodu kollu meqjus.

	2002	2003	2004	2005	PIR
Profittabbiltà ta' l-S.P. tal-bejgħ tal-KE lil konsumaturi mhux relatati (% tal-bejgħ nett)	4,6 %	11,1 %	18,4 %	19,3 %	10,7 %
Indiċi (2002 = 100)	100	241	400	419	233

	2002	2003	2004	2005	PIR
L-ROI ta' l-S.P. (qligħ f% tal-valur nett fuq il-kotba ta' l-investment)	10,7 %	31,0 %	48,8 %	51,1 %	29,4 %
Indiċi (2002 = 100)	100	290	456	477	275

(e) Likwidità u ħila li jinġabar il-kapital

- (99) Il-likwidità żdiedet b'mod konsiderevoli bejn l-2002 u l-2005 u naqset b'mod stabbli matul il-PIR. Dan l-iżvilupp jimxi ma' l-iżvilupp tal-profitabbiltà ġenerali matul il-perjodu meqjus.

	2002	2003	2004	2005	PIR
Likwidità ta' l-S.P (000 EUR)	38 534	60 289	92 671	111 722	58 912
Indiċi (2002 = 100)	100	156	240	290	153

- (100) L-investigazzjoni ma wrietx diffikultajiet li ltaqgħu magħhom il-produtturi Komunitarji meħuda bħala kampjun biex jiġbru l-kapital.

5. Konklużjoni

- (101) Bejn l-2002 u l-PIR, is-sehem mis-suq ta' l-industrija Komunitarja naqas bi ftit, hekk kif għamel il-volum tal-bejgħ fis-suq Komunitarju. Madankollu l-qagħda ġenerali ta' l-industrija Komunitarja marret għall-aħjar matul il-perjodu meqjus.
- (102) Kważi l-indikaturi ta' ħsara l-oħrajn kollha, għajr għaż-żieda tal-volumi ta' l-istokk, żviluppaw b'mod pożittiv: il-volum tal-produzzjoni u l-prezzijiet tal-bejgħ bl-unità ta' l-industrija Komunitarja żdiedu u l-profitabbiltà wara l-2002 kienet b'mod sinifikattiv ogħla mil-livell tal-qligħ stabbilit bħala l-qligħ fil-mira fl-investigazzjoni oriġinali.
- (103) Il-qligħ fuq l-investment u l-likwidità evolwew b'mod pożittiv ukoll. Il-pagi żviluppaw moderatament u l-industrija Komunitarja kompliet tinvesti. Il-produttività żdiedet ukoll b'mod sostanzjali li jirrifletti l-evoluzzjoni pożittiva tal-produzzjoni u l-isforzi ta' l-industrija Komunitarja li ttejjibha permezz ta' l-investimenti.
- (104) L-applikant saħaq li r-rekwiżiti tal-profitabbiltà fit-tul, ikkalkulata bħala qligħ fuq il-bejgħ, għall-industrija ta' l-urea għandha tkun fil-livell ta' 25 % wara t-taxxa. Dan

ikun ifisser madwar 36 % tal-qligħ ta' qabel it-taxxa fuq il-valur tal-bejgħ. L-applikant stqarr li dan kien ġġustifikat mill-ispiża biex tkun stabbilita pjanta ġdida ta' ammonja/urea, li tkun tehtiegħ qligħ fuq l-investment ta' 11 % (allegatament ekwivalenti għall-qligħ ta' 36 % qabel it-taxxa fuq il-valur tal-bejgħ). Għal dan il-għan, huwa nnutat li l-applikant qatt ma ddikjara qligħ fil-mira daqs-hekk għoli f'din il-proċedura, u fl-investigazzjoni oriġinali ġie stabbilit marġni ta' qligħ ta' 8 % li jista' jintlaħaq fin-nuqqas ta' dumping li jaġġmel il-ħsara. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza fis-sentenza tagħha fil-Każ T-210/95 ikkonfermat li "... il-marġni ta' qligħ li għandu jintuża mill-Kunsill meta jiġi kkalkulat il-prezz tal-mira li se jneħħi l-ħsara kkonċernata għandu jkun limitat għall-marġni ta' qligħ li l-industrija Komunitarja tista' torbot fuqu b'mod raġonevoli taħt kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, fin-nuqqas ta' l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping" (1). Fl-istess każ, ġie kkonfermat li "... argument li l-marġni ta' qligħ li għandu jintuża mill-istituzzjonijiet Komunitarji jrid ikun il-marġni mehtiegħ biex ikun żgurat l-għixien ta' l-industrija Komunitarja u/jew il-qligħ adegwat fuq il-kapital, ma għandu l-ebda bażi fir-regolament bażiku."

- (105) L-applikant allega wkoll li, fil-każ ta' l-industrija tal-fertilizzant, il-qligħ fuq il-bejgħ mhux indikatur ta' ħsara xieraq fir-rigward tal-qligħ, u li l-qligħ fuq il-kapital impjegat u/jew il-qligħ fuq l-investment huma, f'termini ta' kwalità, aktar xierqa għal evalwar bħala dan. B'żieda ma' dan, kien argumentat li, fuq il-baży ta' l-indikaturi ta' l-aħħar, l-industrija Komunitarja kienet qed issofri l-ħsara.

(1) Il-Każ T-210/95 EFMA v. il-Kunsill (1195) ECR II-3291, il-punt 60.

(106) Meta wieħed iqis il-karatteristiċi partikolari ta' l-industrija tal-fertilizzanti (*inter alia* l-intensità tal-kapital tagħha) u n-natura tas-suq tal-fertilizzanti (il-volatilità tal-prezzijiet tal-materja prima tiegħu u l-prezzijiet tal-prodott finali), hemm qbil li l-qligħ fuq il-bejgħ, waħdu, jista' ma jkunx l-aktar indikatur indikattiv fir-rigward tal-profittabbiltà, u li dan għandu jiġi kkomplimentat minn indikaturi bħall-qligħ fuq il-kapital impjegat u l-qligħ fuq l-investment. Madankollu, l-applikant ma ppreżenta l-ebda prova li, fin-nuqqas ta' l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, l-industrija Komunitarja kienet se tkun kapaċi tikseb qligħ fil-livell mitlub. L-applikant lanqas ma wera liema marġni ta' qligħ kienet se tkun kapaċi tikseb l-industrija Komunitarja fin-nuqqas ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping. Għalhekk dan l-argument għe miċħud.

(107) Huwa b'hekk konkluż li ma hemm l-ebda tkomplija ta' ħsara materjali għall-industrija Komunitarja.

F. PROBABBILTÀ TA' RIKORRENZA TA' ĦSARA

1. Ġenerali

(108) Billi ma hemmx tkomplija ta' ħsara materjali kkważata minn importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat, l-analiżi ffukat fuq il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' ħsara kemm-il darba l-miżuri kellhom jitneħħew. F'dan ir-rigward għew analizzati żewġ parametri ewlenin: (i) volumi u prezzijiet ta' esportazzjoni proġettati tal-pajjiżi kkonċernati u (ii) l-effett ta' dawk il-volumi u prezzijiet proġettati mill-pajjiżi kkonċernati fuq l-industrija Komunitarja.

(109) L-analiżi hija magħmula f'kuntest ta' suq ġenerali bi prezzijiet u qligħ li kull ma jmur jiżdiedu mhux biss fil-Komunità iżda madwar id-dinja. Sa ċertu punt, dan huwa kawża ta' talba li hija aktar mill-provvista. Ma hemm l-ebda indikazzjoni li kuntest ġenerali bħal dan se jvarja b'mod sinifikanti f'terminu ta' żmien qasir jew medju.

2. Volumi u prezzijiet ta' esportazzjoni possibbli tal-pajjiżi kkonċernati

(110) Kif mistqarr hawn fuq, il-produtturi esportaturi Ukraini wisq probabbli se jespportaw l-aktar madwar 375 000 tunnellata ta' urea addizzjonali lill-Komunità, jekk il-miżuri kellhom jiskadu. Iċ-ċifri għal-Libja u għall-Belarus jindikaw massimu ta' 140 000 u 150 000 tunnellata rispettivament. Simili għal dan, iċ-ċifri għall-Kroazja wisq probabbli mhux se jiżdiedu b'mod sinifikanti mill-livell attwali tagħhom.

(111) Il-prezzijiet ta' esportazzjoni għall-Komunità u pajjiżi terzi għew analizzati hawn fuq. Flimkien mal-kundizzjonijiet tas-suq deskritti hawn taħt u l-iżvilupp probabbli tad-

determinanti ewlenin ta' l-ispiża, bħalma huwa l-gass, din l-analiżi tippona lejn il-possibbiltà li l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni jibqgħu ogħla. B'riżultat ta' dan, ma jistax jiġi konkluż li l-prezzijiet jistgħu jkunu materjalment orħos minn u/jew jinbiegħu orħos mill-prezzijiet jew l-ispejjeż ta' l-industrija Komunitarja.

3. L-impatt fuq l-industrija Komunitarja tal-volumi ta' esportazzjoni proġettati u l-effetti tal-prezz fl-eventwalità ta' revoka tal-miżuri

(112) Is-suq ta' l-urea huwa previst li jikber b'mod sinifikanti fis-snin li għejjin kemm fil-Komunità ⁽¹⁾ kif ukoll madwar id-dinja, l-aktar minħabba iż-żieda fil-produzzjoni agrikola (għal applikazzjonijiet ta' bijofjuwil) u anki minħabba l-użu industrijali li qed jikber għal AdBlue ⁽²⁾. Per eżempju, prospetti għas-swieq agrikoli fl-Unjoni Ewropea 2007-2014 maħruġa mid-Direttorat-Ġenerali għall-Agricoltura f'Lulju 2007 jikkonfermaw li l-produzzjoni taċ-ċereali wisq probabbli se tiżdied b'mhux aktar minn 20 % matul dan il-perjodu. Il-valutazzjoni ta' l-applikant innifsu tissuġġerixxi tkabbir ta' 10 %. Barra minn hekk, fl-aħħar ta' Settembru 2007, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1107/2007 ⁽³⁾ stabbilixxa deroga minn artijiet imwarrba għas-sena 2008. It-tkabbir antiċipat tas-suq Komunitarju (madwar miljun tunnellata addizzjonali) wisq probabbli se jkun akbar mill-volumi *massimi* possibbli li l-pajjiżi esportaturi jistgħu jespportaw lejn il-Komunità. Għalhekk, mhux mistenni li jinħolqu żbilanċi ta' volum magħguri minn dawn l-esportazzjonijiet addizzjonali, parzjalment minħabba li d-differenza bejn il-produzzjoni Komunitarja massima potenzjali u l-konsum hija kkwantifikata għal madwar 2 miljun tunnellata, u ma hemm l-ebda indikazzjoni li din id-differenza se timtela b'esportazzjonijiet oħrajn (*inter alia* li joriġinaw mir-Russja, kif deskritt fir-Regolament (KE) Nru 907/2007) sal-punt fejn il-provvista eċċessiva toħnoq jew twaqqaq l-prezzijiet tas-suq.

(113) Fid-dawl ta' dan, mhux mistenni li l-industrija Komunitarja jkollha tnaqqas il-bejgħ, il-produzzjoni jew il-prezzijiet tagħha sal-punt fejn il-profittabbiltà u l-pożizzjoni ġenerali tagħha tkun affettwata materjalment. Għalhekk, wisq probabbli l-qligħ jibqa' fil-livell attwali tiegħu, li jirrifletti l-kundizzjonijiet tas-suq favorevoli dominanti b'mod partikolari mill-2004 għall-PIR.

4. Konklużjoni dwar il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' ħsara

(114) Meta wieħed iqis dan ta' hawn fuq, ma jistax ikun konkluż li hemm xi probabbiltà ta' rikorrenza ta' ħsara lill-industrija Komunitarja, jekk il-miżuri eżistenti kellhom jitneħħew.

⁽¹⁾ Sors: "Fertilizzanti globali u provvista ta' materja prima u l-bilanċ bejn il-provvista u t-talba: 2005-2009", A05/71b, Ġunju 2005, Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Industrija tal-Fertilizzanti "IFA".

⁽²⁾ AdBlue hija trademark reġistrata għal Soluzzjoni ta' l-Urea ta' l-Ilma (32.5 %) u hija użata fi proċess li jissejjaħ *Selective Catalytic Reduction* li jnaqqas l-emmissjonijiet ta' l-ossidi tan-nitroġenu mill-egżost ta' vetturi li jaħdmu bid-diżil.

⁽³⁾ ĠU L 253, 28.9.2007, p. 1.

G. MIŻURI TA' ANTI-DUMPING

- (115) Il-partijiet kollha ġew infurmati bil-fatti essenzjali u l-konsiderazzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom hemm il-ħsieb li ssir ir-rakkomandazzjoni li l-miżuri eżistenti jitneħħew. Huma ngħataw ukoll perjodu biex jagħmlu rappreżentazzjonijiet sussegwenti għal dan l-iżvelar. Ma ntbagħtu l-ebda kummenti li kienu kapaċi jibdlu l-konklużjonijiet stipulati hawn fuq.
- (116) Skond dan t'hawn fuq, kif previst mill-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-miżuri ta' anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' urea li joriġinaw fil-Belarus, fil-Kroazja, fil-Libja u fl-Ukraina għandhom jitneħħew u l-proċedura trid tintemm.
- (117) Meta wieħed iqis iċ-ċirkustanzi deskritti hawn fuq, jiġifieri t-tfixkil sinifikanti fl-istruttura ta' l-ispiża u/jew l-operazzjonijiet ta' esportazzjoni minn esportaturi fl-erba' pajjiżi kkonċernati kollha, huwa meħtieġ li l-evoluzzjoni ta' l-

importazzjonijiet ta' l-urea li joriġinaw fil-Belarus, fil-Kroazja, fil-Libja u fl-Ukraina tiġi sorveljata mill-qrib, bil-għan li tittieħed azzjoni mgħaġġla u xierqa fil-każ li l-qagħda titlob dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-dazju ta' anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' urea, f'soluzzjoni ta' ilma jew xorta oħra, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3102 10 10 u 3102 10 90 u li joriġinaw fil-Belarus, fil-Kroazja, fil-Libja u fl-Ukraina hawnhekk qed jitneħħa u l-proċedura li tikkonċerna dawn l-importazzjonijiet hija mitmuma.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Marzu 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

I. JARC

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 241/2008

tas-17 ta' Marzu 2008

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim tas-Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea-Bissaw

IL-KUNSILL ta' L-UNJONI EWROPEA,

Artikolu 2

wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 flimkien ma' l-Artikolu 300(2) u (3), l-ewwel paragrafu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

(1) Il-Komunità nneozjat mar-Repubblika tal-Ginea-Bissau Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd li jipprovdi lil bastimenti Komunitarji opportunitajiet ta' sajd fl-ilmijiet li l-Ginea-Bissau għandha sovranità jew ġurisdizzjoni fuqhom fdak li għandu x'jaqşam mas-sajd.

(2) B'riżultat ta' dawk in-negozjati ġie inizjalat Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd fit-23 ta' Mejju 2007.

(3) Huwa fl-interess tal-Komunità li tapprova dak il-Ftehim.

(4) Huwa importanti li jiġi definit il-mod li bih jitqassmu l-opportunitajiet ta' sajd bejn l-Istati Membri,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Ftehim tas-Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea-Bissaw ⁽²⁾ huwa approvat fisem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ Opinjoni mogħtija fil-11 ta' Marzu 2008.

⁽²⁾ ĠU L 342, 27.12.2007, p. 5.

1. L-opportunitajiet ta' sajd stabbiliti bil-Protokoll għandhom jiġu allokati fost l-Istati Membri kif ġej:

(a) is-sajd għall-gambli:

Spanja	1 421 GRT
L-Italja	1 776 GRT
Il-Greċja	137 GRT
Il-Portugall	1 066 GRT

(b) is-sajd għall-ħut u ċ-ċefalopodi:

Spanja	3 143 GRT
L-Italja	786 GRT
Il-Greċja	471 GRT

(ċ) bastimenti bit-tartarun u bastimenti bil-konz tal-wiċċ li jistadu għat-tonn

Spanja	10 bastimenti
Franza	9 bastimenti
Il-Portugall	4 bastimenti

(d) bastimenti bil-qasab u x-xlief:

Spanja	10 bastimenti
Franza	4 bastimenti

2. Jekk l-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 ma jeżawrixxux l-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti mill-Protokoll għall-Ftehim, il-Kummissjoni tista' tqis applikazzjonijiet għal liċenzji mingħand kwalunkwe Stat Membru ieħor.

Artikolu 3

L-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom jistadu skond il-Ftehim imsemmi fl-Artikolu 1 għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-kwantitajiet ta' kull stokk maqbuda fiż-żona tas-sajd tal-Ginea-Bissaw f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 500/2001 ta' l-14 ta' Marzu 2001 li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 dwar is-sorveljanza tal-qbid meħuda mid-dgħajjes tas-sajd tal-Komunità f'ibħra ta' pajjiżi terzi u fl-ibħra miftuħa ⁽³⁾.

⁽³⁾ ĠU L 73, 15.3.2001, p. 8.

Artikolu 4

Il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim sabiex b'hekk tintrabat il-Komunità.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Marzu 2008.

Għall-Kunsill
Il-President
I. JARC

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 242/2008

tas-17 ta' Marzu 2008

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Kosta ta' l-Avorju, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Artikolu 2

L-opportunitajiet ta' sajd stabbiliti fil-Protokoll tal-Ftehim għandhom jiġu allokati fost l-Istati Membri kif ġej:

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 flimkien mal-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 300 u ma' l-ewwel inċiż tal-paragrafu 3 ta' l-Artikolu 300,

— 25 bastiment tas-sajd bil-purse seines

Franza: 10 bastimenti;

Spanja 15-il bastiment;

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

— 15-il bastiment tas-sajd bil-konz:

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Spanja 10 bastimenti;

Billi:

Portugall: 5 bastimenti;

(1) Il-Komunità nneozjat mal-Kosta ta' l-Avorju Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd li jipprovdi lill-bastimenti Komunitarji opportunitajiet ta' sajd fl-ilmijiet li l-Kosta ta' l-Avorju għandha sovrani jew ġurisdizzjoni fuqhom f'dak li għandu x'jaqsam mas-sajd.

Jekk it-talbiet għal liċenzja ta' dawn l-Istati Membri ma jeżaw-rixxux l-opportunitajiet ta' sajd stabbiliti mill-Protokoll, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra talbiet għal liċenzji mill-Istati Membri l-oħra kollha.

(2) B'riżultat ta' dawk in-negozjati ġie inizjalat Ftehim ta' Sħubija ġdid dwar is-Sajd fil-5 ta' April 2007.

Artikolu 3

L-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom jistadu fil-kuntest tal-Ftehim imsemmi fl-Artikolu 1 għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-kwantitajiet ta' kull stokk maqbuda fiż-żona tas-sajd tal-kosta ta' l-Avorju f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 500/2001 ta' l-14 ta' Marzu 2001 li jniżżel regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 dwar is-sorveljanza tal-qbid meħud mill-bastimenti tas-sajd tal-Komunità f'ibħra ta' pajjiżi terzi u fl-ibħra miftuħa ⁽³⁾.

(3) Huwa fl-interess tal-Komunità li tapprova dan il-Ftehim.

(4) Huwa importanti li jiġi definit il-mod li bih jitqassmu l-opportunitajiet ta' sajd bejn l-Istati Membri,

Artikolu 4

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim sabiex tintrabat il-Komunità.

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Kosta ta' l-Avorju, min-naħa l-oħra, huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità Ewropea ⁽²⁾.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ Opinjoni tal-11 ta' Marzu 2008 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ ĠU L 48, 22.2.2008, p. 41.

⁽³⁾ ĠU L 73, 15.3.2001, p. 8.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Marzu 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

I. JARC

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 243/2008

tas-17 ta' Marzu 2008

li jimponi ċerti miżuri restrittivi fir-rigward ta' l-awtoritajiet illegali tal-Gżira ta' Anjouan fl-Unjoni tal-Komoros

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 60 u 301 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni 2008/187/PESK tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 2008 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' l-awtoritajiet illegali tal-Gżira ta' Anjouan fl-Unjoni tal-Komoros ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Ottubru 2007, permezz ta' ittra indirizzata lis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Ġholi, il-President tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Afrikana talab l-appoġġ ta' l-Unjoni Ewropea u ta' l-Istati Membri tagħha fl-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet li l-Kunsill għall-paċi u s-sigurtà ta' l-Unjoni Afrikana ddeċieda li jimponi fir-rigward ta' l-awtoritajiet illegali ta' Anjouan u ta' ċerti persuni assoċjati.

(2) Il-Pożizzjoni Komuni 2008/187/PESK tipprevedi li jiġu imposti miżuri restrittivi fir-rigward ta' l-awtoritajiet illegali ta' Anjouan u ta' ċerti persuni assoċjati. Dawn il-miżuri jinkludu b'mod partikolari l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi tal-persuni kkonċernati.

(3) L-imsemmija miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea. Għalhekk, sabiex tiġi ggarantita l-applikazzjoni uniformi mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha, huwa mehtieġgħat Komunitarju għall-implimentazzjoni tagħhom fejn għandha x'taqsam il-Komunità,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) "fondi" tfisser l-assi u l-benefiċċji finanzjarji ta' kull tip, li jinkludu iżda mhux limitati għal:

(i) flus kontanti, ċekkijiet, pretensjonijiet fuq flus, kambjali, money orders u strumenti tal-ħlas oħrajn;

(ii) depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji jew ma' entitajiet oħrajn, bilanċi fuq il-kontijiet, djun u obbligi ta' dejn;

(iii) it-titoli ta' sigurtà nnegozjati b'mod pubbliku jew privat, strumenti tad-dejn, inklużi stokks u ishma, ċerti-fikati li jirrapreżentaw titoli tas-sigurtà, bonds, noti, mandati, self b'obligazzjonijiet (debentures) u kuntratti ta' derivattivi;

(iv) imgħax, dividendi jew dħul ieħor jew valur li jirriżultaw jew li huma ġġenerati minn assi;

(v) kreditu, dritt ta' tpaċija, garanziji, bonds ta' garanziji jew impenji finanzjarji oħrajn;

(vi) ittri ta' kreditu, poloz tat-tagħbija, kontijiet tal-bejgħ;

(vii) kull dokument li juri interess f'fondi jew friżorsi finanzjarji;

(b) "iffriżar ta' fondi" tfisser il-prevenzjoni ta' kwalunkwe qaqliq, trasferiment, bidla, użu jew traffikar ta' fondi li jistgħu b'xi mod iwasslu għal bidla fil-volum tagħhom, fl-ammont, fil-lokalizzazzjoni tagħhom, fid-dritt tal-pussess tagħhom, fil-pussess tagħhom, fil-karattru tagħhom, fid-destinazzjoni tagħhom jew fi kwalunkwe bidla oħra li tista' tagħmel possibbli l-użu tal-fondi, b'mod partikolari l-ġestjoni tal-portafolli;

(c) "riżorsi ekonomiċi" tfisser assi ta' kull xorta, kemm tanġibbli kif ukoll intanġibbli, mobbli jew immobbli, li mhumiex fondi iżda li jistgħu jintużaw biex jinkisbu fondi, merkanzija jew servizzi;

(d) "iffriżar ta' riżorsi ekonomiċi" tfisser il-prevenzjoni ta' l-użu tagħhom biex jinkisbu fondi, merkanzija jew servizzi f'kull mod, li jinkludu, iżda mhux limitati għal, bejgħ, kiri jew ipoteki tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU L 59, 4.3.2008, p. 32 .

- (e) "territorju tal-Komunità" tfisser it-territorji li fihom huwa applikabbli t-Trattat, skond il-kundizzjonijiet stipulati fih.

Artikolu 2

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi mniżżlin fl-Anness I, jew li huma proprjetà tagħhom jew miżmuma jew ikkontrollati minnhom, huma ffriżati.
2. L-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma huma mqiegħda, direttament jew indirettament, għad-dispożizzjoni jew il-benefiċċju tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi elenkati fl-Anness I.
3. Il-parteċipazzjoni, volontarjament u intenzjonalment, fattivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom hu, direttament jew indirettament, li jiġu evitati l-miżuri msemmijin fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu pprojbti.
4. Il-projbizzjoni mniżżla fil-paragrafu 2 ma għandha twassal għal responsabbiltà ta' l-ebda tip min-naħa tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew l-entitajiet ikkonċernati, jekk huma ma kinux jafu, u ma kellhom ebda raġuni valida li jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom kienu ser jiksru din il-projbizzjoni.

Artikolu 3

1. L-Artikolu 2(2) ma għandux japplika għaż-żieda ma' kontijiet iffriżati ta':

- (a) imgħaxijiet jew qliegħ ieħor fuq dawk il-kontijiet;
- (b) pagamenti dovuti minħabba kuntratti, ftehim jew obbligi li ġew konklużi jew li rriżultaw qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament,

dment li tali mgħaxijiet, qliegħ jew pagamenti oħrajn ikomplu jkunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2(1).

2. L-Artikolu 2(2) ma għandux iżomm istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu fil-Komunità milli jikkreditaw kontijiet iffriżati fejn huma jirċievu fondi ttrasferiti minn terzi lejn il-kont ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp mniżżlin fl-Anness I, kemm-il darba kull żieda fuq dawn il-kontijiet tkun iffriżata wkoll. L-istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti dwar tranżazzjonijiet bħal dawn mingħajr dewmien.

Artikolu 4

1. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, kif indikati fis-siti web elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta'

ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu adatti, sakemm ikunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi kkonċernati huma:

- (a) meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni elenkati fl-Anness I u l-membri familjari dipendenti tagħhom, inkluż ħlasijiet għal oġġetti ta' l-ikel, kera jew ipoteka, mediċini u kura medika, taxxi, poloz ta' l-assigurazzjoni, u l-ħlasijiet għall-użu tas-servizzi pubbliċi;
- (b) maħsubin esklussivament għall-ħlas ta' drittijiet professjonali raġonevoli u għall-ħlas lura ta' spejjeż li saru marbutin mal-forniment ta' servizzi legali;
- (c) maħsubin esklussivament għall-ħlas ta' onorarji jew ħlasijiet għal servizzi ta' rutina fiż-żamma jew il-manteniment ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati;
- (d) meħtieġa għal spejjeż straordinari, kemm-il darba l-Istat Membru kkonċernat ikun innotifika lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni dwar ir-raġunijiet li minħabba fihom iqis li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika, mill-inqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni dwar kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt il-paragrafu 1.

Artikolu 5

L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi jew ir-rifjut li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni fondi jew riżorsi ekonomiċi, imwettaq b'rieda tajba fuq il-bażi li tali azzjoni hija f'konformità ma' dan ir-Regolament, ma għandu jwassal għall-ebda forma ta' responsabbiltà min-naħa tal-persuna fiżika jew ġuridika jew entità li timplimentah, jew id-diretturi jew l-impjegati tagħha, dment li jkun hemm provi li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kienu ffriżati b'riżultat ta' negliġenza.

Artikolu 6

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar ir-rappurtar, il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi għandhom:

- (a) jipprovdu immedjatament lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li joqogħdu fih jew fejn huma stabbiliti, li jidhru fuq is-siti web elenkati fl-Anness II, l-informazzjoni kollha li tista' tiffaċilita l-konformità ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari dwar il-kontijiet u l-ammonti ffriżati skond l-Artikolu 2, u għandhom jgħaddu din l-informazzjoni lill-Kummissjoni, direttament jew permezz ta' l-intermedjarju ta' l-Istati Membri;

(b) jikkooperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti li jidhru fuq is-siti web elenkati fl-Anness II għall-verifika ta' din l-informazzjoni.

2. Kull informazzjoni pprovduta jew irċevuta skond dan l-Artikolu għandha tintuża biss għall-finijiet li għalihom kienet pprovduta jew irċevuta.

Artikolu 7

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom immedjatement jinfurmaw lil xulxin bil-miżuri meħudin skond dan ir-Regolament u għandhom iformu lil xulxin b'kull informazzjoni rilevanti oħra għad-dispożizzjoni tagħhom b'konnessjoni ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari informazzjoni fir-rigward ta' ksur u problemi ta' infurzar u sentenzi mogħtijin mill-qrati nazżjonali.

Artikolu 8

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li:
 - (a) temenda l-Anness I fuq il-bażi ta' deċiżjonijiet meħudin fir-rigward ta' l-Anness għall-Pożizzjoni Komuni 2008/187/PESK;
 - (b) temenda l-Anness II fuq il-bażi ta' l-informazzjoni fornuta mill-Istati Membri.
2. Għandu jiġi ppubblikat avviż dwar il-proċeduri għat-trasmissjoni ta' l-informazzjoni b'rabta ma' l-Anness I⁽¹⁾.

Artikolu 9

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Is-sanzjonijiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Marzu 2008.

Għall-Kunsill
Il-President
I. JARC

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dawn ir-regoli mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinfurmawha b'kull emenda sussegwenti.

Artikolu 10

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru lill-awtoritajiet kompetenti msemmijin f'dan ir-Regolament u jidentifikawhom fis-siti web elenkati fl-Anness II jew permezz ta' dawn is-siti web.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-awtoritajiet kompetenti tagħhom mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinfurmawha b'kull tibdil sussegwenti.

Artikolu 11

Dan ir-Regolament għandu japplika:

- (a) fit-territorju tal-Komunità, inkluż l-ispazju ta' l-ajru tagħha;
- (b) fuq kull inġenju ta' l-ajru jew inġenju tal-baħar taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru;
- (c) għal kull persuna ġewwa jew barra t-territorju tal-Komunità li hija ċittadin ta' Stat Membru;
- (d) għal kull persuna ġuridika, għal kull entità jew għal kull korp li huma stabbiliti jew kostitwiti taħt il-liġi ta' Stat Membru;
- (e) għal kull persuna ġuridika, entità jew korp fir-rigward ta' operazzjoni kummerċjali li ssir kompletament jew parzjalment fit-territorju tal-Komunità.

Artikolu 12

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 71, 18.3.2008, p. 25.

ANNEX I

Lista tal-membri tal-gvern illegali ta' Anjouan u tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, ta' l-entitajiet jew tal-korpi assoċjati ma' dawn ta' l-aħħar, imsemmijin fl-Artikoli 2, 3 u 4

Isem	Mohamed Bacar
Sess	M
Kariga	President li pproklama lilu nnifsu, Kurunel
Post tat-twelid	Barakani
Data tat-twelid	5.5.1962
Nru tal-passaport	01AB01951/06/160, data ta' ħruġ: 1.12.2006
Isem	Jaffar Salim
Sess	M
Kariga	"Ministru ta' l-Intern"
Post tat-twelid	Mutsamudu
Data tat-twelid	26.6.1962
Nru tal-passaport	06BB50485/20 950, data ta' ħruġ: 1.02.2007
Isem	Mohamed Abdou Madi
Sess	M
Kariga	"Ministru tal-Kooperazzjoni"
Post tat-twelid	Mjamaoué
Data tat-twelid	1956
Nru tal-passaport	05BB39478, data ta' ħruġ: 1.08.2006
Isem	Ali Mchindra
Sess	M
Kariga	"Ministru ta' l-Edukazzjoni"
Post tat-twelid	Cuvette
Data tat-twelid	20.11.1958
Nru tal-passaport	03819, data ta' ħruġ: 3.07.2004
Isem	Houmadi Souf
Sess	M
Kariga	"Ministru tas-Servizz Ċivili"
Post tat-twelid	Sima
Data tat-twelid	1963
Nru tal-passaport	51427, data ta' ħruġ: 4.03.2007
Isem	Rehema Boinali
Sess	M
Kariga	"Ministru ta' l-Enerġija"
Post tat-twelid	
Data tat-twelid	1967
Nru tal-passaport	540355, data ta' ħruġ: 7.04.2007
Isem	Dhoihirou Halidi
Sess	M
Titolu	Direttur tal-Kabinet
Kariga	Funzjonarju għoli, assoċjat mill-qrib mal-gvern illegali ta' Anjouan
Post tat-twelid	Bambao Msanga
Data tat-twelid	8.3.1965
Nru tal-passaport:	64528, data ta' ħruġ: 19.9.2007

Isem	Abdou Bacar
Sess	M
Titolu	Logotenent-Kurunell
Kariga	Militar ta' grad għoli, li jikkontribwixxi għall-appoġġ tal-gvern illegali ta' Anjouan
Post tat-twelid	Barakani
Data tat-twelid	2.5.1954
Nru tal-passaport	54621, data ta' ħruġ: 23.4.2007

ANNEX II

Is-siti web li jipprovdu informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti msemmijin fl-Artikoli 4, 6 u 10, u l-indirizzi għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea

BELĠJU

<http://www.diplomatie.be/eusanctions>

BULGARIJA

<http://www.mfa.government.bg>

REPUBBLIKA ĊEKA

<http://www.mfcr.cz/mezinarodnisankce>

DANIMARKA

<http://www.um.dk/da/menu/Udenrigspolitik/FredSikkerhedOgInternationalRetsorden/Sanktioner/>

ĠERMANJA

<http://www.bmwi.de/BMWi/Navigation/Aussenwirtschaft/Aussenwirtschaftsrecht/embargos.html>

ESTONJA

http://www.vm.ee/est/kat_622/

GREĊJA

<http://www.yplex.gov.gr/www.mfa.gr/en-US/Policy/Multilateral+Diplomacy/International+Sanctions/>

SPANJA

www.mae.es/es/MenuPpal/Asuntos/Sanciones+Internacionales

FRANZA

<http://www.diplomatie.gouv.fr/autorites-sanctions/>

IRLANDA

http://www.dfa.ie/un_eu_restrictive_measures_ireland/competent_authorities

ITALJA

<http://www.esteri.it/UE/deroghe.html>

ĊIPRU

<http://www.mfa.gov.cy/sanctions>

LATVJA

<http://www.mfa.gov.lv/en/security/4539>

LITWANJA

<http://www.urm.lt>

LUSSEMBURGU

<http://www.mae.lu/sanctions>

UNGERIJA

http://www.kulugyminiszterium.hu/kum/hu/bal/Kulpolitibank/nemzetkozi_szankciok/

MALTA

http://www.doi.gov.mt/EN/bodies/boards/sanctions_monitoring.asp

OLANDA

<http://www.minbuza.nl/sancties>

AWSTRJA

http://www.bmeia.gv.at/view.php3?f_id=12750&LNG=en&version=

POLONJA

<http://www.msz.gov.pl>

PORTUGALL

<http://www.min-nestrangeiros.pt>

RUMANIJA

<http://www.mae.ro/index.php?unde=doc&id=32311&idlnk=1&cat=3>

SLOVENJA

http://www.mzz.gov.si/si/zunanja_politika/mednarodna_varnost/omejevalni_ukrepi/

SLOVAKKJA

<http://www.foreign.gov.sk>

FINLANDJA

<http://formin.finland.fi/kvyhteisty/pakotteet>

SVEZJA

<http://www.ud.se/sanktioner>

RENJU UNIT

www.fco.gov.uk/competentauthorities

Indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea:

Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej
Direzzjoni Ġenerali tar-Relazzjonijiet Barranin
Direzzjoni A. Struttura għall-Kriżijiet u Koordinazzjoni Politika tal-PESK
Rispons għall-kriżijiet u konsolidazzjoni tal-paċi
CHAR 12/108
B-1049 Brussell
Tel.: (32-2) 296.61.33/295.55.85
Fax: (32-2) 299.08.73

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 244/2008**tas-17 ta' Marzu 2008****li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jstipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

- (2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffixati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2008.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Marzu 2008.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

ANNEX

tar-Regolament ta' l-Kummissjoni tas-17 ta' Marzu 2008 li jstabilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur fiss ta' l-importazzjoni
0702 00 00	JO	60,6
	MA	62,6
	TN	120,5
	TR	95,3
	ZZ	84,8
0707 00 05	JO	178,8
	MA	90,4
	TR	145,1
	ZZ	138,1
0709 90 70	MA	96,9
	TR	106,4
	ZZ	101,7
0709 90 80	EG	238,6
	ZZ	238,6
0805 10 20	EG	44,7
	IL	59,3
	MA	47,5
	TN	52,8
	TR	50,7
	ZA	43,3
	ZZ	49,7
0805 50 10	EG	107,9
	IL	106,8
	SY	109,7
	TR	127,9
	ZA	147,5
	ZZ	120,0
0808 10 80	AR	93,7
	BR	86,8
	CA	98,7
	CL	102,2
	CN	85,4
	MK	43,9
	US	106,7
	UY	87,6
	ZA	69,5
	ZZ	86,1
	0808 20 50	AR
CL		86,3
CN		80,8
ZA		89,0
ZZ		84,3

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 245/2008

tas-17 ta' Marzu 2008

li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 1249/96 dwar regoli ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 f'dak li jirrigwarda d-dazji ta' l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 10(4) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 5(1), l-ewwel inċiż, il-punt b, tar-Regolament (KE) Nru 1249/96 tat-28 ta' Ġunju 1996 dwar regoli ta' applikazzjoni (dazju ta' l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92⁽²⁾ jipprovdi, fil-każ ta' l-importazzjoni ta' qamħ komuni ta' kwalità għolja, il-prinċipju ta' rabta [garanzija] speċifika addizzjonali fuq il-garanziji pprovduti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1342/2003 tat-28 ta' Lulju 2003 li jstabilixxi regoli speċjali u dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' ċereali u ross⁽³⁾. Din il-garanzija addizzjonali ta' 95 EUR it-tunnellata hija ġġustifikata mid-differenza bejn id-dazji doganali ta' l-importazzjoni fis-seħħ fuq il-kategoriji differenti tal-qamħ komuni, skond jekk ikunx qamħ ta' kwalità għolja jew ta' kwalità baxxa u medja.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2008⁽⁴⁾ issospenda temporanjament id-dazji doganali ta' l-importazzjoni għal ċerti ċereali għas-sena tas-suq 2007/2008, li tintemm fit-30 ta' Ġunju 2008, filwaqt li tippermetti li jerġgħu jiddaħħlu qabel din id-data jekk dan ikunu jiġġustifikawh il-kundizzjonijiet tas-suq.

(3) Is-sospensjoni temporanja tad-dazji doganali, li tapplika għall-importazzjonijiet magħmula abbażi ta' liċenzji ta' l-importazzjoni maħruġa mill-4 ta' Jannar 2008 skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1/2008, provviżorjament warrbet iċ-ċirkustanzi partikolari li ġġustifikaw l-

istabbiliment ta' sistema ta' garanziji speċifiċi addizzjonali fuq dawk inerenti fil-liċenzja ta' l-importazzjoni. Fid-dawl ta' dawn il-kundizzjonijiet ġodda applikabbli għall-importazzjoni tal-qamħ komuni wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1/2008, il-garanzija addizzjonali ta' 95 EUR it-tunnellata pprovduta bl-Artikolu 5(1), l-ewwel inċiż, il-punt b, tar-Regolament (KE) Nru 1249/96 ma għadhiex ġustifikata, sa l-istabbiliment mill-ġdid tad-dazji doganali ta' l-importazzjoni.

(4) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2008, din il-garanzija addizzjonali madankollu ġiet iddepożitata minn ċerti operaturi. Biex id-diffikultajiet finanzjarji għal dawn ta' l-aħħar ikunu limitati, jeħtieġ li jsir provvediment għar-rilaxx immedjat tal-garanzija msemmija.

(5) Jeħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1249/96 jiġi emendat skond dan.

(6) Biex ikun evitat li l-operaturi jkomplu jiddepożitaw il-garanzija addizzjonali, u fid-dawl tal-ħtieġa tar-rilaxx mill-aktar fis tal-garanziji ddepożitati wara l-4 ta' Jannar 2008, huwa f'loku li dan ir-Regolament jibda japplika minnufih.

(7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament jikkonformaw ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. B'deroga mill-Artikolu 5(1), l-ewwel inċiż, il-punt b, tar-Regolament (KE) Nru 1249/96, ir-rabta [garanzija] addizzjonali li għaliha tirreferi d-dispożizzjoni msemmija ma għandhiex tkun rikjesta matul il-perjodu tas-suspensjoni tad-dazji doganali ta' l-importazzjoni ta' ċerti ċereali li ddaħħlet bir-Regolament (KE) Nru 1/2008.

2. Il-garanziji addizzjonali msemmija fil-paragrafu 1 li kienu ddepożitati wara l-4 ta' Jannar 2008 għandhom ikunu rilaxxati immedjatament.

⁽¹⁾ ĠU L 270, 21.10.2003, p. 78. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 735/2007 (ĠU L 169, 29.6.2007, p. 6).

⁽²⁾ ĠU L 161, 29.6.1996, p.125. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1816/2005 (ĠU L 292, 8.11.2005, p. 5).

⁽³⁾ ĠU L 189, 29.7.2003, p. 12. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1996/2006 (ĠU L 398, 30.12.2006, p. 1).

⁽⁴⁾ ĠU L 1, 4.1.2008, p. 1.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Marzu 2008.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membri tal-Kummissjoni

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 246/2008

tas-17 ta' Marzu 2008

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1043/2005 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 f'dak li jirrigwarda s-sistema ta' rifiżjonijiet għall-esportazzjoni fuq xi prodotti agrikoli esportati fil-forma ta' prodotti li ma jaqgħux taħt l-Anness I tat-Trattat, u l-kriterji biex jiġi ffixxat l-ammont ta' dawn ir-rifiżjonijiet

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 1043/2005 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal kwistjonijiet orizzontali li jikkonċernaw il-kummerċ ta' prodotti agrikoli pproċessati mhux elenkati fl-Anness I,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 tas-6 ta' Diċembru 1993 li jstabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli ⁽¹⁾, u partikolarment l-ewwel sottoparagrafu ta' l-Artikolu 8(3) tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Billi:

L-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005 jinbidel b'dan li ġej:

(1) L-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1043/2005 ⁽²⁾ jagħmel referenza fid-dettall għall-frekwenza ta' l-iffissar tar-rati ta' rifiżjoni għall-prodotti bażiċi tar-Regolamenti msemmija fl-Artikolu 1(1) esportati fil-forma ta' prodotti mhux ta' l-Anness I.

"Artikolu 14

L-iffissar tar-rata ta' rifiżjoni, kif stipulat fl-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003 u d-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu tar-Regolamenti l-oħra msemmija fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament, għandhom jitwettqu kull xahar għal kull 100 kg ta' prodotti bażiċi.

(2) Ir-rifiżjonijiet jistgħu, skond ir-Regolamenti msemmija fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005, jingħataw meta l-kondizzjonijiet interni u esterni tas-suq hekk jiġġustifikaw. Fejn il-qagħda tas-suq ma tiġġustifikax l-għoti ta' rifiżjonijiet l-iffissar perjodiku jista' jiġi sospiż.

B'deroga mill-ewwel paragrafu:

(a) għall-prodotti bażiċi elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, ir-rifiżjoni tista' tiġi stabbilita skond skeda oħra ta' żmien iddeterminata skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 16(2) tar-Regolament (KE) Nru 3448/93;

(3) It-tieni sottoparagrafu ta' l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 3448/93 jagħmel referenza għall-istess proċedura għall-għoti ta' rifiżjonijiet fuq il-prodotti agrikoli kkonċernati meta jiġu esportati fl-istat mhux ipproċessat.

(b) ir-rata tar-rifiżjoni fuq il-bajd tat-tjur fil-qoxra, frisk jew ippreżervat, u bajd mhux fil-qoxra u isfar tal-bajd, adattat għall-konsum mill-bniedem, frisk, immnixxef jew ippreżervat mod ieħor, mhux miżjud biz-zokkor, għandha tkun stabbilita għall-istess perjodu bħal dik għar-rifiżjonijiet fuq dawk il-prodotti esportati mhux ipproċessati."

(4) Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni u armonizzazzjoni huwa xieraq li jiġi adattat l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005.

Artikolu 2

⁽¹⁾ ĠU L 318, 20.12.1993, p. 18. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2580/2000 (ĠU L 298, 25.11.2000, p. 5).

⁽²⁾ ĠU L 172, 5.7.2005, p. 24. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1496/2007 (ĠU L 333, 19.12.2007, p. 3).

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmula, fi Brussell, 17 ta' Marzu 2008.

Għall-Kummissjoni
Günter VERHEUGEN
Viċi President

II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

DEĊIŻIONIJET

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Marzu 2008

li jtemm il-proċediment *anti-dumping* li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' alkoħol polyvinyl li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u t-Tajwan u li jirrilaxxa l-ammonti assigurati permezz tad-dazji provviżorji imposti

(2008/227/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. MIŻURI PROVVIŻORJI

- (1) Fid-19 ta' Diċembru 2006, il-Kummissjoni ppubblikat avviż⁽²⁾ li jibda proċediment *anti-dumping* dwar l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' alkoħol polyvinyl (PVA) li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (RPĊ) u t-Tajwan. Fis-17 ta' Settembru 2007, il-Kummissjoni, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1069/2007⁽³⁾ ("ir-Regolament provviżorju") impona dazju provviżorju *anti-dumping* fuq PVA li joriġina mir-RPĊ. Fir-rigward tat-Tajwan, l-ebda miżuri provviżorji ma ġew imposti.
- (2) Kif kien stabbilit fil-premessa 13 tar-Regolament provviżorju, l-investigazzjoni ta' *dumping* u ħsara kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2005 sat-30 ta' Settembru

2006 ("IP"). Fir-rigward tat-tendenzi rilevanti għall-istima tal-ħsara, il-Kummissjoni analizzat id-*data* li tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2003 sat-tmiem il-perjodu ta' l-investigazzjoni ("perjodu meqjus").

B. PROĊEDURA SUSSEGWENTI

- (3) Wara d-deċiżjoni għall-impożizzjoni tad-dazji *anti-dumping* provviżorji fuq importazzjonijiet ta' PVA li joriġina mir-RPĊ u kontra l-impożizzjoni ta' dawn il-miżuri fuq l-importazzjonijiet mit-Tajwan, bosta partijiet interessati bagħtu kummenti bil-miktub. Il-partijiet li għamlu din it-talba ngħataw ukoll l-oportunità li jinstemgħu. Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika t-tagħrif kollu li qieset meħtieġ għas-sejbiet definittivi tagħha.
- (4) Il-Kummissjoni intensifikat l-investigazzjoni fir-rigward ta' l-aspetti ta' interess Komunitarju u eċċezzjonalment ippermettiet lill-utenti li jappartjenu lill-industrija tal-karta, settur importanti ta' utenti li ma kienx ikkoopera s'issa, biex jibagħtu tweġiba għall-kwestjonarju.
- (5) Il-partijiet kollha kienu infurmati bil-fatti essenzjali u l-kunsiderazzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom kien maħsub li jintemm il-proċediment li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' PVA li joriġina fir-RPĊ u t-Tajwan u li jiġu rilaxxati l-ammonti żgurati bis-saħħa tad-dazju provviżorju. Huma ngħataw ukoll perjodu biex iressqu rappreżentazzjonijiet wara dan il-kxif.
- (6) Il-kummenti orali u miktuba ppreżentati mill-partijiet interessati tqiesu u, fejn xieraq, is-sejbiet ġew immodifikati skond dawn.

⁽¹⁾ ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

⁽²⁾ ĠU C 311, 19.12.2006, p. 47.

⁽³⁾ ĠU L 243, 18.9.2007, p. 23.

Ċ. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

(7) L-istess utent Komunitarju msemmi fil-premessa 16 tar-Regolament provviżorju tenna u elabora iżjed l-argumenti tiegħu għall-esklużjoni mill-ambitu tal-prodott ta' ċertu grad ("il-grad ikkontestat") li huwa sejjaħ "NMWD PVA bi ftit irmied" u li xtara, *inter alia*, mir-RPĊ. Dan l-udent allega (i) li l-Kummissjoni ma kinitx tat biżżejjed raġunijiet għall-kunsiderazzjoni li l-grad ikkontestat kien jaqsam il-karatteristiċi bażiċi fiżiċi u tekniċi bil-grad i-oħrajn jidħlu fl-ambitu tad-definizzjoni tal-prodott u barra minn hekk insista (ii) li dan il-grad kellu użi aħħarija speċifiċi ħafna. Barra minn hekk, huwa sostna (iii) li l-grad ikkontestat, skond l-udent, kien co-polymer u għalhekk ma jaqax fl-ambitu tal-prodott.

(8) Qabel ma nidħlu fid-dettall tal-pretensjonijiet ta' l-udent, ta' min l-ewwel jinnota li l-kontenut ta' rmied fil-PVA huwa impurità; iktar ma l-livell ta' rmied ikun baxx, iktar ikun pur il-PVA. It-tieni nett, in-nozzjoni ta' "PVA bi ftit irmied" hija suġġettiva. Ma hemm l-ebda standard maqbul b'mod ġenerali għalih, li jfisser li kull produttur għandu l-limiti tiegħu biex jistabbilixxi jekk PVA għandux ftit irmied jew le. Instab li fil-prattika, dan jammonta għal differenzi sinifikanti: fost il-produtturi suġġetti għall-investigazzjoni l-limitu għal PVA bi ftit irmied jista' jvarja minn kontenut massimu ta' rmied ta' 0,09 % sa 0,5 %. L-udent ikkonċernat ma jkunx wieħed mill-iktar restrittivi, jiġifieri l-limitu ta' rmied tiegħu x'aktarx li jitqies mill-partijiet l-oħrajn bħala pjuttost għoli.

(9) Fir-rigward tal-kwistjonijiet imqajma minn din il-parti u msemmija fil-premessa 7 hawn fuq, dawn ġew ikkunsidrati serjament u jistgħu jiġu miġbura fil-qosor kif ġej.

(i) **il-grad ikkontestat ikollu karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi differenti**

(10) Ta' min ifakkar li l-karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi tal-prodott ikkonċernat kienu definiti provviżorjament fil-premessa (14) tar-Regolament provviżorju. Il-prodott ikkonċernat huwa definit hemmhekk bħala tip speċifiku ta' raża b'ċerti parametri tekniċi. Il-parametri msemmija f'din id-definizzjoni tal-prodott u użati biex jiddistingwu bejn il-prodott ikkonċernat u gradi oħrajn ta' PVA jirreferu għall-viskożità (3 mPas – 61 mPas, imkejla f'soluzzjoni ta' 4 %) u idroliżi (84,0 mol % - 99,9 mol %).

(11) Il-gradi kollha fid-definizzjoni tal-prodott xi kultant jissejħu gradi standard, li jfissru li jistgħu jkunu prodotti kollha flinja ta' produzzjoni PVA standard u l-ispejjeż tal-produzzjoni ta' dawn il-gradi huma simili. Il-kontra jiġri għall-gradi li jaqgħu fl-istess kodiċi NM imma li ma jidħlux fid-definizzjoni tal-prodott: ma jistgħux jiġu prodotti fil-linja ta' produzzjoni PVA standard, jeħtieġu teknoloġija ta' produzzjoni differenti u tagħmir addizzjonali, u l-ispiża tal-produzzjoni għalhekk tista' tkun differenti ħafna. Il-gradi mhux koprti mid-definizzjoni tal-

prodott ukoll għandhom proprjetajiet differenti ħafna meta mqabbla ma' dawk koprti mid-definizzjoni tal-prodott. F'dak li jikkonċerna l-grad ta' viskożità u idroliżi: (i) il-gradi ta' viskożità baxxa huma PVA b'piż molekulari baxx li diffiċli biex tittrattahom, *inter alia*, jirriżultaw fi produzzjoni baxxa, filwaqt li (ii) il-gradi ta' viskożità għolja, li wkoll diffiċli tittrattahom, jintużaw għall-kisi ta' karta tleqq, tip speċjali ta' applikazzjoni fejn irid jiġi evitat tikmix mhux volut li normalment jiffirma ruħu; (iii) l-idroliżi ta' grad għoli jintużaw primarjament għal dik l-applikazzjoni u (iv) gradi PVA bi idroliżi ta' grad baxx mhumiex ma jinħallux fl-ilma jew jiffirmaw soluzzjonijiet instabbli fl-ilma. Prodotti bħal dawn jintużaw essenzjalment għall-produzzjoni ta' PVC ta' sospensjoni u f'temperaturi elevati dawn il-prodotti ma jibqgħux fis-soluzzjoni.

(12) L-udent bagħat li biex tiproduci r-raża tal-PVB li jkun hemm bżonn għall-produzzjoni tal-PVB-film tiegħu, sitt karatteristiċi tal-PVA huma ta' importanza assoluta. Il-kumbinazzjoni tal-parametri għal dawn is-sitt karatteristiċi jagħmlu l-grad kontestat uniku meta mqabbel mal-PVA l-oħra kollha fis-suq. Fl-analiżi ta' din il-pretensjoni, instab li minnu li għal xi applikazzjonijiet l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jistgħu jkunu iktar riġidi minn għal oħrajn. Fl-istess ħin, madankollu, kien stabbilit li l-gradi kollha, inklużi l-gradi ta' komodità li jaqgħu fl-ambitu tal-prodott u xi kultant imsejħa "gradi standard", għandhom kombinazzjoni unika ta' karatteristiċi. Grad jintgħażel minn ieħor skond l-applikazzjoni mixtieqa. Dan mhux validu għall-applikazzjoni biss ta' l-udent ikkonċernat, imma għal applikazzjonijiet oħrajn ukoll. Għaldaqstant, din il-pretensjoni kellha tiġi miċħuda.

(ii) **il-grad ikkontestat ikollu użi aħħarija speċifiċi ħafna**

(13) L-udent ikkonċernat ikkontesta wkoll l-apprezzament tal-Kummissjoni tas-suq ta' l-udenti tal-PVA u allega speċifikament li s-suq ta' l-udenti tal-PVB ikun differenti ħafna. F'dan ir-rigward, kif kien diġà ġie indikat fir-Regolament provviżorju, l-udent uża dan il-grad ta' PVA għall-produzzjoni ta' PVB li huwa l-ikbar applikazzjoni fil-Komunità, responsabbli minn 25 % - 29 % tal-konsum ta' PVA, kif ukoll l-applikazzjoni li l-iktar qiegħda tikber minħabba ż-żieda qawwija fid-domanda għall-film PVB. Iktar tard fl-investigazzjoni, l-investigazzjoni wriet ukoll li kważi 90 % tal-PVB prodott fil-Komunità jintuża konsegwentement għall-produzzjoni ta' PVB-film, li hija wkoll l-applikazzjoni eventwali mill-udent ikkonċernat (imma mhux l-uniku produttur ta' PVB-film fil-Komunità). Għalhekk huwa kkonfermat, kif imsemmi fil-premessa 17 tar-Regolament provviżorju, li l-użu speċifiku ta' din il-parti interessata hija waħda mill-applikazzjonijiet ewlenin li, fid-dawl ta' l-importanza tagħha fis-suq, ma tistax tiġi kkaratterizzata bħala "mhux standard".

(14) Fir-rigward ta' l-użu speċifiku allegat, l-utent ikkonċernat argumenta wkoll li l-grad ikkontestat ma jistax ikun sostitwit minn mudelli oħrajn li juru dan l-użu aħħari speċifiku. F'dan ir-rigward, l-ewwel kien stabbilit li dan l-utent ma kienx qed jixtri esklussivament mill-produttur Ċiniż ikkonċernat u diġà kellu bosta sorsi alternattivi. Fil-fatt, waqt l-IP, 5 % tax-xirjiet tiegħu ta' PVA biss ġew minn dan is-sors li talab esklużjoni għalihom mill-produttur mir-RPĊ. Il-volumi mixtrija li jifdal ġew minn tliet produtturi oħrajn f'pajjiżi differenti. Barra minn hekk, kien stabbilit li għalkemm ħafna mill-grad l-oħrajn mibjugħa fis-suq Komunitarju ma setgħux effettivament jintużaw bħala alternattiva għall-grad ikkontestat, il-grad ikkontestat innifsu jista' jintuża f'applikazzjonijiet oħrajn, ukoll, u kien disponibbli fis-suq Komunitarju bi prezzijiet simili għal dawk ta' gradi oħrajn importati mir-RPĊ. Fid-dawl ta' li ntqal fuq, l-argument li l-grad ikkontestat ma jistax ikun sostitwit kellu jiġi miċħud.

(iii) **il-grad ikkontestat ikun co-polymer, mhux homopolymer**

(15) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji, l-utent sostna li PVA bi ftiit irmied ikun co-polymer u mhux homopolymer. Din il-pretensjoni hija bbażata fuq il-fatt li kieku jkun fih żewġ *building blocks*. Din il-kwistjoni kienet investigata u nstab li l-PVA huwa r-riżultat ta' polimerizzazzjoni homopolymeric inizjali. Madankollu, il-proċess ta' idroliżi sussegwenti dejjem huwa inkomplet (bejn 84,0 mol % u 99,9 mol %) u sa dak il-punt, u jista' jkun argumentat ukoll li l-PVA fih żewġ *building blocks* u jista' jissejjaħ co-polymer.

(16) Sabiex tiġi evitata kull konfużjoni, għalhekk tqies xieraq li tiġi ċċarata d-definizzjoni ta' l-ambitu tal-prodott determinata fir-Regolament provviżorju. Għalhekk, il-prodott ikkonċernat huwa definittivament definit bħala alkoħols polyvinyl co-polymeric (PVA) ibbażat fuq polimerizzazzjoni homopolymeric b'viskożità (imkejla f'soluzzjoni ta' 4%), ta' 3 mPas jew iżjed iżda mhux aktar minn 61 mPas u bi grad ta' idroliżi ta' 84,0 mol % jew iżjed imma mhux aktar minn 99,9 mol %, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u t-Tajwan u normalment iddikjarat fil-kodiċi NM ex 3905 30 00.

D. DUMPING

1. It-Tajwan

(17) Fir-rigward tat-Tajwan, ma ġew imposti l-ebda miżuri provviżorji, għax, kif intqal fil-premessi 29 u 30 tar-Regolament provviżorju, ma nstab l-ebda *dumping* provviżorju rigward importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mit-Tajwan.

(18) Kif intqal fil-premessa 30 tar-Regolament provviżorju, l-unika kumpanija Tajwaniża li kkooperat, Chang Chun

Petrochemical Co. Ltd. ("CCP") hija l-unika produttur esportatur tal-prodott ikkonċernat fit-Tajwan, u kienet responsabbli għal 100 % ta' l-esportazzjonijiet Tajwaniżi lejn il-KE matul il-perjodu investigattiv kif irrappurtat mill-Eurostat.

(19) Iż-żewġ produtturi Komunitarji, Kuraray Europe GmbH u Celanese Chemicals Ibérica S.L. sostnew li CCP kienet fil-fatt qiegħda tiddampja waqt l-IP, u talbu lill-Kummissjoni tirrikunsira s-sejbiet tagħha fir-rigward tad-determinazzjoni tad-*dumping* għal CCP.

1.1. Spejjeż tal-materja prima

(20) Iż-żewġ produtturi Komunitarji sostnew li l-ispiża tal-produzzjoni tas-CCP kienet ħafna ogħla minn dak li nstab mill-Kummissjoni, għax l-ispejjeż għal vinyl acetate monomer ("VAM"), li huwa l-materja prima użata fil-produzzjoni ta' PVA, kien sottovalutat. Huma enfasizzaw f'dan ir-rigward li l-fornitur ta' VAM ta' CCP huwa kumpanija relatata. B'appoġġ għall-argumenti tiegħu, produttur Komunitarju baġhat studju dwar in-negozju tal-PVA ta' CCP li sar minn kumpanija ta' konsulenza, kif ukoll pubblikazzjonijiet dwar il-prezzijiet internazzjonali ta' VAM.

(21) It-tagħrif li ntbagħat ġie eżaminat. Tqabbil bejn il-prezzijiet ta' VAM elenkati fil-pubblikazzjonijiet imsemmija hawn fuq u l-prezzijiet ivverifikati matul il-proċediment kemm fl-Ażja u fl-Ewropa kjarament juru li l-prezzijiet ippubblikati f'dawk il-pubblikazzjonijiet huma ħżiena. Barra minn hekk, il-pubblikazzjonijiet innifishom jistqarru li l-prezzijiet ippubblikati huma stimi, li l-prezzijiet proprji fis-suq jistgħu jkunu jew ogħla jew irħas u li l-aħjar użu għall-prezzijiet ippubblikati huwa bħala indiċi. Fil-fatt, minkejja li dawn il-prezzijiet jistgħu jintużaw għall-monitoraġġ tat-tendenzi matul iż-żmien, ma jidhrux li jirrappreżentaw il-prezzijiet proprji.

(22) Barra minn hekk, l-investigazzjoni wriet li l-bejgħ ta' VAM li sar mill-fornitur relatat ta' CCP sar bi prezzijiet konformi ma' dawk li talab mingħand il-klijenti mhux relatati tal-fornitur u li l-prezzijiet imħallsa għall-VAM minn CCP kienu konsistenti ma' dawk imħallsa minn produtturi oħrajn fl-Ażja, notevolment fil-Ġappun.

(23) Barra minn hekk, l-ispejjeż tal-VAM li jinsabu fl-istudju msemmi hawn fuq kienu bbażati fuq rata ta' konsum ta' VAM u mhux fuq dik proprja ta' CCP. Meta tqis li r-rata ta' konsum ta' VAM tiddependi mit-taħlita ta' PVA idrolizzati kompletament u parzjalment, ir-rata ta' konsum proprja ta' VAM minn CCP instab li kienet konsistenti ma' dik tal-produtturi l-oħrajn, kif ġie vverifikat, kemm fl-Ażja kif ukoll fil-Komunità, meta tqis it-taħlitiet ta' prodott rispettivi.

(24) Għar-raġunijiet dettaljati fil-premessi 20 sa 23 hawn fuq, kien konkluż għalhekk li l-ispejjeż VAM tas-CCP ma għewx sottovalutati u l-pretensjonijiet li jikkonċernaw din il-kwistjoni għalhekk għew miċħuda.

1.2. Spejjeż oħrajn

(25) Abbażi ta' l-ispejjeż li jinsabu fl-istudju msemmi hawn fuq, wieħed miż-żewġ produtturi Komunitarji sostna li appartni l-VAM, elementi oħrajn ta' spiża ta' l-ispiża ta' produzzjoni ta' PVA għal CCP, bħal dawk relatati ma' l-utilitajiet, *overheads* manifatturati oħrajn u SG&A, kienu sottovalutati. Madankollu, l-ebda evidenza speċifika ma ntbagħtet bħala appoġġ għall-istimi ta' l-ispejjeż li saru fl-istudju.

(26) Id-data proprja vverifikata għal CCP fuq il-post kienet eżaminata mill-ġdid u huwa kkonfermat li l-ispejjeż it-tajbin intużaw fil-kalkoli tad-*dumping*. Il-pretensjoni kienet għalhekk miċħuda.

1.3. Kalkolu tal-valur normali

(27) Produttur Komunitarju sostna li għal CCP, il-valur normali kellu jinħoloq għat-tipi kollha tal-prodott, minħabba li hemm sitwazzjoni partikolari tas-suq fis-suq Tajwaniż tal-PVA minħabba prezzijiet artifiċjalment baxxi partikolarment meta mqabbla mal-firxiet tal-prezzijiet ippubblikati għall-Ażja, u anke minħabba li l-parti l-kbira tal-bejgħ domestiku Tajwaniż saru lil klijenti relatati matul l-IP.

(28) Ma hemm effettivament l-ebda evidenza li fuq il-bażi tagħhom il-prezzijiet tal-bejgħ domestiċi Tajwaniżi għandhom jitqiesu bħala artifiċjalment baxxi. Il-prezzijiet PVA ppubblikati huma biss firxiet tal-prezz ta' natura ġenerali ħafna mogħtija għall-Ażja (eskluża ċ-Ċina) kollha kemm hi, mingħajr ma tispeċifika l-grad jew tipi tal-prodotti proprji maqjusa, u għalhekk ma jistgħu jintużaw għal ebda tqabbil tal-prezzijiet għat-Tajwan. Fuq din il-bażi, il-prezzijiet tal-bejgħ domestiċi Tajwaniżi ma jistgħux jitqiesu bħala artifiċjalment baxxi. Fir-rigward ta' l-allegat nuqqas ta' bejgħ domestiku suffiċjenti lil klijenti indipendenti, huwa kkonfermat li nstab bejgħ lil klijenti indipendenti fi kwantitajiet suffiċjenti biex jiġi determinat il-valur normali.

(29) L-istess produttur Komunitarju sostna wkoll li, minħabba sitwazzjoni tas-suq partikolari allegata minħabba prezzijiet artifiċjalment baxxi ta' PVA fis-suq Tajwaniż, il-profitt użat fil-valuri normali maħluqa għal CCP ma għandhomx ikunu bbażati fuq l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku.

(30) Għar-raġunijiet imsemija fil-premessa 28, ma hemm l-ebda raġuni l-għala l-profitt ibbażat fuq l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku ma jkunx xieraq għall-valuri normali maħluqa. Il-pretensjoni kienet għalhekk miċħuda.

(31) Il-partijiet interessati kienu infurmati bis-sejbiet ta' hawn fuq u ngħataw perjodu biex jagħmlu l-kummenti tagħhom. Ma wasal l-ebda tagħrif addizzjonali mill-produtturi Komunitarji jew kwalunkwe parti interessata oħra li jibdel id-determinazzjoni provviżorja ta' *dumping* għat-Tajwan.

(32) Fid-dawl ta' li ntqal fuq, huwa kkonfermat li l-marġini ta' *dumping* iddeterminat għat-Tajwan huwa ta' inqas minn 2 %, espress bħala perċentwali tal-prezz ta' esportazzjoni, kif imsemmi fil-premessa 29 tar-Regolament provviżorju. Għalhekk, skond l-Artikolu 9(3) tar-Regolament bażiku, il-proċediment preżenti għandu jintemm fir-rigward ta' importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mit-Tajwan.

2. Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("RPĊ")

2.1. Trattament ta' Ekonomija tas-Suq u Trattament Individwali

(33) Fin-nuqqas ta' kummenti fir-rigward tad-determinazzjonijiet ta' l-MET u l-IT, il-premessi 31 sa 39 tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

2.2. Il-pajjiż analogu

(34) Iż-żewġ produtturi Komunitarji, Kuraray Europe GmbH u Celanese Chemicals Ibérica S.L. tennew li l-Ġappun għandu jintgħażel bħala pajjiż analogu għar-RPĊ minflok it-Tajwan.

(35) Huma sostnew li l-Ġappun ikun pajjiż analogu iktar xieraq mit-Tajwan minħabba li l-kompetizzjoni fis-suq Ġappuniż tal-PVA huwa ferm iktar vigoruż minn dak tas-suq Tajwaniż: i) is-suq Tajwaniż huwa ddominat mill-uniku produttur Tajwaniż, CCP, filwaqt li fil-Ġappun hemm erba' produtturi; ii) l-importazzjonijiet ta' PVA li jaqgħu fl-ambitu ta' l-investigazzjoni fit-Tajwan huma limitati u iii) id-domanda domestika għall-prodott simili fit-Tajwan huwa baxx.

(36) Rigward l-allegata dominanza tas-suq ta' CCP fit-Tajwan, ta' min ifakkar li l-livell ta' kompetizzjoni huwa wkoll influwenzat minn importazzjonijiet u f'dan ir-rigward, kif diġà ntqal fil-premessa 46 tar-Regolament provviżorju, it-Tajwan għandha proporzjoni ikbar ta' importazzjonijiet f'termini ta' konsum domestiku (15 %) mill-Ġappun (3 %).

(37) Għall-pretensjoni li l-importazzjonijiet ta' PVA jirreferu l-iktar għal prodotti li ma jidħlux fl-ambitu tal-prodott ta' l-investigazzjoni, din l-allegazzjoni ma kinitx appoġġjata minn evidenza suffiċjenti u b'hekk ma setgħetx tkun aċċettata.

- (38) Fir-rigward tad-domanda allegatament limitata għall-prodott simili fit-Tajwan, ta' min jenfazzizza li s-suq domestiku Tajwaniż ta' PVA jaqbeż il-15 000 tunnellata, b'ħafna minnhom ikunu l-prodott simili. Barra minn hekk, għalkemm produttur Komunitarju sostna li hemm effettivament domanda limitata minħabba li ħafna mill-bejgħ ta' CCP isiru lil klijenti relatati, l-investigazzjoni kkonfermat il-kuntrarju. Għal dawn ir-raġunijiet, il-pretensjoni rigward id-domanda limitata għall-prodott simili kienet miċħuda.
- (39) Għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessi 36 sa 38 hawn fuq, il-pretensjoni li tirrigwarda kompetizzjoni insuffiċjenti fis-suq Tajwaniż kienet miċħuda.
- (40) Produttur Komunitarju sostna li kemm f'termini ta' produzzjoni kif ukoll f'ta' bejgħ, is-suq Ġappuniż ta' PVA huwa ferm iktar rappreżentattiv tas-suq tar-RPĊ milli t-Tajwan. Madankollu, anke jekk il-produzzjoni Tajwaniża u l-bejgħ domestiku huma inqas mill-produzzjoni u l-bejgħ domestiku fil-Ġappun, xorta jibqgħu sostanzjali biżżejjed biex isir tqabbil xieraq għall-PVA Ċiniż u l-esportazzjonijiet tiegħu lejn il-KE.
- (41) L-istess produttur Komunitarju stqarr ukoll li l-Ġappun ikun pajjiż analogu iktar adatt mit-Tajwan peress li fil-Ġappun jeżistu kemm produtturi integrati kif ukoll mhux integrati, b'hal fir-RPĊ. Madankollu, ta' min jinnota li, filwaqt li huwa minnu li fir-RPĊ jeżistu ż-żewġ tipi ta' produtturi, il-produttur Tajwaniż u l-uniku produttur Ġappuniż verifikat u li kkoopera għandu ż-żewġ proċessi ta' produzzjoni ta' PVA integrati. Għalhekk, dan l-aspett ma jistax ikun rilevanti fil-preferenza għall-Ġappun minflok it-Tajwan.
- (42) L-istess produttur Komunitarju sostna wkoll li t-taħlita tal-prodott u l-applikazzjonijiet ta' PVA fis-suq Ġappuniż huma iktar paragonabbli ma' daww fir-RPĊ. F'dan ir-rigward, huwa kkonfermat li t-taħlita tal-prodott u l-applikazzjonijiet fis-suq Tajwaniż huma tali li jggarantixxu kumparabilità proprja bejn il-PVA Tajwaniż u Ċiniż, filwaqt li ma hemm l-ebda evidenza li l-PVA Ġappuniż jiżgura kumparabilità aħjar.
- (43) Finalment, il-livell ta' kooperazzjoni fil-pajjiż magħżul huwa element importanti biex jiġi stabbilit valur normali affidabbli. Fil-Ġappun wieħed biss mill-erba' produtturi tal-prodott simili kkooperaw fl-investigazzjoni, filwaqt li fit-Tajwan id-*data* neċessarja kollha kienet disponibbli għall-pajjiż kollu, peress li t-Tajwan kien suġġett għall-investigazzjoni. Fil-fatt il-kumpanija Tajwaniża rappreżentat sehem mis-suq ħafna usa' fis-suq domestiku tagħha mill-uniku produttur Ġappuniż li kkoopera, b'hekk ippermetta valutazzjoni aħjar tal-valur normali.
- (44) Fid-dawl tar-raġunijiet dettaljati fil-premessi 36 sa 43 hawn fuq, il-pretensjoni taż-żewġ produtturi Komunitarji

li l-Ġappun huwa l-iktar pajjiż analogu xieraq għar-RPĊ kienet miċħuda u l-premessi 40 sa 46 tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

2.3. Il-valur normali

- (45) Produttur Komunitarju sostna li l-valur normali tal-pajjiż analogu, it-Tajwan, kellu jinħoloq għat-tipi kollha tal-prodotti, u l-profitt użat fil-valur normali maħluqa ma kellhomx ikunu bbażati fuq l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku, peress li hemm sitwazzjoni partikolari ta' suq fit-Tajwan minħabba prezzijiet artifiċjalment baxxi.
- (46) Madankollu, għar-raġunijiet dettaljati fil-premessi 28 sa 30 hawn fuq, dawn il-pretensjonijiet ġew miċħuda. Fid-dawl ta' dan, il-premessa 47 tar-Regolament provviżorju hija b'dan ikkonfermata.
- (47) Fin-nuqqas ta' kummenti fir-rigward tal-prezz ta' l-esportazzjoni, il-premessi 48 sa 50 tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

2.4. Il-prezz ta' l-esportazzjoni

2.5. Tqabbil

- (48) Fin-nuqqas ta' kummenti rigward it-tqabbil, il-premessa 51 tar-Regolament provviżorju hija b'dan ikkonfermata.

2.6. Il-marġini ta' dumping

- (49) Fin-nuqqas ta' kummenti rigward il-marġini ta' *dumping*, il-premessi 52 u 53 tar-Regolament provviżorju, li skondhom il-marġini ta' *dumping* mal-pajjiż kollu għar-RPĊ huwa ta' 10 %, huwa b'dan ikkonfermat

E. ĦSARA

1. Produzzjoni Komunitarja u Industrija Komunitarja

- (50) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni jew argument sostanzjat ġdid f'dan ir-rigward, il-premessi 54 sa 60 tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

2. Konsum Komunitarju

- (51) Fir-reviżjoni ta' l-informazzjoni statistika disponibbli mill-Eurostat u wara li ġiet ikkonfermata ma' l-informazzjoni disponibbli minn sorsi oħrajn, jidher li l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti kif stipulat fir-Regolament provviżorju kienu iktar milli ntqal, l-iktar fir-rigward ta' l-2003 (ara l-premessa 80 hawn taħt). Għalhekk ġie deċiż li din id-*data* tinbidel b'*data* mid-database ta' esportazzjoni ta' l-Istati Uniti. Wara l-aħħar żvelar ġie stabbilit ukoll li ċ-ċifri li jikkonċernaw l-importazzjonijiet ta' PVA Ċiniżi rrapportati mill-Eurostat kienu żbaljati u kellhom jiġu kkorreġuti (ara l-premessa 56 hawn taħt).

- (52) Iċ-ċifri ta' konsum kienu riveduti kif xieraq kif ġej:

	2003	2004	2005	IP
Konsum f'tunnellati	143 515	154 263	166 703	166 755
Indiċi (2003 = 100)	100	107	116	116

- (53) Dan juri li d-domanda għall-prodott ikkonċernat matul il-perjodu meqjus żdiedet b'16 %. Il-konklużjonijiet l-oħrajn, kif inġabru fil-qosor fil-premessa 64 tar-Regolament provviżorju jibqgħu validi.
- (54) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni jew argument sostanzjat ġdid f'dan ir-rigward, il-premessi 61 sa 64 tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati, bl-eċċezzjoni tal-premessa 61 u l-premessa 64 kif stabbiliti hawn fuq.

3. Importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati

- (55) Billi huwa kkonfermat li l-marġini ta' *dumping* għat-Tajwan huwa *de minimis*, l-importazzjonijiet li jorijinaw mit-Tajwan huma definittivament esklużi mill-istima tal-ħsara.
- (56) Wara l-aħħar żvelar, ċerti partijiet interessati esprimew dubji serji fir-rigward ta' l-affidabilità ta' ċifri ta' l-Eurostat fuq l-importazzjonijiet ta' PVA mir-RPĊ fl-2003. Il-kwistjoni kienet investigata u nstab li kien hemm rappurtar ħażin sinifikanti rigward dawk l-importazzjonijiet. Għaldaqstant, il-volumi ta' importazzjonijiet PVA mir-RPĊ ġew ikkoreġuti kif ġej:

Importazzjonijiet	2003	2004	2005	IP
Tunnellati tar-RPĊ	16 197	14 710	21 561	21 513
Indiċi (2003 = 100)	100	91	133	133

- (57) Minflok tnaqqis fl-importazzjonijiet Ċiniżi matul il-perjodu meqjus, kif ġie stabbilit fl-istadju provviżorju abbażi tad-*data* żbaljata ta' l-2003, l-importazzjonijiet mir-RPĊ żdiedu bi 33 % matul il-perjodu meqjus, filwaqt li waqgħu b'9 % fl-2004 meta mqabbla ma' l-2003.
- (58) Minħabba f'hekk u minħabba d-*data* tal-konsum Komunitarju rivedut (ara l-premessa 51 hawn fuq), is-sehem mis-suq ta' l-importazzjonijiet mir-RPĊ qiegħed jiġi mmodifikat skond dan tul il-perjodu meqjus kif ġej:

Sehem mis-suq tar-RPĊ	2003	2004	2005	IP
Suq Komunitarju	11,3 %	9,5 %	12,9 %	12,9 %
Indiċi (2003 = 100)	100	84	115	114

- (59) Is-sehem mis-suq ta' l-importazzjonijiet mir-RPĊ żdiedu b'1.6 punt perċentwali matul il-perjodu meqjus. Matul l-IP, l-importazzjonijiet Ċiniżi kienu responsabbli għal 12,9 % tas-suq Komunitarju kollu.
- (60) Fid-dawl tad-*data* ta' importazzjoni, il-prezzijiet ta' importazzjoni li jorijinaw mir-RPĊ kif deskritt fil-premessa 68 tar-Regolament provviżorju ġew immodifikati kif xieraq. Il-prezz medju ta' l-importazzjonijiet b'hekk naqsu bi 3 %.

Prezzijiet ta' l-unita'	2003	2004	2005	IP
RPĊ (EUR/tunnellata)	1 162	1 115	1 164	1 132
Indiċi (2003 = 100)	100	96	100	97

- (61) Wara żvelar definittiv, min għamel l-ilment bagħat li l-Kummissjoni ma kellha teskludi l-ebda mudelli li jaqblu mill-kalkolu ta' bejgħ taħt il-prezz. Huwa allega li b'hekk, il-prezzijiet Komunitarji ta' importazzjonijiet mir-RPĊ kienu jkunu drammatikament esaġerati. Fir-rigward ta' din il-kwistjoni, fil-premessa 70 tar-Regolament provviżorju huwa effettivament stipulat li għadd limitat ta' mudelli ("PCNs") kienu esklużi mit-tqabbil ta' bejgħ taħt il-prezz peress li tqies li t-tqabbil għal kull mudell kellu jkun sinifikanti u ġust u, għalhekk, l-ebda tqabbil bejn grad standard u grad speċjali li jaqa' fl-ambitu tad-definizzjoni tal-prodott ma għandu jitħalla jsir.
- (62) Il-PCNs ikkonċernati kienu responsabbli għal 34 % ta' l-importazzjonijiet Ċiniżi matul l-IP, imma l-industrija Komunitarja (mhux min għamel l-ilment) ipproduċiethom f'volumi żgħar ħafna, li jirrappreżentaw 0,1 % - 0,5 % tal-bejgħ tagħha tal-prodotti simili matul l-IP. Filwaqt li l-importazzjonijiet ta' PVA mir-RPĊ fi ħdan dawn il-PCNs ikkonċernaw PVA ta' grad standard, il-produttur Komunitarju ta' dawn il-PCNs bagħat lill-Kummissjoni li fil-każ tiegħu l-PCNs meqjusa kkonċernaw prodotti ta' speċjalità għolja għal użu f'applikazzjoni ta' inqas importanza li ma jistgħux jiġu sostitwiti minn PVA standard. Barra minn hekk, ma kinux ġew prodotti fil-linja ta' produzzjoni standard tiegħu imma fl-impjant ta' speċjalità tiegħu permezz ta' proċess ta' maniffaturazzjoni f'qabdi. Kien irrappurtat ukoll b'mod speċifiku mill-produttur tal-Kummissjoni kkonċernat li dan il-PVA ma kkompetiex mal-PVA standard. Għaldaqstant, ġie konkluż mill-Kummissjoni li għal dawn il-PCNs importati mir-RPĊ, li kienu PVA standard, ma kien hemm l-ebda gradi li jaqblu mibjugħa mill-industrija Komunitarja. Fid-dawl tal-fatt li l-kalkolu tal-bejgħ taħt il-prezz kien xorta għadu jista' jiġi bbażat fuq il-volumi rappreżentattivi (jiġifieri 54 % ta' l-importazzjonijiet ikkonċernati), kien deċiż li dawn il-PCNs jiġu esklużi mit-tqabbil.
- (63) Fuq dik il-bażi, u peress li s-sottomissjoni ta' min għamel l-ilment ma kien fiha l-ebda evidenza għall-kuntrarju, huwa kkonfermat li l-esklużjoni ta' dawn il-PCNs mill-kalkoli tal-bejgħ taħt il-prezz huwa ġġustifikat u l-pretensjoni hija, għalhekk, miċħuda.
- (64) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni jew argument sostanzjat ġdid f'dan ir-rigward, il-premessi 65 sa 71 tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati, bl-eċċezzjoni ta' l-importazzjoni Ċiniża u d-data dwar is-sehem mis-suq; kwistjonijiet li ġew indirizzati hawn fuq.

4. Il-qagħda ta' l-industrija Komunitarja

Ishma mis-suq fil-Komunità

- (65) Minħabba ċ-ċifri riveduti għall-konsum Komunitarju (ara l-premessa 51 hawn fuq), is-sehem mis-suq ta' l-industrija Komunitarja ġie mmodifikat skond dan tul il-perjodu meqjus kif ġej:

Sehem mis-suq ta' l-Industrija Komunitarja	2003	2004	2005	IP
Indiċi (2003 = 100)	100	101	96	103

- (66) Kif ġie konkluż fil-premessa 76 tar-Regolament provviżorju, l-industrija Komunitarja, f'termini ta' volumi ta' bejgħ, ibbenefikaw mid-domanda dejjem tikber fis-suq Komunitarju.

5. Konklużjoni dwar il-ħsara

- (67) Wara l-iżvelar tal-fatti essenzjali u l-kunsiderazzjonijiet li abbażi tagħhom ġie deċiż li jiġu imposti miżuri *anti-dumping* provviżorji, bosta partijiet sostnew li ħafna mill-indikaturi tal-ħsara żviluppaw pożittivament, b'hekk ma jkun hemm l-ebda ħsara. Waħda mill-partijiet interessati bagħtet ukoll li l-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija Komunitarja soffriet ħsara materjali fuq il-bażi biss tal-waqgħa fil-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja.
- (68) F'dan ir-rigward, ta' min ifakkar li, kif kien indikat fil-premessa 90 tar-Regolament provviżorju, minħabba d-domanda qawwija u dejjem tikber fis-suq Komunitarju. Madankollu, id-dipressjoni tal-prezzijiet fis-suq Komunitarju flimkien maż-żieda qawwija madwar id-dinja ta' l-ispejjeż tal-materja prima ewlenija wasslu għal żvilupp negattiv ta' l-indikaturi finanzjarji kollja bħall-profitabilità, ritorn mill-investment u l-fluss tal-kontanti. Dan huwa spjegat fid-dettall fil-premessi 84 u 85 tar-Regolament provviżorju. Għalkemm kif intqal fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, mhux wieħed jew iktar mill-fatturi ekonomiċi rilevanti li huma vvalutati f'dan ir-rigward neċessarjament ikunu ta' gwida deċiżiva, huwa ovvju li l-indikaturi finanzjarji jkunu fost l-indikaturi ewlenin. Dan l-argument, għalhekk, kellu jiġi miċħud.
- (69) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni jew argument sostanzjat ġdid dwar il-qagħda ta' l-industrija Komunitarja, il-premessi 72 sa 92 tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati, bl-eċċezzjoni tal-premessi 75 u 76 li ġew indirizzati hawn fuq.

F. IL-KAWŻALITÀ

1. L-effetti ta' l-importazzjonijiet li kienu oġġetti ta' dumping

- (70) Bosta partijiet interessati enfasizzaw is-sejba provviżorja li l-importazzjonijiet Ċiniżi waqgħu sew bejn l-2003 u l-2004. Huma sostnew li fid-dawl tal-fatt li fl-istess żmien, il-profitabilità ta' l-industrija Komunitarja ddeterjorat drammatikament bi 62 %, id-dipressjoni fil-prezz ma setgħetx tinħoloq mill-importazzjonijiet Ċiniżi.
- (71) F'dan ir-rigward, ta' min ifakkar li l-investigazzjoni kienet stabbiliet li l-importazzjonijiet mir-RPĊ kienu 3,3 % inqas mill-prezzijiet ta' l-industrija Komunitarja matul l-IP u li l-importazzjonijiet mir-RPĊ, matul il-perjodu meqjus, ġew

- (72) L-investigazzjonijiet kienet stabbiliet ukoll li kien hemm dipressjoni sinifikanti fil-prezz fis-suq. Id-dipressjoni tal-prezz kien ta' ħsara fid-dawl taż-żieda qawwija fl-ispejjeż tal-materja prima ewlenija matul l-istess perjodu, kif ġie elaborat fil-premessi 78 u 79 tar-Regolament provviżorju. Fid-dawl tal-kummenti li waslu, imsemmija fil-premessa 69 hawn fuq, l-iżvilupp tal-prezzijiet tal-materja prima matul il-perjodu meqjus kienet analizzata fuq bażi ta' sena b'sena. Kif imsemmi fil-premessa 78 tar-Regolament provviżorju, vinyl acetate monomer ("VAM") huwa l-materja prima ewlenija ta' PVA. Huwa responsabbli għal madwar 65 % ta' l-ispiża ta' manifattura ta' PVA. It-tabella ta' hawn taħt turi l-ispiża ta' VAM għal kull tunnellata ta' PVA matul il-perjodu meqjus:

Industrija Komunitarja	2003	2004	2005	IP
Spiża ta' VAM għal kull tunnellata ta' PVA				
Indiċi	100	107	119	130

- (73) Din l-analiżi wriet li fl-2004, iż-żieda fl-ispejjeż tal-materja prima kienet moderata meta mqabbla maż-żieda ta' dawn l-ispejjeż fl-2005 u l-IP. Fid-dawl ta' dan l-iżvilupp fil-prezzijiet tal-materja prima, li jidher l-aħjar mill-iżvilupp ta' l-ispejjeż ta' VAM hawn fuq, u li ma qablux sew max-xejra tal-profitabilità, il-konklużjoni tista' tkun li tnaqqis serju fil-profitabilità matul l-2004 kien ikkawżat iktar mit-tnaqqis ta' 7 % fil-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja, kif indikat fil-premessa 79 tar-Regolament provviżorju, milli miż-żieda fl-ispejjeż tal-materja prima.
- (74) Minħabba li ntqal fuq, l-ishma mis-suq fl-2004 ġew analizzati iktar f'termini assoluti kif ukoll imqabblin ma' l-2003 biex jiġi stabbilit jekk l-importazzjonijiet iddampjati, meħuda waħedhom, ħallew impatt materjali fuq il-ħsara. Ġie stabbilit li matul l-2004 l-industrija Komunitarja żiedet is-sehem mis-suq tagħha b'1 %. Fl-istess ħin, l-importazzjonijiet Ċiniżi tilfu 16 % tas-sehem mis-suq tagħhom. Ir-riżultat kien li matul l-2004, is-sehem mis-suq ta' l-industrija Komunitarja kien responsabbli għal iktar minn erba' darbiet is-sehem mis-suq tar-RPĊ. F'dawn iċ-ċirkostanzi, huwa meqjus diffiċli li d-dipressjoni tal-prezz tiġi attribwita fis-sena kruċjali

iddikjarati fil-fruntiera tal-Komunità bi prezzijiet orħos minn dawk miksuba mill-industrija Komunitarja. Id-differenza bejn il-prezzijiet ta' l-importazzjoni mir-RPĊ ta' l-Eurostat u l-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja tidher li hija iktar sinifikanti fl-2003 milli matul l-IP. Madankollu abbażi ta' analiżi bħal din, ma tista' toħroġ l-ebda konklużjoni fir-rigward tal-prezzijiet iktar baxxi fis-sni ta' qabel l-IP; marġini preċiżi u affidabbli ta' prezzijiet iktar baxxi jista' jiġi kkalkulat biss għall-IP peress li għandu jsir fuq il-baży ta' tqabbil mudell ma' mudell u filwaqt li jsir l-aġġustament xieraq għall-ispejjeż ta' (wara) l-importazzjoni u d-differenzi fil-livell tal-kummerċ. Data ta' din ix-xorta kienet disponibbli biss fl-IP. Għalhekk ma tista' tinħareġ l-ebda konklużjoni dwar jekk l-importazzjonijiet mir-RPĊ kinux irħas mill-prezzijiet ta' l-industrija Komunitarja matuq il-perjodu meqjus.

2004 lill-importazzjonijiet mir-RPĊ, peress li l-kwantitajiet tagħhom kienu relattivament baxxi u jonqsu sew.

- (75) Wara l-iżvelar definittiv, l-industrija Komunitarja argumentat li anke b'shem mis-suq baxx l-importazzjonijiet iddampjati rnexxielhom jikkawżaw xkiel kbir fis-suq, minħabba n-natura tan-negozju. Hija sostniet li l-Kummissjoni kienet targumenta li PVA huwa komodità, u l-aktar prezz baxx ikkwotat fis-suq sa ċertu punt jidde-termina l-prezz tas-suq, li produttori oħrajn ikollhom jaddattaw ruħhom għalih, jekk jixtiequ jżommu l-ordnijiet tagħhom. ta' min jiċċara li l-Kummissjoni, fid-dokument ta' żvelar definittiv, kienet ċitat biss pretensjoni ta' min għamel l-ilment mingħajr ma qablet miegħu. Min għamel l-ilment kompli jargumenta li din l-influenza allegata ta' importazzjonijiet mir-RPĊ fuq il-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja tintwera mix-xejra ta' tnaqqis fil-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja matul il-perjodu meqjus, filwaqt li l-prezzijiet tal-materja prima ewlenija, il-VAM, għolew ħafna. L-industrija Komunitarja sostniet li ma kinitx f'pożizzjoni li tgħaddi ż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima fuq il-klijenti minħabba il-prezzjoni qawwija fuq il-prezz ta' l-importazzjonijiet iddampjati li kienu jwasslu għal tnaqqis sinifikanti fil-profitabilità, ir-ritorn fuq l-investimenti u l-fluss tal-kontanti.

- (76) Madankollu, meta tħares lejn l-iżvilupp fiktar dettall, jidher li d-deterjorament konsiderevoli tal-qagħda finanzjarja ta' l-industrija Komunitarja ġara l-iktar mill-2004 sa l-IP. Fl-2003, meta l-importazzjonijiet mir-RPĊ kellhom sehem mis-suq ta' 11,3 % u l-prezzijiet tal-bejgħ ma varjawx wisq mis-snin ta' wara, l-industrija Komunitarja kellha rendiment sodisfaċenti, partikolarment f'termini ta' profittabilità. Din il-valutazzjoni hija appoġġjata mill-fatt li anke l-industrija Komunitarja kienet ikkaratterizzat (l-2002 u) l-2003 bħala sena "qabel ma kien hemm penetrazzjoni ewlenija ta' importazzjoni mill-importazzjonijiet iddampjati fis-suq Komunitarju". Dan kien ikkonfermat mis-sejbiet ta' l-investigazzjoni u għalhekk tqies fil-premessa 131 tar-Regolament provviżorju, li l-2003 kienet fil-fatt sena fejn kien hemm sitwazzjoni kompetitiva normali fis-suq Komunitarju. Dan ma ġiex ikkontestat minn ebda partijiet interessati u jissuġġerixxi li matul l-2003 d-distorzjonijiet fil-kummerċ, jekk kien hemm, kienu limitati. Fl-2004, mill-banda l-oħra, meta l-importazzjonijiet mir-RPĊ naqsu filwaqt li l-prezz tal-bejgħ tagħhom baqa' pjuttost stabbli, il-qagħda finanzjarja ta' l-industrija Komunitarja f'daqqa waħda ddeterjorat b'mod drammatiku.
- (77) Wara l-iżvelar definittiv, l-industrija Komunitarja sostniet li l-Kummissjoni teħtieġ b'mod żbaljat li l-importazzjonijiet iddampjati jkunu l-kawża prinċipali tal-ħsara. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-Kummissjoni ma htigix li l-importazzjonijiet iddampjati jkunu l-kawża prinċipali tal-ħsara. Fil-fatt, l-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku stipula li "l-volum u/jew il-livelli tal-prezzijiet (...) huma responsabbli għal impatt fuq l-industrija Komunitarja (...) u li dan l-impatt jeżisti sa grad li jagħmlu possibbli li jiġi kklasifikat bħala *materjali* (enfasi miżjuda)."
- (78) Analiżi ulterjuri tal-fatti kif stabbiliti matul l-investigazzjoni wrew li importazzjonijiet iddampjati, meħuda waħedhom, ħallew impatt fuq is-sitwazzjoni ta' ħsara ta' l-industrija Komunitarja, imma minħabba l-ishma ġenerali mis-suq limitati tagħha meta mqabbla ma' l-ishma mis-suq li qed jiżiedu ta' l-industrija Komunitarja u n-nuqqas ta' koinċidenza ċara fiż-żmien bejn l-importazzjonijiet iddampjati u l-iktar sitwazzjoni ta' ħsara ta' l-industrija Komunitarja, dan l-impatt mhux meqjus bħala materjali.
- (79) Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, ma jistax jiġi konkluż li l-importazzjonijiet iddampjati kellhom impatt fuq il-ħsara li soffriet l-industrija Komunitarja li jista' jiġi kklasifikat bħala materjali.

2. L-effetti ta' fatturi oħrajn

- (80) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji, inkiseb tagħrif li wera l-inkompletezza tad-*data* ta' l-Eurostat fir-rigward ta' l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti. Il-volumi rrapportati deħru li kienu baxxi wisq meta mqabbla mad-*data* ta' esportazzjoni mid-*database* ta' esportazzjoni ta' l-Istati Uniti imma wkoll ma' sorsi oħrajn. Id-*data* li tikkonċerna dawn l-importazzjonijiet għalhekk kellha tkun riveduta u nstab li kienet xierqa ħafna biex tissostitwihom mid-*data* miksuba mid-*database* ta' l-esportazzjoni ta' l-Istati Uniti, fejn il-valuri, maqlubin għall-Ewro, kienu aġġustati sew għal-livell fil-fruntiera Komunitarja CIF. L-impatt tal-volumi ta' importazzjoni riveduti mir-RPĊ fl-2003 fuq il-konsum Komunitarju kkalkulat affettwa wkoll l-ishma mis-suq ta' pajjiżi oħrajn f'dik is-sena. It-tabelli fil-premessa 97 tar-Regolament provviżorju għalhekk ġew emendati kif ġej:

Importazzjonijiet li joriġinaw minn pajjiżi terzi oħrajn (kwantità)

Importazzjoni (tunnellati)	2003	2004	2005	IP
L-Istati Uniti	19 804	26 663	25 771	26 298
Indiċi (2003 = 100)	100	135	130	133
Il-Ġappun	13 682	11 753	12 694	14 151
Indiċi (2003 = 100)	100	86	93	103
It-Tajwan (firxiet)	11 000-14 000	13 000-16 500	10 000-13 000	9 000-12 000
Indiċi (2003 = 100)	100	118	88	83

Importazzjonijiet li joriġinaw minn pajjiżi terzi oħrajn (prezz medju)

Prezz medju (EUR)	2003	2004	2005	IP
L-Istati Uniti	1 308	1 335	1 446	1 416
Indiċi (2003 = 100)	100	102	111	108
Il-Ġappun	1 916	1 532	1 846	1 934
Indiċi (2003 = 100)	100	80	96	101
It-Tajwan	1 212	1 207	1 308	1 302
Indiċi (2003 = 100)	100	100	108	108

L-ishma mis-suq

Sehem mis-suq (%)	2003	2004	2005	IP
L-Istati Uniti (%)	13,8	17,3	15,5	15,8
Il-Ġappun (%)	9,5	7,6	7,6	8,5
It-Tajwan (indiċi)	100	109	76	71

- (81) Meta mqabbel mar-Regolament provviżorju, id-differenza ewlenija tikkonsisti fil-kwantitajiet ta' l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti u t-tendenza tista' tiġi osservata rigward dawk l-importazzjonijiet. Fil-fatt, tul il-perjodu meqjus, kien hemm żieda kemm kemm fl-importazzjonijiet ta' PVA mill-Istati Uniti biss, jiġifieri żieda ta' 2 punti perċentwali f'termini ta' sehem mis-suq filwaqt li kien hemm konklużjoni żbaljata fir-Regolament provviżorju li kienu rduppjaw tul dak il-perjodu. Barra minn hekk, il-prezzijiet fil-fruntiera tal-Komunità CIF ta' dawn l-importazzjonijiet jidhru li huma ġeneralment ogħla minn dawk konklużi provviżorjament bi prezzijiet li kienu 4,3 % ogħla matul l-IP. Il-konklużjonijiet l-oħrajn fir-rigward ta' dawn l-importazzjonijiet, kif miġbura fil-qosor fil-premessa 98 tar-Regolament provviżorju, jibqgħu validi.
- (82) B'referenza għall-premessi 97 u 99 tar-Regolament provviżorju, bosta partijiet interessati esprimew dubji serji dwar l-affidabilità tal-prezzijiet ta' l-Eurostat ta' l-importazzjonijiet Ġappuniżi, peress li l-prezzijiet medji ta' l-unità ta' dawn l-importazzjonijiet kien ogħla b'mod sinifikanti mill-prezzijiet ta' l-unità tal-PVA minn sorsi oħrajn. Parti interessata sostniet li l-prezz medju għoli tal-bejgħ jista' jkun ġej minn inklużjoni żbaljata ta' prodotti oħrajn iktar għaljin, bħall-PVB. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġi enfasizzat li din id-data kienet ġiet investigata fid-dettall u li fuq il-bażi ta' dik l-analiżi ġie konkluż, kif indikat fil-premessa (99) tar-Regolament provviżorju, li l-importazzjonijiet Ġappuniżi ma setgħux jikkontribwixxu għax-xejra negattiva fil-prezz li wasslet għad-deterjorament serju tal-qagħda finanzjarja ta' l-industrija Komunitarja. Għall-kompletezza u ċ-ċarezza, se tingħata hawn taħt taqsira ta' din l-analiżi.
- (83) Eżami ulterjuri tad-data ta' l-Eurostat li jikkonċerna l-importazzjonijiet mill-Ġappun ikkonferma li ma inkluda l-ebda prodotti ħlief il-PVA u li, b'hekk, id-data ma kinitx minfuħa bi prodotti iktar għaljin. Barra minn hekk, kif kien diġà indikat fl-ilment, l-importazzjonijiet Ġappuniżi tal-PVA inkludew ċerti kwantitajiet limitati ta' PVA ħlief il-prodott simili, bi probabbilment prezzijiet ta' unità sinifikament ogħla. Fil-valur medju maħdum għal importazzjonijiet Ġappuniżi, ibbażat fuq id-data statistika, l-influenza tal-prezzijiet ta' dawn il-gradji l-oħrajn ta' PVA ma setgħux jiġu nnewtralizzati peress li din id-data ma tidistingwix il-prodott simili minn gradji oħrajn ta' PVA. Madankollu, meta jitqiesu l-volumi approssimattivi ta' importazzjonijiet ta' din ix-xorta, abbażi tad-data fl-ilment, u fid-dawl tal-prezz medju maħdum għall-importazzjonijiet Ġappuniżi kollha ta' PVA matul l-IP, kien ġie stabbilit li jkun improbabbli ħafna li l-esklużjoni tal-gradji tal-PVA li ma jaqgħux fl-ambitu tad-definizzjoni tal-prodott jirriżultaw fi prezz fil-fruntiera tal-Komunità CIF medju tal-prodott simili, li jkun inqas mil-livell tal-prezz tal-bejgħ Komunitarju matul l-IP. Barra minn hekk, madwar 25 % ta' l-importazzjonijiet Ġappuniżi matul l-IP jistgħu jkunu vverifikati u jikkonċernaw gradi ta' PVA li jaqgħu fl-ambitu tal-prodott. Dan il-bejgħ sar lil partijiet relatati, jiġifieri fi prezzijiet ta' trasferiment, u nstab li l-prezz tal-bejgħ mill-ġdid ta' dawn ix-xirjiet lill-ewwel klijenti indipendenti fil-Komunità kien medja ta' 8 % - 10 % iktar mill-prezzijiet li setgħet tikseb l-industrija Komunitarja. Għalhekk il-konklużjoni kienet u huwa kkonfermat li ma hemm l-ebda indikazzjonijiet li l-importazzjonijiet Ġappuniżi ta' PVA, matul l-IP, kienu inqas mill-prezzijiet ta' l-industrija Komunitarja u, għaldaqstant, mhumiex meqjusa li kkontribwew għall-ħsara mġarrba mill-industrija Komunitarja.
- (84) Bosta partijiet interessati staqsew ukoll kif l-importazzjonijiet Ġappuniżi mnexxielhom iżommu sehem qawwi mis-suq bi prezzijiet daqshekk għaljin, li kien hemm kompetizzjoni qawwija fil-prezzijiet fis-suq Komunitarju. F'dan ir-rigward, ta' min l-ewwel jinnota, kif imsemmi fil-premessa 83 hawn fuq, li l-inklużjoni ta' gradi oħrajn iktar għaljin ta' PVA ċertament għollew il-valuri medji ta' l-Eurostat tal-prezzijiet ta' importazzjoni Ġappuniżi. Abbażi tad-data vverifikata li tappartjeni għal madwar 25 % ta' l-importazzjonijiet Ġappuniżi, il-prezzijiet medji ta' dawn l-importazzjonijiet għall-ewwel klijent indipendenti fil-Komunità jidhru minflok li huma ta' 8 % - 10 % ogħla mill-prezzijiet ta' l-industrija Komunitarja. Dan mhux ir-riżultat ta' tqabbil preċiż bejn gradi identiċi; minflok dan huwa id-differenza probabbli u approssimattiva fil-prezz bejn il-prezzijiet medji tal-bejgħ ta' parti mill-importazzjonijiet Ġappuniżi u l-prezz medju tal-bejgħ miksub mill-industrija Komunitarja. Fuq dik il-bażi, ir-riżultat ta' l-analiżi tal-prezzijiet ta' l-importazzjoni Ġappuniżi ma jikkontradixx il-konklużjoni li l-prezzijiet tas-suq fil-Komunità kienu dipressi, u l-argument huwa miċħuda.
- (85) Parti interessata sostniet li l-volumi ta' l-importazzjonijiet Tajwaniżi żdiedu mill-2003 sa l-2006, kuntrarjament għas-sejbiet tal-Kummissjoni ta' tnaqqis fis-sehem mis-suq, u li l-prezzijiet medji ta' dawn l-importazzjonijiet żdiedu b'inqas minn dak li sabet il-Kummissjoni. Din il-pretensjoni kienet ibbażata fuq analiżi tad-data ta' l-Eurostat. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li, kif indikat fil-premessa 100 tar-Regolament provviżorju, intużaw iċ-ċifri proprji ta' l-uniku produttur Tajwaniż peress li koopera fis-sħiħ fl-investigazzjoni. Din id-data vverifikata tqieset iktar affidabbli mid-data ta' l-Eurostat, speċjalment peress li dan il-produttur, matul il-perjodu meqjus, biegħ ukoll kwantitajiet sinifikanti ta' PVA li kienu koperti mill-kodiċi NM ex 3905 30 00 imma li ma jaqgħux fl-ambitu tad-definizzjoni tal-prodott. Il-pretensjoni ta' din il-parti interessata, għalhekk, kellha tiġi miċħuda.

- (86) Parti interessata oħra sostniet, fid-dawl ta' l-analiżi tal-Kummissjoni tal-prezzijiet ta' importazzjoni mill-Istati Uniti li l-importazzjonijiet Tajwaniżi kienu kkontribwew għad-dipressjoni fil-prezz tas-suq Komunitarju. Hija allegat li għall-fini li jinħadmu l-prezzijiet medji lill-ewwel klijent indipendenti, il-Kummissjoni aġġustat 'il fuq il-prezzijiet ta' importazzjoni mill-Istati Uniti ta' l-Eurostat, li diġà kienu ogħla mill-prezzijiet Tajwaniżi, u ladarba ġew aġġustati, dawn il-prezzijiet ġew fl-istess livell ġenerali tal-prezzijiet ta' l-industrija Komunitarja. Għalhekk, il-prezzijiet Tajwaniżi, li ma jeħtieġu l-ebda aġġustament, ikunu inqas mill-prezzijiet ta' l-industrija Komunitarja u jkkontribwixxu għall-ħsara mġarrba mill-industrija Komunitarja.
- (87) Din il-pretensjoni kellha tiġi miċħuda. Fil-fatt, il-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet Tajwaniżi fil-premessi 97 u 100 tar-Regolament provviżorju huma l-prezzijiet fil-livell tal-fruntiera Komunitarja CIF. Għall-fini tal-kalkoli mnaqqsa, saru għadd ta' aġġustamenti lil dawk il-prezzijiet (dazju ta' l-importazzjoni, spejjeż ta' wara l-importazzjoni, livell tal-kummerċ). F'dan il-każ, il-livell ta' l-aġġustament tal-kummerċ kien sinifikanti peress li virtwalment il-bejgħ kollha saru permezz ta' negozjanti/distributori fil-Komunità. Il-kalkoli mnaqqsa sussegwenti jistgħu mbagħad isiru fil-livell ta' PCN, b'hekk jirriżultaw f'ċifri preċiżi ħafna li ma wrewx tnaqqis.
- (88) Bosta partijiet interessati sostnew li l-waqgħa fil-profittabilità nħolqot mill-industrija Komunitarja nnifisha. Huma sostnew li minħabba l-ħolqien ta' kapaċità żejda ta' produzzjoni fl-2004, l-industrija Komunitarja sabet ruħha kkonfrontata minn kwantitajiet addizzjonali ikbar ta' PVA prodott li kellha tbiegħ. Dawn il-partijiet argumentaw li min ilmenta stess kien għalhekk għamel użu minn politika aggressiva li jbaxxi l-prezzijiet għal taħt dawk tal-fornituri ta' PVA l-oħrajn kollha bil-ħsieb li jimmassimizza l-volumi tal-bejgħ tiegħu u jeskludi kompetituri oħrajn mis-suq. Skond dawn il-partijiet, dan jispjega t-tnaqqis fil-prezzijiet tal-PVA matul il-perjodu meqjus. Huma qiesu li l-produtturi Ċiniżi segwew il-prezzijiet u mhux stabbilewhom.
- (89) Rigward dan l-argument, l-investigazzjoni wriet tassew li l-investimenti li saru mill-industrija Komunitarja biex iżżid il-kapaċità ta' produzzjoni ppermettew lill-industrija Komunitarja li jbiegħu kwantitajiet addizzjonali sinifikanti fis-suq Komunitarju. Dan il-fatt juri, minn banda, li d-deċiżjoni li jsir dan l-investment kienet deċiżjoni għaliġa fit-termeni tat-tkabbir fis-suq mistenni. Il-konsum ta' PVA fis-suq Komunitarju żdied sew matul il-perjodu meqjus, kif spjegat fil-premessi 51 sa 53 hawn fuq, u dan wassal għal żieda fil-bejgħ ġenerali. Barra minn hekk, analiżi ta' *data* ta' wara l-IP (Lulju 2006 sa Settembru 2007) rigward il-konsum Komunitarju u l-bejgħ ibbażat fuq *data* ta' l-Eurostat u ċ-ċifri pprovdoti minn partijiet suġġetti għall-investigazzjoni kkonfermaw li l-konsum żdied b'mod sinifikanti u li l-industrija Komunitarja kompliet iżżid il-volumi tal-bejgħ tagħha b'10 %.
- (90) Fl-istess ħin, madankollu, kien stabbilit mill-investigazzjoni li impjant tal-PVA għandu jipproduċi kontinwament biex jimmassimizza l-effiċjenza. Dan kien ukoll il-każ għall-industrija Komunitarja. L-investigazzjoni wriet li minħabba l-espansjoni tal-kapaċità li saret mill-2004 sa l-2006, il-volumi ta' produzzjoni żdiedu b'mod sinifikanti mill-2004. L-industrija Komunitarja, wara żvelar definittiv, argumentat li l-linja ta' produzzjoni PVA addizzjonali kien disponibbli biss mill-2005 u li, b'hekk, ma kellhom l-ebda kapaċità addizzjonali fl-2004. Madankollu, l-investigazzjoni wriet li matul l-2004 l-kapaċità ta' produzzjoni kienet 7 % ogħla meta mqabbla ma' l-2003. Fl-istess ħin, l-industrija Komunitarja naqqset il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha b'7 % u fl-2005, meta l-kapaċità ta' produzzjoni kienet laqgħet il-129 % tal-kapaċità matul l-2003, il-prezzijiet kienu għadhom 5 % taħt il-livell ta' l-2003, minkejja ż-żieda qawwiya fl-ispiża tal-materja prima kif indikat fil-premessa 72 hawn fuq (+ 19 % għal VAM). Intant, l-industrija Komunitarja żiedet il-volumi tal-bejgħ tagħha għall-klijenti indipendenti bi 12 % u kompliet iżżid dak il-bejgħ b'10 punti perċentwali oħra fl-2005. Abbażi ta' dan, jidher li jista' jkun hemm relazzjoni bejn il-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja u l-kwantità ta' PVA prodott.
- (91) Żewġ partijiet interessati argumentaw li l-investment fil-produzzjoni kien ikkawża l-iżvilupp negattiv ta' l-indikaturi finanzjarji ewlenin, peress li l-ispiża tiegħu kien ta' piż kbir fuq il-profittabilità ta' l-industrija Komunitarja. F'dan ir-rigward, l-investigazzjoni stabbiliet, kif imsemmi fil-premessa 103 tar-Regolament provviżorju, li l-ispejjeż involuti mill-espansjoni tal-kapaċità ta' produzzjoni jistgħu jkunu identifikati u li ma influwenzawx b'mod sinifikanti x-xejra drammatikament negattiva osservata fl-iżvilupp tal-qagħda finanzjarja ta' l-industrija Komunitarja. Il-pretensjoni li dawn l-ispejjeż ikkawżaw id-deterjorament qawwi ta' l-indikaturi finanzjarji l-iktar importanti ta' l-industrija Komunitarja, għalhekk, trid tiġi miċħuda.
- (92) Parti interessata sostniet li l-ipprezzar tal-bejgħ għal użu kattiv kien jinfluwenza negattivament iċ-ċifri tal-profittabilità ta' min għamel l-ilment. F'dan ir-rigward ta' min jinnota li l-bejgħ ta' PVA lil partijiet interessati ġew i-verifikati fil-fond. L-ewwel nett, dan il-bejgħ kien iżolat mill-bejgħ lil partijiet mhux relatati. Għaldaqstant mhumiex inklużi fl-indikaturi finanzjarji stipulati fil-premessi 84 u 85 tar-Regolament provviżorju, kif imsemmi speċifikatament fil-premessa 84. It-tieni nett, il-verifika tal-bejgħ għal użu kattiv wera li l-ipprezzar ta' dan il-bejgħ, li rrappreżenta inqas minn 20 % tal-bejgħ totali ta' l-industrija Komunitarja matul l-IP, ma kellux impatt negattiv fuq ir-riżultat irrappurtat fuq il-bejgħ ta' PVA mill-industrija Komunitarja lil partijiet interessati. Il-pretensjoni kienet għalhekk miċħuda.

(93) Parti interessata oħra sostniet li s-suq allegatament dipress tal-kostruzzjoni fil-Ġermanja matul l-ewwel snin għall-perjodu meqjus kien jikkawża l-iżvilupp negattiv ta' l-indikaturi finanzjarji ewlenin ta' l-industrija Komunitarja. Madankollu, ma tressqet l-ebda evidenza li turi dan u d-data statistika turi biċ-ċar xejra ta' żieda fil-konsum ta' PVA u xejra terġa' iktar qawwija ta' żieda fil-konsum ta' PVB. L-argument, għalhekk, kellu jiġi miċħud.

(94) Wara żvelar definittiv, l-industrija Komunitarja sostniet li b'fokus fuq l-2003 u l-2004, ma saret l-ebda analiżi ta' kawżalità suffiċjenti tas-snin 2004 sa 2006. F'dan ir-rigward ta' min jinnota l-ewwel li l-2003 u l-2004 huma l-ewwel sentejn tal-perjodu meqjus u għalhekk ċertament li ma jistgħux jitqiesu bħala "skaduti". Barra minn hekk, kif intqal fil-qosor fil-premessa 91 tar-Regolament provviżorju, il-grupp ta' indikaturi li juru ħsara huma l-indikaturi finanzjarji filwaqt li ħafna mill-indikaturi l-oħrajn juru żvilupp pożittiv. F'sitwazzjoni bħal din huwa raġjonevoli li l-awtorità investigattiva tagħti iktar attenzjoni għall-perjodu meta l-indikaturi finanzjarji ddeterjoraw l-iktar, li inzerata kien l-2004 meta l-profitabilità ta' l-industrija Komunitarja naqset bi 62 %, l-ROI tiegħu naqas bi 83 %, u l-fluss tal-kontanti naqas b'45 %. Finalment, kif urew il-premessi 70-93 hawn fuq, huwa meqjus li l-analiżi tal-kawżalità mhix limitata fis-snin 2003 u 2004 u tkopri l-perjodu meqjus kollu, jiġifieri mill-2003 sa tmiem l-IP (Settembru 2006). Il-pretensjoni hija, għalhekk, miċħuda.

3. Il-konklużjoni dwar il-kawżalità

(95) B'konklużjoni, wara analiżi ulterjuri mnedija mill-kummenti li waslu wara l-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji, ma jistax jiġi kkonfermat li l-importazzjonijiet iddampjati ħallew impatt materjali fuq il-ħsara ta' l-industrija Komunitarja. Minħabba (i) is-sehem mis-suq relattivament limitat u li qed jiżdied biss kemm kemm, ta' l-importazzjonijiet iddampjati mir-RPĊ (minn 11,3 % għal 12,9 %) u s-sehem mis-suq ferm iktar importanti u li qed jiżdied kemm kemm, tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja (matul l-IP iktar minn tliet darbiet is-sehem mis-suq tar-RPĊ) u (ii) il-bejgħ bi prezz baxx limitat, anke jekk mhux insinifikanti, li sar mill-importazzjonijiet mir-RPĊ, jista' jiġi konkluż li l-prezzijiet baxxi fis-suq Komunitarju fil-kuntest ta' prezzijiet tal-materja prima dejjem jiżdiedu, li kkontribwew bil-qawwi għall-ħsara mġarrba mill-industrija Komunitarja, ma jistgħux jiġu attribwiti lill-importazzjonijiet iddampjati mir-RPĊ. Ir-rabta kawżali fl-ambitu tat-tifsira ta' l-Artikolu 3(6) u 3(7) tar-Regolament bażiku bejn l-importazzjonijiet iddampjati mir-RPĊ

u l-ħsara materjali mġarrba mill-industrija Komunitarja ma setgħetx għalhekk tiġi stabbilita b'mod suffiċjenti.

Ġ. KONKLUŻJONI

(96) Il-proċediment għandu għalhekk jintemm, peress li l-marġini ta' *dumping* għat-Tajwan huwa inqas minn 2 % u minħabba n-nuqqas ta' evidenza għal rabta kawżali bejn id-*dumping* u l-ħsara fejn jidħlu l-importazzjonijiet li joriġinaw mir-RPĊ.

TIDDEĊIEDI:

Artikolu 1

Il-proċediment *anti-dumping* li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' alkoħols polyvinyl co-polymeric (PVA) ibbażat fuq polimerizzazzjoni homopolymERIC b'viskożità (imkejla f'soluzzjoni ta' 4 %), ta' 3 mPas jew iżjed iżda mhux aktar minn 61 mPas u bi grad ta' idroliżi ta' 84.0 mol % jew iżjed imma mhux aktar minn 99,9 mol % li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM ex 3905 30 00 u li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u t-Tajwan, huwa b'dan mitmum.

Artikolu 2

Ammonti li nġabru permezz ta' dazji *anti-dumping* provviżorji skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1069/2007 fuq l-importazzjonijiet ta' alkoħol polyvinyl f'għamla ta' reżina homo-polymer b'viskożità (imkejla f'soluzzjoni ta' 4 %) ta' 3 mPas jew iżjed iżda mhux aktar minn 61 mPas u bi grad ta' idroliżi ta' 84,0 mol % jew iżjed imma mhux aktar minn 99,9 mol %, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 3905 30 00 (kodiċi TARIC 3905 30 00 20) u li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għandhom jiġu rilaxxati.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 17 ta' Marzu 2008.

Għall-Kummissjoni

Peter MANDELSON

Membre tal-Kummissjoni

III

(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2008/228/PESK

tas-17 ta' Marzu 2008

li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2006/304/PESK dwar it-twaqqif ta' Grupp ta' Ppjanar ta' l-UE (Eupt Kosovo) fir-rigward ta' operazzjoni, eventwalment possibbli, ta' l-UE ta' l-immaniġġar ta' kriżi fil-qasam ta' l-istat ta' dritt u possibbilment f'oqsma oħra fil-Kosovo

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Artikolu 1

L-Azzjoni Konġunta 2006/304/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

Billi:

(1) L-Artikolu 7 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

(1) Fl-10 ta' April 2006 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2006/304/PESK ⁽¹⁾.

"Artikolu 7

Stati Terzi mistiedna jikkontribwixxu għall-EULEX KOSOVO skond l-Artikolu 13 ta' l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/124/PESK ta' l-4 ta' Frar 2008 dwar il-Missjoni ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO (*) jistgħu jiġu mistiedna jiskjeraw persunal issekondat lill-EUPT Kosovo, kif meħtieġ, dment li huma jħallsu l-ispejjeż tal-persunal issekondat minnhom, inklużi l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar lejn u mill-post ta' l-iskjerament, is-salarji, il-kopertura medika u l-allowances. Eċċezzjonalment, u f'każi-jiet debitament iġġustifikati fejn ma hemm disponibbli l-ebda applikazzjoni kkwalfikata mill-Istati Membri, ċittadini minn Pajjiżi terzi mistiedna jikkontribwixxu għall-EULEX KOSOVO jistgħu jiġu reklutati fuq bażi kuntrattwali, kif meħtieġ.

(*) ĠU L 42, 16.2.2008, p. 92."

(2) Fl-4 ta' Frar 2008 il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni ta' l-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO ⁽²⁾. Din l-Azzjoni Konġunta tipprevedi inter alia li l-EUPT Kosovo ser jaġixxi bħala l-element prinċipali ta' ppjanar u tħejjija għall-EULEX KOSOVO, u li l-EUPT Kosovo għandu jkun responsabbli għar-reklutaġġ u l-iskjerament ta' persunal u l-akkwist ta' tagħmir, servizzi u bini maħsubin għall-EULEX KOSOVO. Hija tipprevedi wkoll li Stati terzi jistgħu jissekondaw persunal lill-EULEX KOSOVO u li, eċċezzjonalment, ċittadini minn Stati terzi parteċipanti jistgħu jiġu reklutati fuq bażi kuntrattwali, kif meħtieġ.

(2) L-Artikolu 7 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

(3) L-ammont finanzjarju ta' referenza previst mill-Azzjoni Konġunta 2006/304/PESK biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat ta' l-EUPT Kosovo, matul il-perijodu sħiħ tal-mandat mill-10 ta' April 2006, għandu jinkludi n-nefqa li għandha ssir waqt il-perijodu rimanenti tal-mandat.

"1. L-ammont finanzjarju ta' referenza intenzjonat li jkopri n-nefqa relatata mal-mandat ta' l-EUPT Kosovo għandu jkun ta' EUR 79 505 000."

(4) L-Azzjoni Konġunta 2006/304/PESK għandha tiġi estiża u emendata kif meħtieġ,

(3) L-Artikolu 15(2) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

⁽¹⁾ ĠU L 112, 26.4.2006, p. 19. Azzjoni Konġunta kif emendata l-aħħar mill-Azzjoni Konġunta 2007/778/PESK (ĠU L 312, 30.11.2007, p. 68).

⁽²⁾ ĠU L 42, 16.2.2008, p. 92.

"2. Għandha tiskadi fl-14 ta' Ġunju 2008."

Artikolu 2

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Marzu 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

I. JARC

AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2008/229/PESK**tas-17 ta' Marzu 2008****li tememda l-Azzjoni Konġunta 2007/369/PESK dwar l-istabbiliment tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea fl-Afganistan (EUPOL AFGHANISTAN)**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

- (1) Fit-30 ta' Mejju 2007 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2007/369/PESK li tistabbilixxi Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea fl-Afganistan (EUPOL AFGHANISTAN) ⁽¹⁾ għal perijodu ta' 3 snin. Il-fażi operattiva ta' l-EUPOL AFGHANISTAN bdiet fil-15 ta' Ġunju 2007.
- (2) L-ammont finanzjarju ta' referenza previst fl-Artikolu 13(1) ta' l-Azzjoni Konġunta 2007/369/PESK għandu jiġi estiż biex ikopri l-perijodu sat-30 ta' Settembru 2008,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Artikolu 1

L-Azzjoni Konġunta 2007/369/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

- (1) Il-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 13 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-ammont finanzjarju ta' referenza maħsub sabiex ikopri l-ispiża relatata ma' l-EUPOL AFGHANISTAN sat-30 ta' Settembru 2008 għandu jkun ta' EUR 43 600 000.”;

- (2) Il-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 13 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“2. L-ammont finanzjarju ta' referenza għall-kumpliment tas-sena 2008, kif ukoll għas-snin 2009 u 2010 għall-EUPOL AFGHANISTAN għandu jkun deċiż mill-Kunsill.”

Artikolu 2

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 17 ta' Marzu 2008.

*Għall-Kunsill**Il-President*

I. JARC

⁽¹⁾ ĠU L 139, 31.5.2007, p. 33. Azzjoni Konġunta kif emendata bl-Azzjoni Konġunta 2007/733/PESK (ĠU L 295, 14.11.2007, p. 31).

AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2008/230/PESK

tas-17 ta' Marzu 2008

dwar appoġġ għall-attivitajiet ta' l-UE sabiex issir promozzjoni tal-kontroll ta' armi għall-esportazzjoni u l-prinċipji u l-kriterji tal-Kodiċi ta' Kondotta ta' l-UE dwar l-Esportazzjoni ta' l-Armi bejn pajjiżi terzi

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 14 tiegħu;

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Ġunju 1997 il-Kunsill adotta l-Programm ta' l-UE għall-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra t-Traffikar Illeċitu ta' Armi Konvenzjonali, li jimpenja lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jieħdu azzjoni konċertata biex jassistu pajjiżi oħra fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' l-armi.
- (2) Fit-8 ta' Ġunju 1998 l-Kunsill adotta l-Kodiċi ta' Kondotta ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-Esportazzjoni ta' l-Armi li jistipula tmien kriterji għall-esportazzjoni ta' armi konvenzjonali, jistabbilixxi mekkaniżmu ta' notifika u konsultazzjoni għal każdiet u jinkludi proċedura ta' trasparenza permezz tal-pubblikazzjoni tar-rapporti annwali ta' l-UE dwar l-esportazzjoni ta' l-armi. Sa mill-adozzjoni tiegħu l-Kodiċi kkontribwixxa b'mod sinifikanti għall-armonizzazzjoni tal-linji politiċi nazzjonali dwar il-kontroll ta' l-esportazzjoni ta' l-armi u l-prinċipji u l-kriterji tiegħu ġew sottokritti uffiċjalment minn diversi pajjiżi terzi.
- (3) Id-dispożizzjoni operattiva 11 tal-Kodiċi ta' Kondotta ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-Esportazzjoni ta' l-Armi tiddikjara li l-Istati Membri ser jużaw l-aqwa sforzi tagħhom biex jinkoraġġixxu Stati oħra li jespertaw l-armi biex jissottoskrivu għall-prinċipji tal-Kodiċi.
- (4) L-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà adottata minn Kapijiet ta' Stat u Gvern fit-12 ta' Diċembru 2003 ssemmi ħames sfidi ewlenin li jridu jiġu ffaċċjati mill-UE fl-ambjent ta' wara l-Gwerra Bierda: it-terroriżmu, il-proliferazzjoni ta' l-armi tal-gerda tal-massa, il-konflitti reġjonali, il-falliment ta' l-Istat u l-kriminalità organizzata. Il-konsegwenzi taċ-ċirkolazzjoni mhux ikkontrollata ta' armi konvenzjonali huma ċentrali għal erba' minn dawn il-ħames sfidi. Tabilħaqq, it-trasferiment mhux ikkontrollat ta' l-armi jikkontribwixxi fl-aggravazzjoni tat-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, u huwa fattur prinċipali fit-tfaqqigħ u l-firxa ta' konflitti, kif ukoll fil-waqgħa ta' l-istrutturi ta' l-Istat. Flimkien ma' dan, l-Istrateġija tissottolinja l-importanza ta' kontrolli ta' esportazzjoni biex jikkontrollaw il-proliferazzjoni.
- (5) L-Istrument Internazzjonali li jippermetti Stati Jidentifikaw u Jintraċċaw, b'mod f'Waqt u Affidabbli, Armi Żgħar u Armamenti Ħfief Illeċiti, adottat mill-Assemblea

Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-8 ta' Diċembru 2005 għandu l-għan li jtejjeb l-effettività ta', u jikkumplementa, ftehimiet eżistenti bilaterali, reġjonali u internazzjonali biex jevita, jiġġieled u jeradika l-kummerċ illeċitu ta' armi żgħar u armamenti ħfief fl-aspetti kollha tiegħu.

- (6) L-Istrateġija ta' l-UE biex tiġġieled l-akkumulazzjoni u t-traffikar ta' armi żgħar u armamenti ħfief illeċiti (SALW) u l-munizzjon tagħhom, adottata mill-Kunsill Ewropew fil-15 u fis-16 ta' Diċembru 2005, tipprevedi li flivell reġjonali u internazzjonali l-UE għandha tappoġġja t-tisħiħ tal-kontrolli fl-esportazzjoni u l-promozzjoni tal-kriterji tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar l-Esportazzjoni ta' l-Armi billi, inter alia, tgħin pajjiżi terzi jabbozzaw legi-lazzjoni nazzjonali dwar dan u tippromwovi miżuri biex tittejjeb it-trasparenza.
- (7) Fis-6 ta' Diċembru 2006 l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, bl-appoġġ ta' l-Istati Membri kollha ta' l-Unjoni Ewropea, adottat ir-Riżoluzzjoni 61/89, intitolata "Lejn trattat dwar il-kummerċ fl-armi: stabbiliment ta' standards internazzjonali komuni għall-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-trasferiment ta' armi konvenzjonali". F'Diċembru 2006 u f'Ġunju u Diċembru 2007 l-Kunsill adotta konklużjonijiet li jissottolinjaw li huwa importanti għall-UE u l-Istati Membri li jkollhom rwol attiv u jikkooperaw ma' Stati u organizzazzjonijiet reġjonali oħra fil-proċess fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti biex jistabbilixxu standards internazzjonali komuni għall-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-trasferiment ta' armi konvenzjonali, li jkunu ta' kontribut kbir għall-indirizzar tal-proliferazzjoni mhux mixtieqa u irresponsabbli ta' armi konvenzjonali li jimminaw il-paċi, is-sigurtà, l-iżvilupp u r-rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem.
- (8) Il-pjanijiet ta' azzjoni maqbula bejn l-UE u l-pajjiżi msieħba taħt il-Politika Ewropea tal-Viċinat jinkludu jew referenza diretta għall-Kodiċi ta' Kondotta ta' l-UE dwar l-Esportazzjonijiet ta' l-Armi jew għall-iżvilupp ta' sistemi effettivi ta' kontrolli nazzjonali ta' esportazzjonim,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Artikolu 1

1. Għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni prattika ta':

— l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà,

— l-Istrateġija ta' l-UE biex tiġġieled l-akkumulazzjoni illeċita u t-traffikar ta' l-SALW u l-munizzjon tagħhom,

- id-dispożizzjoni operattiva 11 tal-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew dwar l-Esportazzjonijiet ta' l-Armi,
- il-Programm għall-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra t-Traffikar Illeċitu fl-Armi Konvenzjonali,
- l-Istrument Internazzjonali li jippermetti Stati jidentifikaw u Jintraċċaw, b'mod f'Waqtu u Affidabbli, Armi Żgħar u Armamenti Ħfief,
- il-Pjanijiet ta' Azzjoni fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, u
- l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Trattat Internazzjonali dwar il-Kummerċ fl-Armi,

l-Unjoni Ewropea għandha tappoġġja attivitajiet sabiex tippromwovi l-oġettivi li ġejjin:

- (a) li tippromwovi l-kriterji u l-prinċipji tal-Kodiċi ta' Kondotta ta' l-UE dwar l-Esportazzjonijiet fl-Armi fost pajjiżi terzi;
- (b) li tassisti pajjiżi terzi fl-abbozzar u l-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni biex jiġi żgurat kontroll effettiv ta' l-esportazzjonijiet ta' l-armi;
- (c) li tassisti pajjiżi fit-taħriġ ta' uffiċjali ta' liċenzjar biex tiġi żgurata implimentazzjoni adegwata u infurzar ta' kontrolli ta' esportazzjoni ta' armi;
- (d) li tassisti pajjiżi fl-elaborazzjoni ta' rapporti nazzjonali dwar l-esportazzjonijiet ta' armi u l-promozzjoni ta' forum oħra ta' skrutinju sabiex tiġi promossa t-trasparenza u r-responsabbiltà fl-esportazzjonijiet ta' armi;
- (e) li tinkoraġġixxi terzi pajjiżi jappoġġjaw il-proċess tan-NU bil-għan li jiġi adottat trattat internazzjonali li jorbot u li jistabbilixxi standards komuni għall-kummerċ dinji f'armi konvenzjonali, u li tassisti fl-iżgurar li dawn ikunu f'pożizzjoni biex jikkonformaw ma' tali standards komuni possibbli.

2. Deskrizzjoni tal-proġetti li jgħinu dawn l-oġettivi, kif msemmija fil-paragrafu 1, hija mniżżla fl-Anness.

Artikolu 2

1. Il-Presidenza, assistita mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill/Rappreżentant Għoli għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (SĠ/RGħ), għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta'

din l-Azzjoni Konġunta. Il-Kummissjoni għandha tkun assoċjata b'mod sħiħ.

2. L-implimentazzjoni teknika tal-proġetti msemmija fl-Artikolu 1(2) għandha tkun fdata lil:

- iċ-Ċentru Sloven għall-Perspettiva Ewropea, li jaġixxi fisem il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin tar-Repubblika tas-Slovenja, fir-rigward tal-proġetti li jikkonċernaw il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u t-Turkija,
- il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin u Ewropej tar-Repubblika ta' Franza, fir-rigward tal-proġett li jikkonċerna pajjiżi ta' l-Afrika ta' Fuq u dawk Mediterranji,
- il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin tar-Repubblika Ċeka, fir-rigward tal-proġetti li jikkonċernaw il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u l-Ukraina,
- l-Ispettorat Żvediż ta' Prodotti Strateġiċi, li jaġixxi fisem il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin tar-Renju ta' l-Iżvezja, fir-rigward tal-proġett li jikkonċerna l-Armenja, l-Azerbajġan, il-Belarus, il-Ġeorġja u l-Moldova.

3. Il-Presidenza, is-SĠ/RGħ u l-Kummissjoni għandhom iżommu lil xulxin informati dwar l-implimentazzjoni ta' din l-Azzjoni Konġunta, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom.

Artikolu 3

1. L-ammont finanzjarju ta' referenza għall-implimentazzjoni tal-proġetti msemmija fl-Artikolu 1(2) għandu jkun ta' EUR 500 500, li għandu jiġi ffinanzjat mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

2. L-infiq iffinanzjat mill-ammont stipulat fil-paragrafu 1 għandu jkun amministrat skond il-proċeduri u r-regoli tal-Komunità Ewropea applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. L-infiq għandu jkun eliġibbli, inkluż spejjeż indiretti, sa mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din l-Azzjoni Konġunta.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-implimentazzjoni tajba tal-kontribut ta' l-UE msemmi fil-paragrafu 1. Għal dan il-għan, hija għandha tikkonkludi Ftehimiet ta' Finanzjament ma' l-entitajiet ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 2 dwar kondizzjonijiet għall-użu tal-kontribut ta' l-UE. Il-ftehimiet għall-finanzjament għandhom jistipulaw li l-entitajiet ta' implimentazzjoni għandhom jiżguraw viżibbiltà tal-kontribut ta' l-UE, xieraq għad-daqs tiegħu.

Artikolu 4

Il-Presidenza, assistita mis-SĠ/RGħ, għandha tirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din l-Azzjoni Konġunta. Ir-rapporti għandhom jiffurmaw il-bażi għall-evalwazzjoni magħmula mill-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha tkun assoċjata b'mod sħiħ u għandha tippovdi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni finanzjarja tal-proġetti kif imsemmija fl-Artikolu 3(3).

Artikolu 5

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Hija ser tiskadi fis-17 ta' Marzu 2010.

Artikolu 6

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Marzu 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

I. JARC

ANNEX

Appoġġ għall-attivitajiet ta' l-UE sabiex issir promozzjoni tal-kontroll ta' armi għall-esportazzjoni u l-prinċipji u l-kriterji tal-Kodiċi ta' Kondotta ta' l-UE dwar l-Esportazzjoni ta' l-Armi bejn pajjiżi terzi**I. Għanijiet**

L-objettivi ġenerali ta' din l-Azzjoni Konġunta huma:

- (a) li tippromwovi l-kriterji u l-prinċipji tal-Kodiċi ta' Kondotta ta' l-UE dwar l-Esportazzjonijiet fl-Armi fost pajjiżi terzi;
- (b) li tassisti pajjiżi terzi fl-abbozzar u l-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni biex jiġi żgurat kontroll effettiv ta' l-esportazzjonijiet ta' l-armi;
- (c) li tassisti pajjiżi fit-taħriġ ta' uffiċjali ta' liċenzjar biex tiġi żgurata implimentazzjoni adegwata u infurzar ta' kontrolli ta' esportazzjoni ta' armi;
- (d) li tassisti pajjiżi fl-elaborazzjoni ta' rapporti nazzjonali dwar l-esportazzjonijiet ta' armi u l-promozzjoni ta' forum oħra ta' skrutinju sabiex tiġi promossa t-trasparenza u r-responsabbiltà fl-esportazzjonijiet ta' armi;
- (e) li tinkoraġġixxi terzi pajjiżi jappoġġaw il-proċess tan-Nazzjonijiet Uniti bil-għan li jiġi adottat trattat internazzjonali li jorbot u li jistabbilixxi standards komuni għall-kummerċ dinji f'armi konvenzjonali, u li tassisti fl-iżgurar li dawn ikunu f'pożizzjoni biex jikkonformaw ma' tali *standards* komuni possibbli.

II. Proġetti

Għan:

Li tipprovdi assistenza teknika lil pajjiżi terzi interessati li wrew rieda li jtejbu l-*standards* u l-prattiki tagħhom fil-qasam tal-kontroll ta' l-esportazzjonijiet ta' tagħmir militari, u biex jallinjaw l-*standards* u l-prattiki tagħhom ma' dawk maqbula u applikati mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, u stabbiliti fil-Kodiċi ta' Kondotta ta' l-UE dwar l-Esportazzjonijiet ta' l-Armi, u l-Manwal ta' l-Utent li jakkumpanjah.

Deskrizzjonijiet u stima ta' l-ispejjeż:

- (i) *Workshops* ma' gruppi ta' pajjiżi

Il-proġett ser jieħu l-forma ta' 4 *workshops* ta' jumejn li għalihom ser jiġu mistiedna uffiċjali tal-gvern u ta' liċenzjament mill-grupp ta' pajjiżi magħżul. Preferibbilment il-*workshops* ser isiru f'wieħed mill-pajjiżi mira u t-taħriġ f'oqasma rilevanti ser jingħata minn esperti minn amministrazzjonijiet nazzjonali ta' Stati Membri ta' l-UE, u s-Segretarjat tal-Kunsill ta' l-UE u/jew is-settur privat (inklużi l-OMG).

- (ii) *Workshops* ma' pajjiżi individwali

Il-proġett ser jieħu l-forma ta' 2 *workshops* ta' jumejn ma' pajjiżi mira individwali li għalihom ser jiġu mistiedna uffiċjali tal-gvern u ta' liċenzjament mill-pajjiż mira. Preferibbilment il-*workshops* ser isiru f'wieħed mill-pajjiżi mira u t-taħriġ f'oqasma rilevanti ser jingħata minn esperti minn amministrazzjonijiet nazzjonali ta' Stati Membri ta' l-UE, is-Segretarjat tal-Kunsill ta' l-UE u/jew is-settur privat (inklużi l-OMG).

III. Durata

It-tul ta' żmien totali stmat għall-implimentazzjoni tal-proġetti ser ikun ta' 24 xahar.

IV. Benefiċjarji

Gruppi ta' pajjiżi benefiċjarji:

- (i) il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent (2 *workshops* ta' jumejn, wieħed fl-ewwel semestru ta' l-2008 u ieħor fl-ewwel semestru ta' l-2009):

— l-Albanija; il-Bosnja u Herzegovina, il-Kroazja, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro, is-Serbja

(ii) L-Imsieħba Mediterranji ta' l-Afrika ta' Fuq għall-Politika Ewropea tal-Viċinat (*workshop* wieħed ta' jumejn fit-tieni semestru ta' l-2008):

— l-Alġerija, l-Eġittu, il-Libja, il-Marokk u t-Tuneżija

(iii) L-imsieħba ta' l-Ewropa tal-Lvant u l-Kawkasu għall-Politika Ewropea tal-Viċinat (*workshop* wieħed ta' jumejn fit-tieni semestru ta' l-2009)

— l-Armenja, l-Azerbajġan, il-Belarus, il-Ġeorġja u l-Moldova

Il-pajjiżi benefiċjarji individwali kif ġej (*workshop* wieħed ta' jumejn fl-ewwel semestru ta' l-2008 u ieħor fl-ewwel semestru ta' l-2009):

— it-Turkija, l-Ukraina

(Jekk xi wieħed minn dawn il-pajjiżi msemmija hawn fuq ma jkunx jixtieq jipparteċipa fil-*workshop*, pajjiżi addizzjonali ser jiġu magħżula ⁽¹⁾ mill-imsieħba addizzjonali li ġejjin tal-Politika Ewropea tal-Viċinat: l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, l-Awtorità Palestinjana, is-Sirja.)

V. **Arranġamenti finanzjarji**

Il-proġetti ser jiġu ffinanzjati fl-intier tagħhom minn din l-Azzjoni Konġunta.

Stima tal-mezzi finanzjarji totali meħtieġa: l-ispejjeż totali tal-proġett kif deskritti f'din l-Azzjoni Konġunta huma ta' EUR 500 500.

⁽¹⁾ Li jrid jiġi maqbul mill-istanzi kompetenti li jieħdu d-deċiżjonijiet tal-Kunsill fuq proposta mill-Presidenza, assistita mis-SĠ/RGħ. Il-Kummissjoni għandha tkun assoċjata b'mod sħiħ.